



Dokument ta' sessjoni

A9-0424/2023

8.12.2023

RAPPORT

dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni
Ewropea dwar il-kwistjoni – rapport annwali 2023
(2023/2118(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: Nacho Sánchez Amor

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
NOTA SPJEGATTIVA	37
ANNEX I: KAŻIJET INDIVIDWALI MQAJMA MILL-PARLAMENT EWROPEW MINN DIĊEMBRU 2022.....	38
ANNEX II: LISTA TAR-REBBIEĦA TAL-PREMJU SAKHAROV U TAL-FINALISTI FIL-ĦABS U MĊAĦĦDA MIL-LIBERTÀ	62
ANNEX III: LISTA TA' RIŻOLUZZJONIJIET	64
ANNEX IV: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM.....	69
ITTRA TAL-KUMITAT GĦAD-DRITTIJET TAN-NISA U L-UGWALJANZA BEJN IS- SESSI	70
INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	76
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	77

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni – rapport annwali 2023 (2023/2118(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 3, 8, 21 u 23 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),
- wara li kkunsidra l-Artikoli 17 u 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u trattati u strumenti oħra tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet tal-bniedem,
- wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi,
- wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1951 dwar ir-Rifuġjati u l-Protokoll tal-1967 tagħha,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Prevenzjoni u l-Kastig tad-Delitt ta' Ġenoċidju tal-1948 u r-Riżoluzzjoni 43/29 tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti tat-22 ta' Ġunju 2020 dwar il-prevenzjoni tal-ġenoċidju,
- wara li kkunsidra Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Suppressjoni u l-Kastig tad-Delitt tal-Apartheid tal-1976,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra (UNCAT) tal-10 ta' Diċembru 1984,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa tat-18 ta' Diċembru 1979,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD),
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Intolleranza u ta' Diskriminazzjoni Bbażata fuq Reliġjon jew Twemmin, ipproklamata mir-riżoluzzjoni 36/55 tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti tal-25 ta' Novembru 1981,

- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni li jagħmlu parti minn Minoranzi Nazzjonali, Etniċi, Reliġjużi u Lingwistiċi tat-18 ta' Diċembru 1992,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem, adottata b'kunsens mir-Riżoluzzjoni 53/144 tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fid-9 ta' Diċembru 1998,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-20 ta' Novembru 1989 u ż-żewġ Protokolli Fakultattivi għaliha, adottati fil-25 ta' Mejju 2000,
- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 55/25 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra l-Kriminalità Organizzata Tranżnazzjonali (il-Protokoll ta' Palermo) tal-15 ta' Novembru 2000 u l-Protokoll għall-Prevenzjoni, Soppressjoni u Punizzjoni ta' Traffikar ta' Persuni, speċjalment ta' Nisa u Tfal, li daħal fis-seħħ fil-25 ta' Diċembru 2003,
- wara li kkunsidra t-Trattat tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ tal-Armi, li daħal fis-seħħ fl-24 ta' Diċembru 2014, u l-Kodiċi ta' Kondotta tal-UE dwar l-Esportazzjoni ta' Armi tal-5 ta' Ġunju 1998,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Beijing tan-Nazzjonijiet Uniti ta' Settembru 1995,
- wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli adottata fil-25 ta' Settembru 2015, u b'mod partikolari l-għanijiet 1, 4, 5, 8, 10 u 16 tagħha,
- wara li kkunsidra l-Patt Globali għal Migrazzjoni Sikura, Ordната u Regolari adottat fid-19 ta' Diċembru 2018 u l-Patt Globali dwar ir-Refuġjati tas-17 ta' Diċembru 2018,
- wara li kkunsidra t-tmien rieżami tal-Istrateġija Globali tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra t-Terroriżmu, adottat fit-22 ta' Ġunju 2023,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa tal-4 ta' April 1997 dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tad-Dinjità tal-Bniedem fir-rigward tal-Aplikazzjoni tal-Bijoloġija u l-Mediċina, u l-Protokolli Addizzjonali għalihom, tas-16 ta' Mejju 2005 dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin, u tal-25 ta' Ottubru 2007 dwar il-Protezzjoni tat-Tfal kontra l-Isfruttament u l-Abbuż Sesswali,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-11 ta' Mejju 2011 tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul), li mhux l-Istati Membri kollha rratifikaw,
- wara li kkunsidra l-Protokolli Nru 6 u Nru 13 għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali dwar l-Abolizzjoni tal-Piena tal-Mewt tat-28 ta' April 1983,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/1998 tas-7 ta' Diċembru 2020

dwar miżuri restrittivi kontra ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem¹,

- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009²,
- wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024, adottat mill-Kunsill fis-17 ta' Novembru 2020 u r-Rieżami ta' Nofs it-Terminu tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2023,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tal-25 ta' Novembru 2020 bit-titolu “Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Ġeneru (Gender Action Plan, GAP) III – Aġenda Ambizzjuża għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u l-Għoti tas-Setgħa lin-Nisa fl-Azzjoni Esterna” (JOIN(2020)0017),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Settembru 2020 bit-titolu “Unjoni ta' Ugwaljanza: Pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu 2020-2025” (COM(2020)0565),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Marzu 2021 dwar strateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal (COM(2021)0142),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2021 bit-titolu “Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030” (COM(2021)0101),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Novembru 2020 bit-titolu “Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025” (COM(2020)0698),
- wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, adottati mill-Kunsill fl-14 ta' Ġunju 2004 u riveduti fl-2008, u wara li kkunsidra t-tieni nota ta' gwida dwar l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida, approvata fl-2020,
- wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar il-promozzjoni ta' konformità mal-liġi umanitarju internazzjonali tal-2005, kif aġġornati fl-2009³,
- wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar il-Piena tal-Mewt, kif aġġornati mill-Kunsill fit-12 ta' April 2013,
- wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tal-libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin, adottati mill-Kunsill fl-24 ta' Ġunju 2013,

¹ ĠU L 410 I, 7.12.2020, p. 1.

² ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1.

³ ĠU C 303, 15.12.2009, p. 12.

- wara li kkunsidra l-Linji Gwida għall-promozzjoni u l-protezzjoni tat-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem kollha minn persuni leżbjani, gay, bisesswali, transġeneru u intersesswali (LGBTI), adottati mill-Kunsill fl-24 ta' Ġunju 2013,
- wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem dwar il-libertà tal-espressjoni online u offline, adottati mill-Kunsill fit-12 ta' Mejju 2014,
- wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem għan-nondiskriminazzjoni fl-azzjoni esterna, adottati mill-Kunsill fit-18 ta' Marzu 2019,
- wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem b'rabta mal-ilma tax-xorb sikur u s-sanità, adottati mill-Kunsill fis-17 ta' Ġunju 2019,
- wara li kkunsidra l-Linji Gwida riveduti għall-politika tal-UE lejn pajjiżi terzi dwar it-tortura u t-trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, kif adottati mill-Kunsill fis-16 ta' Settembru 2019,
- wara li kkunsidra l-Linji Gwida riveduti tal-UE dwar id-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem ma' pajjiżi sħab/terzi, approvati mill-Kunsill fit-22 ta' Frar 2021,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Settembru 2012 bit-titolu “L-għerquq ta' demokrazija u żvilupp sostenibbli: il-kooperazzjoni tal-Ewropa mas-Soċjetà Ċivili fir-relazzjonijiet esterni” (COM(2012)0492),
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2023 dwar ir-rwol tal-ispaceju ċiviku fil-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-UE,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2023 dwar il-prijoritajiet tal-UE fil-fora tal-2023 tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem,
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-23 ta' Frar 2022 għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 (COM(2022)0071),
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-14 ta' Settembru 2022 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-projbizzjoni ta' prodotti magħmulin b'xogħol furzat fis-suq tal-Unjoni (COM(2022)0453),
- wara li kkunsidra l-proposta konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tat-3 ta' Mejju 2023 għal regolament tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi kontra atti serji ta' korruzzjoni (JOIN(2023)0013),
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Reykjavik tal-Kunsill tal-Ewropa “United around our values” (Magħqudin madwar il-valuri tagħna) tas-16-17 ta' Mejju 2023,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali bit-titolu “Protecting human rights defenders at risk: EU entry, stay and support” (Il-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem f'riskju: id-dħul, ir-residenza u l-appoġġ tal-UE) tal-11 ta' Lulju 2023,

- wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fid-Dinja 2022,
- wara li kkunsidra l-Pjan Direzzjonali Konġunt tas-7 ta' Settembru 2022 tal-Parlament Ewropew u tal-Presidenzi b'Rotazzjoni tal-Kunsill dwar l-organizzazzjoni, il-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni tal-iskeda ta' żmien għan-negozjati bejn il-koleġiżlaturi dwar is-SEKA u l-Patt Ewropew il-Ġdid dwar il-migrazzjoni u l-ażil,
- wara li kkunsidra l-Premju Sakharov għal-Libertà tal-Ħsieb tiegħu u r-rebbieħa tiegħu, mogħti fl-2023 lil Jina Mahsa Amini u lill-Moviment Nisa, Ħajja u Libertà tal-Iran,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2019 dwar il-Linji Gwida tal-UE u l-mandat tal-Mibgħut Speċjali tal-UE dwar il-promozzjoni tal-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin barra l-UE⁴,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2020 dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri fil-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-UE⁵,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Mejju 2021 dwar il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u l-politika barranija tal-UE dwar il-migrazzjoni⁶,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Mejju 2021 dwar l-effetti tat-tibdil fil-klima fuq id-drittijiet tal-bniedem u r-rwol tad-difensuri tal-ambjent f'din il-kwistjoni⁷,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Lulju 2021 dwar ir-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem (l-Att Magnitsky tal-UE)⁸,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Settembru 2021 li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-identifikazzjoni ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru bħala qasam ġdid ta' kriminalità elenkat fl-Artikolu 83(1) tat-TFUE⁹,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Marzu 2023 dwar il-Linji Gwida tal-UE dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem¹⁰,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu tas-17 ta' Frar 2022 lill-Kunsill u lill-Viċi-President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar il-korruzzjoni u d-drittijiet tal-bniedem¹¹,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Jannar 2023 dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni – rapport annwali 2022¹², u r-risoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar rapporti annwali

⁴ ĠU C 411, 27.11.2020, p. 30.

⁵ ĠU C 404, 6.10.2021, p. 202.

⁶ ĠU C 15, 12.1.2022, p. 70.

⁷ ĠU C 15, 12.1.2022, p. 111.

⁸ ĠU C 99, 1.3.2022, p. 152.

⁹ ĠU C 117, 11.3.2022, p. 88.

¹⁰ ĠU C, C/2023/409, 23.11.2023, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/C/2023/409/oj?locale=mt>.

¹¹ ĠU C 342, 6.9.2022, p. 295.

¹² ĠU C 214, 16.6.2023, p. 77.

preċedenti,

- wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tiegħu dwar il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt (magħrufa bħala rrizoluzzjonijiet ta' urġenza) adottati f'konformità mal-Artikolu 144 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu mill-2019, u b' mod partikolari dawk adottati fl-2022 u fl-2023,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-ittra mill-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A9-0424/2023),
- A. billi l-2023 tfakkar il-75 anniversarju tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, it-30 anniversarju tad-Dikjarazzjoni u l-Programm ta' Azzjoni ta' Vjenna, il-25 anniversarju tad-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI);
- B. billi l-Unjoni Ewropea hija ggwidata fl-azzjoni esterna tagħha mill-valuri u l-prinċipji minqax fl-Artikolu 2, l-Artikolu 3(5) u l-Artikolu 21(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li ispiraw il-ħolqien, l-iżvilupp u t-tkabbir tal-UE stess; billi dawn il-valuri jinkludu, l-ewwel u qabel kollox, ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali, l-istat tad-dritt u l-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem, il-prinċipji tal-ugwaljanza, is-solidarjetà u n-nondiskriminazzjoni u r-rispett għall-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u tad-dritt internazzjonali;
- C. billi l-Unjoni, fl-azzjoni esterna tagħha, jeħtiġilha tiddefinixxi u ssegwi politiki u azzjonijiet komuni biex tikkonsolida u tappoġġja d-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, skont l-Artikolu 21(2) tat-TUE; billi dan jista' jinkiseb biss billi d-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem jitqiegħdu b'suċċess fil-qalba tal-politiki u l-għodod kollha tal-UE, inklużi, fost l-oħrajn, l-kummerċ, l-iżvilupp, is-sigurtà u d-difiża, u t-tkabbir;
- D. billi l-konsistenza u l-koerenza bejn il-politiki interni u esterni tal-UE bbażati fuq il-prinċipji u l-valuri fundaturi tal-Unjoni huma essenzjali għall-kisba ta' politiki effettivi u kredibbli tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija;
- E. billi l-pajjiżi demokratiċi jeħtiġilhom jiggwarantixxu l-kapaċità ta' kull persuna li tgawdi d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali tagħhom; billi l-UE tibqa' impenjata bis-sħiħ favur id-difiża tal-multilateraliżmu u l-valuri, il-prinċipji u n-normi universali li jggwidaw lill-Istati Membri tan-NU; billi l-UE u s-sħab għandhom jiddefendu d-difiża tal-universalità tad-drittijiet tal-bniedem bħala prijorità;
- F. billi l-ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli qed ikollha sfida dejjem akbar minn atturi differenti li, filwaqt li jaħdmu waħedhom jew permezz ta' azzjoni miftiehma, qed jippruvaw jimminaw l-organizzazzjonijiet multilaterali u jdgħajfu, jevitaw jew ifixklu l-implimentazzjoni tad-dritt umanitarju internazzjonali u tal-liġi dwar id-drittijiet tal-bniedem; billi l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza saru parti mill-għodod

li l-atturi awtokratiċi jużaw biex jeżerċitaw pressjoni fuq il-valuri u n-normi demokratiċi, inaqqsu l-kontrolli fuq l-abbuż tal-poter, iżidu l-inċidenza u s-severità tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-ispazji ristretti għas-soċjetà ċivili, il-media indipendenti u l-movimenti demokratiċi tal-oppożizzjoni;

- G. billi n-numru ta' awtokraziji żdied, u skont l-Università ta' Gothenburg, 70 % tal-popolazzjoni tad-dinja issa tgħix taħt tmexxija awtoritarja¹³; billi r-rigress demokratiku sar xejra globali li tiddefinixxi l-politika u jinkludi demokraziji stabbiliti, li għadhom jiffaċċjaw problemi ta' polarizzazzjoni politika, disfunzjoni istituzzjonali u theddid għal-libertajiet ċivili; billi din iż-żieda fl-awtoritarjaniżmu, l-illiberaliżmu u x-xejriet reazzjonarji madwar id-dinja, inkluż fl-Unjoni Ewropea, thedded l-ordni globali bbażata fuq ir-regoli, il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja, kif ukoll il-valuri u l-prinċipji li fuqhom hija msejsa l-Unjoni Ewropea;
- H. billi r-rieżami ta' nofs it-terminu ta' din is-sena tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024 wera li, minkejja l-progress miksub sa issa, l-UE, flimkien ma' sħab tal-istess fehma, ma jistgħux jibqgħu kompjaċenti, speċjalment fil-kuntest tal-isfidi mingħajr preċedent għad-drittijiet tal-bniedem, il-libertà u d-demokrazija madwar id-dinja;
- I. billi l-ksur tad-drittijiet għal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon ikompli madwar id-dinja u qed iwassal għal oppressjoni, kunflitt u gwerri, u ksur tad-dritt internazzjonali;
- J. billi fir-rapport tal-2010 lill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-espert indipendenti fil-qasam tad-drittijiet kulturali identifika d-drittijiet kulturali bħala drittijiet relatati ma' firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet u valuri relatati mad-drittijiet tal-bniedem, bħad-dritt li wieħed jipparteċipa fil-ħajja kulturali u fl-edukazzjoni, fost l-oħrajn, kif ukoll il-preżenza ta' drittijiet kulturali fi strumenti internazzjonali differenti tad-drittijiet tal-bniedem;
- K. billi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija valur fundamentali tal-UE; billi d-drittijiet tal-bniedem tan-nisa u l-bniet, inklużi d-drittijiet sesswali u riproduttivi tagħhom, għadhom qed jinkisru madwar id-dinja; billi d-difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-drittijiet tan-nisa u s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati jkomplu jesperjenzaw spazju li qed jiċkien għall-ħidma kritika tagħhom, kif ukoll theddid ta' vjolenza, fastidju u intimidazzjoni; billi l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u approċċ intersezzjonali għandhom għaldaqstant jiġu implimentati u integrati bħala prinċipju orizzontali fl-attivitajiet u l-politiki kollha tal-UE;
- L. billi l-kriżi tal-enerġija, flimkien mal-kriżi tal-produzzjoni tal-ikel, iżżid il-faqar u l-vulnerabbiltà fid-dinja, b'impatt detrimentali fuq id-drittijiet tal-bniedem;
- M. billi l-imġiba responsabbli fin-negozju minn kumpaniji bbażati fl-UE għandha rwol kruċjali fl-iżgurar li l-politiki tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem jiġu implimentati

¹³ Università ta' Gothenburg, "The world is becoming increasingly authoritarian - but there is hope" (Id-dinja qed issir dejjem aktar awtoritarja – iżda hemm it-tama), 2 ta' Marzu 2023 <https://www.gu.se/en/news/the-world-is-becoming-increasingly-authoritarian-but-there-is-hope>.

b' mod effettiv kemm fl-UE kif ukoll barra minnha, inkluż fir-rigward tax-xogħol; billi l-UE hija impenjata li tippromwovi l-implimentazzjoni ta' mg'iba responsabbli fin-negozju fis-setturi kollha tal-produzzjoni u fil-livelli kollha tal-katina tal-valur, u li ttiprotegi l-vittmi ta' ksur u abbużi tad-drittijiet tal-bniedem relatati man-negozju;

- N. billi l-emerġenzi ambjentali, inklużi dawk li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima, id-deforestazzjoni u l-operazzjonijiet tan-negozju tal-estrazzjoni, jistgħu jwasslu għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem u jaffettwaw mhux biss lill-individwi u lill-komunitajiet fil-viċinanza immedjata tagħhom, iżda wkoll lill-umanità kollha kemm hi; billi f'dawn l-aħħar snin kien hemm żieda fl-għadd ta' każijiet ta' qtil, attacchi u forom oħra ta' vjolenza kontra persuni li jiddefendu d-drittijiet ambjentali, inklużi fost il-popolazzjonijiet indiġeni; billi t-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali huma żewġ sfidi urġenti u interkonnessi li jdgħajfu kemm l-iżvilupp sostenibbli kif ukoll it-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem globalment; billi l-ħsara lill-ambjent u l-effetti tat-tibdil fil-klima qed jaggravaw il-prekarjetà, il-marġinalizzazzjoni u l-inugwaljanza, u qed iġiegħlu dejjem aktar lin-nies jitolqu minn djarhom jew jinqabdu f'ambjenti mhux sikuri, fejn tiżdied il-vulnerabbiltà tagħhom;
- O. billi d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem (DDB) u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSC) huma alleati essenzjali fl-isforzi tal-UE biex ttiprotegi u tippromwovi d-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt u tipprevjeni l-kunflitti madwar id-dinja; billi huwa għalhekk fl-interess ewlieni tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li jappoġġjaw il-ħidma tagħhom u jipproteġuhom kif ukoll l-ispazju li joperaw fih; billi l-gvernijiet awtoritarji madwar id-dinja qed jadottaw dejjem aktar tipi ġodda ta' tattiċi u miżuri restrittivi kontra d-DDB sabiex jiċċensuraw il-ħidma tagħhom u jsikktohom u jagħtohom fastidju; billi tali miżuri jinkludu kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika (SLAPPs), politiki restrittivi tal-gvern, kampanji ta' malafama, diskriminazzjoni u intimidazzjoni jew vjolenza, inkluż qtil ekstrapudizzjarju, ħtif u arrest u detenzjoni arbitrarji; billi l-attakki kontra d-DDB qed jimmiraw dejjem aktar lill-familji u l-komunitajiet tagħhom; billi l-ispazju għas-soċjetà ċivili qed jiċkien, inkluż bħala riżultat tal-adozzjoni mill-istati madwar id-dinja ta' proċeduri ta' liċenzjar dejjem aktar stretti għall-OSC, projbizzjonijiet jew limiti fuq il-finanzjament li l-OSC jistgħu jirċievu mid-donaturi, u permezz tal-istigma ta' "aġent barrani" marbuta mal-OSC; billi f'bosta pajjiżi madwar id-dinja tipprevali klima ta' impunità għall-ksur imwettaq kontra d-DDB;
- P. billi t-terroriżmu għadu wieħed mill-akbar theddidiet għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali, u huwa ksur ċar tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali;

Nindirizzaw ix-xejriet globali u l-isfidi ewlenin

1. Jafferma mill-ġdid l-universalità, l-interdipendenza, l-interrelazzjoni u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem u d-dinjità inerenti ta' kull bniedem; jafferma mill-ġdid id-dmir tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li jippromwovu u jipproteġu d-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-universalità u l-inaljenabbiltà tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja b' mod determinat, koerenti u konsistenti; jitlob li l-UE u l-Istati Membri tagħha jippromwovu l-għaqda tal-forzi bejn id-demokraziji u l-organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali rilevanti sabiex jindirizzaw it-theddid u jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja, inkluż permezz ta' pożizzjoni robusta u pubblika

li tafferma mill-ġdid l-impenn tagħna li niddefendu l-universalità tad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt;

2. Jiddeplora r-reġimi totalitarji u awtoritarji għall-abbuż tagħhom ta' istituzzjonijiet multilaterali, b'mod partikolari tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti, li jfittxu li jinnewtralizzaw il-mekkaniżmi tad-drittijiet tal-bniedem, il-kapaċità tagħhom li jżommu lill-istati responsabbli għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll li jdgħajfu u/jew jiktbu mill-ġdid normi internazzjonali biex ikunu adatti għall-aġenda awtoritarja tagħhom; jistieden lill-Kunsill u lill-Istati Membri jaħdmu ma' alleati demokratiċi tal-istess fehma biex jappoġġjaw riforma tal-istituzzjonijiet multilaterali sabiex isiru aktar reżiljenti fid-dawl tal-influwenza malizzjuża tar-reġimi awtoritarji;
3. Jisħaq li l-UE jeħtiġilha tkun ippreparata bis-sħiħ biex tiġġieled l-influwenza dejjem akbar u malizzjuża tal-awtoritarjaniżmu, l-illiberaliżmu u l-estremiżmu, kif ukoll it-theddid għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-attakki dejjem akbar fuq l-universalità tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-dritt umanitarju internazzjonali;
4. Jissottolinja li l-impenn ambizzjuż u r-retorika tal-politika esterna tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem jirrikjeduha li tkun konsistenti u eżemplari dwar l-impenn lejn id-drittijiet universali tal-bniedem u d-demokrazija; jiddeplora d-deterjorament tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istat tad-dritt madwar id-dinja, inkluż fl-UE, li jdgħajjef il-kredibbiltà tagħha meta topponi t-tnaqis demokratiku globali u r-rigressjoni tad-drittijiet tal-bniedem; jitlob li l-UE u l-Istati Membri tagħha jmexxu bl-eżempju u jirrispettaw b'mod strett id-drittijiet tal-bniedem, jiżguraw ambjent abilitanti għas-soċjetà ċivili tagħhom u jindirizzaw kwalunkwe xejra negattiva f'dan il-qasam;
5. Jikkundanna t-tendenza dejjem akbar ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji u l-valuri demokratiċi madwar id-dinja, bħall-livelli dejjem aktar profondi ta' inugwaljanza soċjali, ekonomika u politika, it-treġġiġħ lura tad-drittijiet, b'mod partikolari għan-nisa, l-esklużjoni persistenti u sistematika u d-diskriminazzjoni ta' gruppi soċjali sħaħ, l-eżekuzzjonijiet, il-qtil ekstraġudizzjarju, it-tortura, il-vjolenza abbażi tal-ġeneru, id-diskriminazzjoni u l-apartheid tal-ġeneru, l-arresti u d-detenzjonijiet arbitrari, id-diskriminazzjoni u l-inugwaljanza sistematika u strutturali, it-trażżin ta' individwi u gruppi emarġinati u vulnerabbli, is-soċjetà ċivili, l-avversarji politiċi u l-minoranzi etniċi u reliġjużi, l-iskjavitù u x-xogħol furzat, id-deportazzjonijiet furzati, l-użu eċċessiv tal-vjolenza mill-awtoritajiet pubbliċi, iċ-ċensura u t-theddid għall-media u l-ġurnalisti indipendenti, kif ukoll theddid fl-isfera diġitali bħas-sorveljanza online u l-għeluq tal-internet, fost l-oħrajn; jikkundanna l-prattiki ta' repressjoni tranżnazzjonali minn reġimi awtokratiċi; jiddeplora d-dgħufija tal-protezzjoni tal-istituzzjonijiet demokratiċi u l-ispazju li qed jiċkien għas-soċjetajiet ċivili madwar id-dinja, li joħloq impunità għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem; jinnota li l-għadd ta' demokraziji kompli jonqos, filwaqt li l-għadd ta' reġimi awtoritarji kiber;
6. Jikkundanna n-narrattivi mfasla apposta li qed jiżviluppaw reġimi awtoritarji u illiberali biex jattakkaw l-universalità tad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt; iwissi li n-narrattivi msemmija hawn fuq qed jinfirxu minn dawn ir-reġimi f'fora internazzjonali bħall-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti; jitlob li l-UE u l-Istati Membri tagħha jiġġieldu kontra dawn in-narrattivi ostili, spiss ibbażati fuq

allegazzjonijiet ta' relativiżmu kulturali biex jaħbu l-abbużi tal-poter, fost l-oħrajn, kif ukoll id-diżinformazzjoni u l-indiżvil barrani lejn l-UE; jitlob li l-UE u l-Istati Membri jużaw l-għodod kollha għad-dispożizzjoni tagħhom, inkluż billi jisfruttaw bis-sħiħ il-potenzjal tar-relazzjonijiet kulturali internazzjonali tal-UE;

7. Huwa mħasseb dwar il-fatt li jiġu organizzati konferenzi internazzjonali u avvenimenti medjatizzati ħafna f'pajjiżi awtoritarji u illiberali fejn id-DDB jiġu ppersegwitati jew jingħataw fastidju, u li dawn il-pajjiżi jużaw avvenimenti bħal dawn bħala opportunità ta' pubbliċità u jibdlu l-immaġni tagħhom fix-xena globali fir-rigward tar-rekords tagħhom dwar id-drittijiet tal-bniedem;
8. Jindika ż-żieda fis-sett ta' għodod użat minn reġimi awtoritarji, totalitarji u illiberali li jibni qafas biex inaqqas id-drittijiet tal-bniedem permezz ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi li jintużaw biex jiġu mmanipulati l-elezzjonijiet, isikktu u jheddu s-soċjetà ċivili, individwi u gruppi emarġinati u vulnerabbli, minoranzi, avversarji politiċi, media indipendenti u vuċijiet kritiċi, jikkontrollaw il-ġudikatura u jippersegwitaw, fost l-oħrajn, lid-DDB, lill-ġurnalisti, lill-avukati, lill-artisti u lill-attivisti, li jikkritikaw il-prattiki ta' dawn ir-reġimi;
9. Jikkundanna n-nuqqas ta' rispett dejjem akbar għad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem minn reġimi awtoritarji u illiberali, b'mod partikolari dawk li joħolqu u jespandu kunflitti interni u internazzjonali eżistenti, u jikkawżaw oħrajn ġodda, b'konsegwenzi devastanti għad-drittijiet tal-bniedem; jinnota li dawn ir-reġimi jippruvaw idgħajfu l-leġittimità tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem sabiex jiġi evitat l-applikazzjoni tiegħu, li huma marbuta miegħu;
10. Jitlob li ssir valutazzjoni tal-effettività tal-istrateġija "kwieta" jew "ta' diplomazija silenzjuża" u jitlob li l-UE ssemma' leħinha aktar meta tiddefendi d-drittijiet tal-bniedem;
11. Jikkundanna bil-qawwa u huwa mħasseb ħafna dwar l-atroċitajiet, id-delitti tal-gwerra u l-ksur serju tad-dritt umanitarju internazzjonali, inklużi l-vjolenza sesswali, il-vjolenza abbażi tal-ġeneru, id-deportazzjoni tat-tfal u t-tortura u l-qtil ta' persuni ċivili u prigionieri tal-gwerra, imwettqa mill-forzi armati Russi u r-rappreżentanti tagħhom fil-gwerra ta' aggressjoni illegali, mhux iġġustifikata u mhux ipprovokata tar-Russja kontra l-Ukrajna; ifakkar li l-appoġġ lill-Ukrajna fil-gwerra tagħha kontra r-Russja huwa ta' importanza essenzjali biex tiġi ssalvagwardjata ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli; iħeġġeġ it-teħid tal-miżuri kollha meħtieġa biex jiġi żgurat li dawk li wettqu delitti tal-gwerra u ksur tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ukrajna jiġu identifikati u jinżammu responsabbli; jitlob li l-UE u l-Istati Membri tagħha jkomplu joffru l-appoġġ sħiħ tagħhom lill-partijiet ikkonċernati, il-miżuri u l-mekkaniżmi rilevanti f'dan il-qasam, inklużi l-prosekuturi, l-investigaturi u l-ġudikatura Ukreni, il-QKI, il-Kummissjoni ta' Inkjesta tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU u l-investigazzjonijiet nazzjonali skont il-prinċipju tal-ġurisdizzjoni universali; jišhaq fuq l-importanza li tinġabar u tiġi ppreżervata malajr l-evidenza ta' delitti tal-gwerra u delitti kontra l-umanità, u jilqa' l-isforzi tas-soċjetà ċivili għal dan l-għan;
12. Jinnota b'sodisfazzjon li hemm ukoll "punti pożittivi għad-drittijiet tal-bniedem", li jirriflettu xi progress f'dan il-kuntest ta' sfidi ewlenin għad-drittijiet tal-bniedem

madwar id-dinja; jappoġġja bil-qawwa l-ħidma tan-NU, tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE), tal-Uffiċċju tal-OSKE għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem (ODIHR) u tal-Kunsill tal-Ewropa (KtE), kif ukoll tad-DDB u tal-OSĊ, fost l-oħrajn, biex l-impenji internazzjonali jissarrfu f'azzjonijiet konkreti għar-realizzazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem; jissottolinja l-ħtieġa ta' komunikazzjoni aktar strateġika dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija li turi l-impenn tal-UE billi tikkondividi żviluppi pożittivi, politiki u l-aħjar prattiki, u jistieden lid-Delegazzjonijiet tal-UE u lill-missjonijiet diplomatiċi tal-Istati Membri tal-UE jaġixxu wkoll f'dan ir-rigward f'pajjiżi terzi; jappoġġja l-kampanja tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) biex tfakkar il-75 anniversarju tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-2023 b'appoġġ għall-Inizjattiva 75 tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Inizjattiva ta' Stejjer Pożittivi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem¹⁴ bħala mod kif jiġu promossi stejjer pożittivi dwar id-drittijiet tal-bniedem;

Nirrispondu għall-isfidi universali tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija

Inħarsu d-drittijiet tal-bniedem internazzjonali u l-liġi umanitarja

13. Jisħaq fuq ir-rabta bejn il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-impunità mifruxa u n-nuqqas ta' obbligu ta' rendikont fir-reġjuni u fil-pajjiżi milquta mill-kunflitti; jissottolinja l-ħtieġa li jiġu rispettati d-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali b'attenzjoni partikolari għall-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra; jikkundanna bil-qawwa l-ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem mill-forzi tal-gvern u mill-gruppi armati madwar id-dinja, li f'xi każijiet irrappreżentaw delitti tal-gwerra u delitti kontra l-umanità; jitlob li tiġi garantita b'mod effettiv il-moġhdija malajr u mingħajr xkiel tal-ġhajjnuna umanitarja waqt kunflitti armati u diżastri naturali, u għall-ħolqien sistematiku ta' kurituri umanitarji meta u fejn ikun meħtieġ f'sitwazzjonijiet ta' kunflitti armati u gwerer; jikkundanna t-tentattivi minn gvernijiet awtoritarji biex jinterferixxu fl-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet tal-ġhajjnuna umanitarja u jillimitawhom; ifakkar, f'dan il-kuntest, fl-importanza tal-koordinazzjoni bejn l-atturi ċivili u militari; jikkundanna l-konsegwenzi umanitarji diżastrużi u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem ikkawżati minn gwerer u kunflitti moderni madwar id-dinja, inklużi l-ibbumbardjar ta' persuni ċivili fil-mira, l-istupru u t-tortura, l-ispostamenti furzati u d-deportazzjonijiet illegali fost l-oħrajn; jindika l-impatti bbażati fuq il-ġeneru tal-kunflitt armat, inklużi l-użu tal-vjolenza sesswali kontra n-nisa u l-bniet bħala tattika tal-gwerra, l-impatt fuq it-tfal u l-minoranzi kif ukoll il-konsegwenzi ambjentali tiegħu;
14. Jitlob li l-UE u l-Istati Membri tagħha jżidu l-isforzi tagħhom biex jippromwovu r-rispett għad-dritt umanitarju internazzjonali u jipprovdu assistenza lill-vittmi biex jaċċessaw il-ġustizzja internazzjonali u jiksbu rimedju u riparazzjoni; jenfasizza li l-attakki mmirati lejn persuni ċivili u oġġetti indispensabbli għas-sopravivenza taċ-ċivili huma pprojbiti fl-ambitu tad-dritt umanitarju internazzjonali; jitlob li l-UE u s-sħab internazzjonali tagħha jagħmlu użu sħiħ mill-istrumenti kollha rilevanti biex jiġġieldu l-impunità, inkluż l-appoġġ għal ġuriżdizzjoni universali fil-livell nazzjonali, tribunali speċjali fil-livell nazzjonali u internazzjonali inkluż għad-delitt ta' aggressjoni, kif

¹⁴ <https://goodhumanrightsstories.net/>.

ukoll biex jistabbilixxu kooperazzjoni flessibbli u mekkaniżmi ta' finanzjament ħalli jiġbru u janalizzaw malajr l-evidenza tad-delitti; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li dawn l-istrumenti jiġu applikati b'mod koordinat u komplementari ma' strumenti oħra rilevanti tal-UE u tal-Istati Membri;

15. Itenni l-appell tiegħu lill-Istati Membri biex jgħinu fit-trażżin tal-kunflitti armati u l-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem jew tad-dritt umanitarju internazzjonali billi jirrispettaw b'mod strett id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 tat-Trattat tan-NU dwar il-Kummerċ tal-Armi dwar il-Valutazzjoni tal-Esportazzjoni u l-Esportazzjoni u l-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/CFSP dwar l-Esportazzjoni tal-Armi¹⁵ u r-Regolament tal-UE dwar l-Użu Doppju¹⁶; ihegġegħ lill-UE tivvaluta l-użu malizzjuż ta' software ta' spjunaġġ sakemm jiġu implimentati regolamenti robusti biex jiġi ggarantit l-użu tiegħu f'konformità mal-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem; jesprimi t-tħassib kontinwu tiegħu dwar l-użu ta' drones armati barra mill-qafas legali internazzjonali, u jitlob li jsiru valutazzjonijiet tal-impatt fuq id-drittijiet tal-bniedem fir-rigward ta' proġetti ta' żvilupp ta' drones armati; jitlob li l-UE tiegħu inizzjattiva favur il-ħolqien ta' strument legalment vinkolanti li jipprojbixxi armi awtonomi letali mingħajr kontroll sinifikattiv mill-bniedem;
16. Jinsisti fuq l-importanza li tiġi żgurata l-koerenza tal-politika tal-UE fir-rigward ta' sitwazzjonijiet ta' okkupazzjoni jew annessjoni tat-territorju, li għandha tkun iggwidata mid-dritt umanitarju internazzjonali biex jiġu pprevenuti abbużi gravi tad-drittijiet tal-bniedem fuq il-post; jenfasizza r-responsabbiltà tal-korporazzjonijiet ibbażati fl-UE li japplikaw l-aktar politika ta' diliġenza dovuta stretta fir-rigward ta' kwalunkwe attività ekonomika jew finanzjarja f'dawn it-territorji jew magħhom, u li jiżguraw konformità stretta mad-dritt internazzjonali kif ukoll mal-politika ta' sanzjonijiet tal-UE meta applikabbli għal dawn is-sitwazzjonijiet; jistieden, f'dan il-kuntest, lill-Kummissjoni tiċċara r-regoli applikabbli fir-rigward tal-kummerċ tal-UE ma' territorji bħal dawn;

Id-dritt għall-ħajja: progress favur l-abolizzjoni universali tal-piena tal-mewt

17. Itenni l-oppożizzjoni ta' prinċipju tiegħu għall-piena tal-mewt, li hija kastig krudili, inuman u degradanti u hija irriversibbli; jesprimi dispjaċir għall-fatt li minkejja t-tendenza f'xi pajjiżi terzi li jieħdu passi lejn l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt, għad hemm sfidi sinifikanti f'dan ir-rigward; jiddeplora l-fatt li f'pajjiżi terzi l-użu tagħha qed jiżdied u l-għadd ta' sentenzi tal-mewt li twettqu laħaq l-oġhla livell tiegħu f'dawn l-aħħar ħames snin; itenni l-appell tiegħu għall-pajjiżi kollha biex jabolixxu kompletament il-piena tal-mewt jew jistabbilixxu moratorju immedjat bħala l-ewwel pass lejn l-abolizzjoni tagħha; ihegġegħ lill-UE u lill-Istati Membri jużaw l-għodod kollha għad-dispożizzjoni tagħhom, inklużi l-ftehimiet kummerċjali u ta' assoċjazzjoni ma' pajjiżi terzi, biex jaħdmu lejn moratorju fuq l-użu tal-piena tal-mewt bil-ħsieb li tiġi abolita;

¹⁵ Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK tat-8 ta' Diċembru 2008 li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari (ĠU L 335, 13.12.2008, p. 99).

¹⁶ Ir-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi reġim tal-Unjoni għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, is-senserija, l-assistenza teknika, it-tranżitu u t-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju (ĠU L 206, 11.6.2021, p. 1).

18. Jisħaq li l-UE jeħtiġilha tkun kostanti hi u tfitteq li tilħaq l-għan tagħha tal-abolizzjoni universali tal-piena tal-mewt bħala objettiv ewlieni tal-politika barranija tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem; jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jiddefendu l-abolizzjoni fil-fora internazzjonali kollha u jippromwovu l-akbar appoġġ possibbli għal din il-pożizzjoni; jinkoraġġixxi l-isforzi kontinwi tal-korpi tan-NU dwar l-abolizzjoni universali tal-piena tal-mewt, f'konformità mar-risoluzzjonijiet tal-Assemblea Ġenerali tan-NU; jistieden, barra minn hekk, lill-pajjiżi kkonċernati jnaqqsu l-lista ta' delitti jew reati punibbli bil-mewt bħala l-ewwel pass; jitlob li jkun hemm trasparenza fir-rigward tas-sentenzi tal-mewt u tal-eżekuzzjonijiet f'pajjiżi li ma jiżvelawx din l-istatistika; jappoġġja l-proċess ta' adozzjoni mill-Unjoni Afrikana tal-abbozz ta' Protokoll għall-Karta Afrikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli dwar l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt fl-Afrika; iħeġġeġ lill-pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet reġjonali oħra biex jibdew proċessi simili, inkluż permezz tal-inklużjoni sinifikattiva tal-OSĊ; jisħaq fuq l-importanza li jiġu appoġġjati l-isforzi ta' abolizzjonisti lokali u reġjonali;

Id-dritt għal-libertà tal-espressjoni, il-libertà tal-media u d-dritt għall-informazzjoni

19. Huwa mħasseb ħafna dwar l-ostakli li dejjem qegħdin jiżdiedu għal-libertà tal-espressjoni, inkluża l-espressjoni artistika, u l-libertà tal-media madwar id-dinja, b'mod partikolari għall-ġurnalisti; jikkundanna ċ-ċensura tal-ġurnalisti, id-DDB, l-OSĊ, l-għassiesa pubbliċi, l-informaturi u l-artisti, permezz tal-applikazzjoni tal-hekk imsejħa liġijiet ta' "aġenti barranin", kif ukoll miżuri leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi oħra adottati minn reġimi awtoritarji, totalitarji u illiberali, bħaż-żieda fil-piżijiet amministrattivi, multi, theddid, lingwaġġ malafamatorju u ta' demonizzazzjoni; ifakkar fit-tħassib serju tiegħu dwar l-użu tal-SLAPPs biex isikktohom u jħeġġeġ kemm lill-Istati Membri kif ukoll lill-pajjiżi terzi jwaqqfu tali Prattiki; jinnota li wħud minn dawn il-prattiki jistgħu jseħħu wkoll f'għadd ta' pajjiżi demokratiċi li ilhom stabbiliti madwar id-dinja; jilqa', f'dan il-kuntest, l-isforzi biex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-ġurnalisti u l-attivisti, anke fl-UE, kontra kawżi infondati u abbużivi li għandhom l-għan li jsikktohom;
20. Jirrikonoxxi l-importanza kritika tal-appoġġ għall-ġurnalisti li jiffaċċjaw persekuzzjoni u theddid għas-sikurezza tagħhom, u jitlob li jiġu stabbiliti programmi ta' protezzjoni tal-ġurnalisti li jiffaċilitaw ir-rilokazzjoni u r-risistemazzjoni għal dawk li jinsabu f'periklu immedjat; jesprimi dispjaċir għall-prattika ta' sorveljanza mmirata u l-użu ta' software ta' spjunaġġ, kif ukoll theddid diġitali ieħor, kontra l-ġurnalisti u jikkundanna l-ksur tad-drittijiet tagħhom għall-privatezza, il-libertà tal-espressjoni, il-libertà tal-ħsieb, il-libertà tal-informazzjoni u l-libertà ta' assoċjazzjoni imposti minn atturi statali u mhux statali; jafferma mill-ġdid li l-aċċess għal informazzjoni kredibbli u affidabbli, kemm online kif ukoll offline, huwa dritt essenzjali f'soċjetà demokratika;
21. Jistieden lill-pajjiżi terzi jadottaw miżuri urġenti biex jipprevjenu kwalunkwe użu bla bżonn jew eċċessiv tal-forza, fastidju jew detenzjoni arbitrarja matul il-protesti, kif ukoll biex iħassru jew jemendaw kwalunkwe leġiżlazzjoni u att amministrattivi li jikser id-dritt għal-libertà tal-espressjoni u tal-għaqda;
22. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jżidu l-isforzi diplomatiċi tagħhom permezz ta' impenn bilaterali u multilaterali fir-rigward taċ-ċensura, it-theddid jew l-attakki fuq il-libertà akkademika, b'mod partikolari l-priġunerija ta' akkademiċi madwar id-dinja,

minn atturi statali u mhux statali, li għandhom konsegwenzi importanti għad-dritt għall-
edukazzjoni, it-tgawdija tal-benefiċċji tal-progress xjentifiku u l-libertà ta' opinjoni u
espressjoni; jistieden lis-SEAE u lill-Kummissjoni jirrevedu l-mekkaniżmi eżistenti ta'
appoġġ u protezzjoni sabiex jiżviluppaw il-kapaċità li jidentifikaw u jipprovdu
assistenza, inklużi l-protezzjoni u l-appoġġ ta' emerġenza, f'każijiet bħal dawn; jilqa' l-
inklużjoni tal-akkademiċi f'riskju fil-Mekkaniżmu tal-UE għad-Difensuri tad-Drittijiet
tal-Bniedem;

23. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura appoġġ kontinwu ta' livell għoli għall-Kampus
Globali tad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija li pprovda spazju sikur għall-
istudenti u l-akkademiċi li kellhom jaħarbu minn pajjiżhom biex jiddefendu d-
demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, u li huwa element ewlieni tal-appoġġ tal-UE
għall-edukazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja; jappoġġja d-
Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-Libertà Akkademika li saret fit-52 Sessjoni tal-Kunsill
tad-Drittijiet tal-Bniedem u li hija appoġġjata mill-Istati Membri kollha; jistieden lill-
Istati Membri u lid-Delegazzjonijiet tal-UE jieħdu rwol ewlieni fil-monitoraġġ u r-
rappurtar dwar il-ksur tal-libertà akkademika f'pajjiżi terzi; jappoġġja l-iżvilupp tal-
abbozz ta' Prinċipji għall-Implimentazzjoni tad-Dritt ta' Libertà Akkademika u jitlob li
l-UE tippromwovi l-adozzjoni ta' linji gwida dwar il-libertà akkademika fis-sistema tan-
NU;

Id-dritt għal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza, tar-reliġjon u tat-twemmin

24. Itenni t-tħassib tiegħu dwar il-ksur tad-dritt għal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza, tar-
reliġjon u tat-twemmin u reati ta' mibegħda relatati; jisħaq li tali ksur iseħħ bejn il-
fruntieri ġeografiċi u kulturali; jiddeplora l-istrukturalizzazzjoni tar-reliġjon jew tal-
identitajiet tat-twemmin għal finijiet politiċi, inkluża l-esklużjoni tal-minoranzi reliġjużi
u ta' twemmin u tal-komunitajiet reliġjużi f'ċerti pajjiżi; jikkundanna l-eskalazzjonijiet
tal-koerċizzjoni, id-diskriminazzjoni, il-fastidju u l-vjolenza perpetwata kontra membri
ta' minoranzi tal-ħsieb, tal-kuxjenza, reliġjużi jew ta' twemmin, il-proprjetajiet u l-
postijiet ta' qima tagħhom; jikkundanna r-rikors għall-blasfemija, l-apostasija jew
akkużi oħra bbażati fuq raġunijiet reliġjużi, inkluża l-possibbiltà tal-piena tal-mewt fil-
konfront ta' dawk ikkundannati, fir-rigward ta' minoranzi reliġjużi u attivitajiet leġittimi
tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż fuq l-internet u l-media soċjali, u, b'mod aktar wiesa',
biex jiġi ristrett l-isparzju tas-soċjetà ċivili;
25. Jappoġġja bil-qawwa d-dritt għal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon, li wieħed
ikollu twemmin, jew li ma jemminx, u d-dritt li wieħed jimmanifesta u jibdel jew iħalli
r-reliġjon jew it-twemmin tiegħu mingħajr biża' ta' vjolenza u diskriminazzjoni;
jikkundanna l-attakki kontra individwi u OSĊ talli jikkontestaw, jikkritikaw jew
jissatirizzaw b'mod paċifiku t-twemmin reliġjuż; jitlob li l-UE u l-Istati Membri tagħha
jżidu l-isforzi tagħhom biex jiproteġu dawn id-drittijiet, iqajmu dawn il-kwistjonijiet
fil-fora tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem u jaħdmu mal-mekkaniżmi u l-komitati
rilevanti tan-NU, inkluża ħidma ma' pajjiżi terzi biex jiddefenduhom u jipprevjenu
kwalunkwe ksur; jappella wkoll għal aktar sforzi u kollaborazzjoni fil-livell
multilaterali u bl-appoġġ tal-QKI biex tinġabar evidenza ta' reati ta' mibegħda, filwaqt
li l-awturi tar-reati jitressqu quddiem il-ġustizzja u jiġu kkumpensati l-vittmi;
26. Jirrikonoxxi l-valur tad-djalogu bejn twemmin differenti u interkonfessjonali li jwassal

għal koeżistenza paċifika u għal fehim reċiproku bejn diversi gruppi reliġjużi, ta' twemmin u etniċi, u jħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri biex jipromwovuhom; josserva li l-ateiżmu u l-popolazzjoni mhux reliġjuża qed jikbru malajr madwar id-dinja u għandhom ma jiġux traskurati fil-qafas ta' politika tal-UE dwar il-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza, tar-reliġjon u tat-twemmin;

27. Jirrakkomanda li l-Mibgħut Speċjali tal-UE għall-promozzjoni u l-protezzjoni tal-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin barra l-UE jaħdem mill-qrib u b'mod komplementari mar-Rappreżentant Speċjali tal-UE (RSUE) għad-Drittijiet tal-Bniedem, ir-Rappreżentanti tal-UE għal reġjuni speċifiċi u l-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u, għal dan l-għan, iqis li l-pożizzjoni tal-Mibgħut Speċjali għandha tiġi integrata fis-SEAE b'mod simili għall-mibgħuta speċjali l-oħra u r-rappreżentanti speċjali tal-UE; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-mandat tal-Mibgħut Speċjali ġġedded mill-Kummissjoni mingħajr valutazzjoni minn qabel tal-effettività u l-valur miżjud tal-pożizzjoni, kif talab kemm-il darba l-Parlament; jitlob li titwettaq din il-valutazzjoni u, fuq dik il-bażi, li jiġu allokat i rżorsi finanzjarji u umani adegwati sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-mandat tagħhom b'mod effettiv; ifakkar li din is-sena mmarkat l-10 anniversarju tal-Linji Gwida tal-UE dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tar-reliġjon jew it-twemmin; jesprimi dispjaċir għall-fatt li għalkemm il-Linji Gwida jipprevedu l-evalwazzjoni tagħhom ta' tliet snin mill-Kunsill, sa issa l-ebda evalwazzjoni ma saret pubblika; jistieden lill-Kunsill iwettaq din l-evalwazzjoni u jaqsam ir-riżultati mal-Parlament; jappoġġja bis-sħiħ il-prattika tal-UE li tmexxi riżoluzzjonijiet tematiċi relatati fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU u fl-Assemblea Ġenerali tan-NU; jistieden lis-SEAE u lid-Delegazzjonijiet tal-UE, meta xieraq, iqajmu kwistjonijiet ġenerali u każijiet speċifiċi relatati mal-persekuzzjoni jew id-diskriminazzjoni ta' minoranzi reliġjużi jew ta' twemmin matul id-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem ma' pajjiżi sħab u fil-forums tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem, filwaqt li jseguw approċċ orjentat lejn ir-riżultati u jinkludu perspettiva tal-ġeneru;

Id-dritt għall-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni

28. Itenni l-kundanna tiegħu tal-forom kollha ta' razziżmu, intolleranza, ksenofobija u diskriminazzjoni abbażi tar-razza, l-etniċità, in-nazzjonalità, il-klassi soċjali, id-diżabilità, il-kasta, ir-reliġjon, it-twemmin, l-età, is-sess, l-orjentazzjoni sesswali jew l-identità tal-ġeneru; jissottolinja l-importanza li jittieħed approċċ intersezzjonali meta jiġu kkunsidrati kwistjonijiet ta' diskriminazzjoni; jišhaq li r-razziżmu, id-diskriminazzjoni, il-ksenofobija, l-antisemitiżmu u l-iżlamofobija, fost l-oħrajn, kif ukoll il-persekuzzjoni reliġjuża u l-intolleranza relatata, għadhom problema ewlenija madwar id-dinja, u li dawn il-kwistjonijiet komplew jiġu aggravati mill-pandemija tal-COVID-19;
29. Jikkundanna t-theddida internazzjonali dejjem akbar tad-diskors ta' mibegħda, inkluż online; jinnota li n-nisa għandhom probabbiltà akbar li jisfaw fil-mira online, u dan għandu impatt negattiv fuq il-parteċipazzjoni politika tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fit-teħid tad-deċiżjonijiet; jappella għall-adozzjoni ta' miżuri effettivi biex jirrispondu għal imġiba diskriminatorja u tintemm l-impunità, u li jiġu żviluppati, f'kollaborazzjoni mal-Istati Membri u b'kontribut mill-Parlament, strateġiji lokali speċifiċi biex jgħinu fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni f'pajjiżi terzi, f'konsultazzjoni mar-rappreżentanti lokali u l-OSC; itenni r-rwol kruċjali tal-edukazzjoni u d-djalogi fil-

promozzjoni tat-tolleranza, il-fehim u d-diversità;

30. Jinnota bi tħassib kbir l-iskala u l-konsegwenzi ta' ġerarkiji bbażati fuq il-kasti, id-diskriminazzjoni u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi ċ-ċaħda tal-aċċess għas-sistema legali jew għall-impjiegi, is-segregazzjoni kontinwa, il-faqar u l-istigmatizzazzjoni, u l-ostakli relatati mal-kasta għall-eżerċizzju tad-drittijiet bażiċi tal-bniedem u l-iżvilupp tal-bniedem; itenni l-appell tiegħu għall-iżvilupp ta' politika tal-UE dwar id-diskriminazzjoni bbażata fuq il-kasta u strateġiji lokali speċifiċi biex jgħinu fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni bbażata fuq il-kasta fil-pajjiżi l-aktar milquta minnha; jirrakkomanda li l-Parlament Ewropew jindirizza d-diskriminazzjoni abbażi ta' kasta fil-kumitati u d-delegazzjonijiet rilevanti kollha tiegħu, jaħtar punt fokali dwar id-diskriminazzjoni abbażi ta' kasta, u meta jżur pajjiżi terzi mħassba dwar il-kwistjoni, jikkonsulta mal-organizzazzjonijiet rilevanti u jqajjem id-diskriminazzjoni abbażi ta' kasta mal-awtoritajiet lokali u kontropartijiet oħra, kif ukoll jorganizza seduta ta' smigħ annwali biex jirrieżamina l-azzjonijiet u l-progress tal-UE fl-okkażjoni tal-Jum Internazzjonali dwar id-Diskriminazzjoni Razzjali;

Id-dritt għal-libertà mit-tortura u minn trattament krudili, inuman jew degradanti

31. Jikkundanna kwalunkwe azzjoni jew tentattiv ta' instigazzjoni, awtorizzazzjoni, sistematizzazzjoni jew kunsens jew qbil mat-tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, għajbien sfurzat, detenzjonijiet arbitrarji u qtil ekstraġudizzjarju fi kwalunkwe ċirkostanza, inkluż l-infurzar tal-liġi; jistieden lill-pajjiżi kollha jadottaw u jimplementaw miżuri effettivi b'approċċ orjentat lejn il-vittmi, biex jipprevjenu t-tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, filwaqt li jiżguraw l-obbligu ta' rendikont għall-awturi tar-reati; u jiddeplora l-fatt li l-użu tagħhom għadu mifruż f'ħafna pajjiżi; jinnota bi tħassib kbir it-tendenza ta' żieda fil-każijiet ta' tortura mad-dinja kollha u l-impunità mifruxa għal min iwettaq tali tortura; jistieden lill-pajjiżi kollha jirrieżaminaw b'mod sistematiku r-regoli tal-interrogazzjoni u l-protokoll ta' kondotta rispettivi tagħhom għall-infurzar tal-liġi f'konformità mal-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem;
32. Jiddeplora l-eżistenza ta' prigionieri minħabba twemmin madwar id-dinja, u jistieden lis-SEAE u lill-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom biex jiżguraw il-ħelsien mingħajr kundizzjonijiet tagħhom; jistieden lis-SEAE u lill-Kummissjoni jappoġġjaw l-istabbiliment u l-funzjonament ta' Mekkaniżmi Nazzjonali ta' Prevenzjoni f'pajjiżi terzi, kif ukoll organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili attivi f'dan il-qasam; jitlob li l-UE tidħol fi djalogu ma' pajjiżi terzi biex it-titjib tal-kundizzjonijiet fil-ħabs isir kwistjoni ewlenija ta' politika pubblika, b'mod partikolari billi tiġi indirizzata l-problema ta' popolazzjoni eċċessiva fil-ħabs permezz tal-użu ta' alternattivi għad-detenzjoni; jirrikonoxxi r-rwol importanti tal-OSĊ u d-DDB fil-ġlieda kontra t-tortura u forom oħra ta' trattament ħażin u jhegġegħ lill-UE tappoġġjahom permezz tal-monitoraġġ tal-postijiet ta' ċaħda tal-libertà f'konformità mal-linji gwida riveduti tal-UE dwar it-tortura;
33. Jitlob li l-UE tinkoraġġixxi lill-pajjiżi terzi biex iġibu d-dispożizzjonijiet nazzjonali tagħhom dwar il-garanziji ġudizzjarji konformi mal-impenji internazzjonali tagħhom (eż. il-kriminalizzazzjoni tat-tortura f'konformità mal-UNCAT); jikkundanna l-forom kollha ta' traffikar ta' bnedmin u xogħol furzat, inklużi dawk sponsorjati mill-istati, u l-

forom kollha ta' skjavitù moderna; jitlob li l-UE u l-Istati Membri tagħha jieħdu rwol ewlieni fil-qerda tagħhom u jinkludu, meta rilevanti, referenza speċifika f'dan ir-rigward fil-ftehimiet tal-UE ma' pajjiżi terzi;

Id-dritt għall-parteċipazzjoni pubblika

34. Jinnota li d-dritt li wieħed jipparteċipa b'mod attiv u passiv f'elezzjonijiet ħielsa, trasparenti u ġusti mhuwiex rispettati f'reġimi awtoritarji, totalitarji u illiberali iżda wkoll aktar u aktar ostakli għat-tgawdija sħiħa ta' tali drittijiet huma preżenti f'għadd ta' pajjiżi demokratiċi; jenfasizza li dawn ir-reġimi jwettqu elezzjonijiet foloz bil-għan li jsaħħu s-setgħa tagħhom, peress li ma għandhomx kontestazzjoni politika reali, leġittimità u pluraliżmu; jitlob li jissaħħu l-isforzi biex tiġi garantita l-parteċipazzjoni pubblika tal-minoranzi, kif ukoll biex tiżdied ir-rappreżentanza tan-nisa u ż-żgħażaġh fil-proċessi elettorali; jenfasizza r-rwol tal-Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali tal-Unjoni Ewropea fl-evalwazzjoni indipendenti u imparzjali tal-proċessi elettorali li jimmonitorjaw; jitlob li jkun hemm segwitu għall-adozzjoni u l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet ta' dawn il-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali f'pajjiżi terzi, u li dawn jiġu inklużi bħala element ewlieni fil-qafas tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-pajjiżi terzi inkwistjoni; jinnota li hemm xenarju dejjem aktar frekwenti ta' pajjiżi li jirrifjutaw li jistiednu lill-UE tosserva l-elezzjonijiet tagħhom u jistieden lis-SEAE jindirizza s-sitwazzjoni;

Drittijiet kulturali

35. Jafferma l-universalità tad-drittijiet kulturali bħala forma ta' drittijiet tal-bniedem li tippermetti lill-individwi kif ukoll lil gruppi ta' persuni jiżviluppaw u jesprimu l-umanità u l-identità tagħhom; jappoġġja l-mandat tar-Rapporteur Speċjali tan-NU fil-qasam tad-drittijiet kulturali biex jagħti viżibbiltà akbar lid-drittijiet kulturali fis-sistema tad-drittijiet tal-bniedem u jrawwem fehim aħjar tal-gravità tal-ksur tagħhom, u tal-opportunità li dawn jitwettqu għal kulħadd, u jappella għat-tiġdid tal-mandat tar-Rapporteur Speċjali wara l-2024; jikkundanna bis-sħiħ il-qerda tal-wirt storiku, artistiku u kulturali fil-kunflitti, kif ukoll il-qerda sistematika u mmirata politikament jew ideoloġikament tal-wirt storiku, artistiku u kulturali u l-qerda tal-identitajiet u l-kulturi ta' stati sovrani, popli jew minoranzi; jikkundanna t-tneħħija illegali u t-traffikar ta' oġġetti kulturali; iħeġġeġ ir-ritorn ta' xogħlijiet kulturali u artefatti fil-postijiet ta' oriġini tagħhom; ifakkar li l-qerda tal-wirt kulturali tista' tikkostitwixxi delitt tal-gwerra u ksur tad-drittijiet tal-bniedem, u, f'dan il-kuntest, ifakkar fir-Responsabbiltà ta' Protezzjoni tal-impenji meħuda mill-komunità internazzjonali, inkluż fir-rigward tal-protezzjoni tal-wirt kulturali matul u wara l-kunflitti armati;

Id-drittijiet tan-nisa, inklużi s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri

36. Jisħaq li d-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri huma drittijiet tal-bniedem indispensabbli u indiviżibbli, kif ukoll bażi għall-istat tad-dritt u demokrazija reżiljenti; jiddeplora l-fatt li miljuni ta' nisa u bniet għadhom jesperjenzaw diskriminazzjoni u vjolenza, speċjalment dawk l-aktar vulnerabbli fil-kuntest tal-kunflitti, ta' wara l-kunflitti u tal-ispostament, b'mod partikolari n-nisa u l-bniet b'diżabilità, li jsofru diskriminazzjoni doppja u li n-nisa u l-bniet jiċċaħħdu mid-dinjità, l-awtonomija,

inkluża l-awtonomija tal-ġisem, u anke l-ħajja tagħhom; jikkundanna r-rigressjoni kontinwa u li qed tiżdied kontra l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tan-nisa, inklużi t-tentattivi kollha biex jitreggħu lura, b' mod partikolari fir-rigward tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR), l-intitolamenti u l-protezzjonijiet eżistenti, kif ukoll il-leġiżlazzjoni, il-politiki u l-prattiki li jkomplu jiċċdu jew jirrestrinġu dawn id-drittijiet f'ħafna pajjiżi, li jistgħu jirrappreżentaw apartheid tal-ġeneru; jikkundanna l-forom kollha ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, kif ukoll l-isfruttament, u jesprimi tħassib dwar iż-żwigiġiet furzati u l-abbuż, il-vjolenza u l-qtil ibbażati fuq l-unur imwettqa fil-konfront tan-nisa u l-bniet; jitlob li l-UE, l-Istati Membri tagħha u l-isħab tal-istess fehma l-isforzi tagħhom jiżguraw it-tgawdija sħiħa u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tagħhom; jilqa' l-adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni ta' Istanbul u jistieden lill-Istati Membri tal-UE li għadhom ma rratifikawhiex u ma implementawhiex biex jagħmlu dan malajr kemm jista' jkun; jappoġġja r-rwol tal-Ambaxxatur tal-UE dwar il-Ġeneru u d-Diversità u l-impenn tar-RSUE għad-Drittijiet tal-Bniedem f'dawn l-oqsma; jappella għal karta tal-UE tad-drittijiet tan-nisa;

37. Jirrikonoxxi li l-promozzjoni u l-protezzjoni tal-SRHR huma essenzjali biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u jafferma d-dritt ta' aċċess għal servizzi komprensivi tal-SRHR, inklużi l-kontraċezzjoni moderna, l-abort sikur u legali, il-kura tas-saħħa materna, ta' qabel it-twelid u ta' wara t-twelid, ir-riproduzzjoni assistita u l-aċċess għal edukazzjoni u informazzjoni dwar l-SRHR, inkluża edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità, mingħajr ebda forma ta' diskriminazzjoni, koerċizzjoni jew vjolenza; jitlob li l-UE, is-SEAE u l-Istati Membri jieħdu azzjoni robusta biex jiprijoritizzaw u jipromwovu s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, inkluż l-aċċess għal abort sikur u legali, f'relazzonijiet multilaterali u bilaterali f'konformità mad-dritt u l-istandards internazzjonali fejn jidħlu d-drittijiet tal-bniedem u l-linji gwida tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO);
38. Jirrikonoxxi l-vulnerabbiltà komposta tan-nisa li jagħmlu parti minn minoranzi bħall-komunitajiet etniċi, reliġjużi jew ta' twemmin, speċjalment f'postijiet fejn hemm preżenti gruppi radikalizzati u milizzji vjolenti; jikkundanna bil-qawwa l-atti kollha ta' vjolenza fil-forom kollha, inklużi l-vjolenza sesswali, il-ħtif, l-ispostament furzat, it-traffikar jew il-qtil ta' nisa mwettqa minħabba raġunijiet ta' etniċità, reliġjon jew twemmin, jew dawk motivati minn aġendi radikali u estremisti; jikkundanna bil-qawwa d-diskriminazzjoni u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-konfront tan-nisa b'identitajiet intersezzjonali, inklużi dawk li jagħmlu parti minn minoranzi etniċi; itenni l-appelli tiegħu lill-Istati Membri biex jadottaw u jimplementaw strateġiji, politiki u programmi ħalli javvanzaw l-SRHR ta' gruppi emarġinati ta' nisa u jeqirdu l-ostakli sistemiċi, finanzjarji, legali, prattiċi u soċjali li jiffaċċjaw, u jiżguraw li s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati jiġu protetti u rispettati kullimkien;
39. Itenni l-kundanna tiegħu fir-rigward tal-prattika tal-maternità surrogata, fenomenu globali li jesponi lin-nisa mad-dinja kollha għall-isfruttament u għat-traffikar tal-bnedmin filwaqt li b' mod partikolari huwa dirett lejn nisa finanzjarjament u soċjalment vulnerabbli; jenfasizza l-impatt serju tagħha fuq in-nisa, id-drittijiet tan-nisa, u s-saħħa tan-nisa, u jissottolinja l-implikazzjonijiet transfruntiera tagħha;
40. Jitlob li l-UE, fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ġeneru III, fl-

elaborazzjoni tal-istrateġija lokali tal-UE kontra d-diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru u fil-ħidma settorjali rilevanti, tindirizza l-intersezzjonalità billi tiżviluppa politika għall-għieda kontra l-forom multipli ta' diskriminazzjoni ffaċċjati mill-miljuni ta' nisa u bniet li huma vittmi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi l-abbuż u l-vjolenza sesswali, l-ispostament, ix-xogħol furzat u/jew li jsir biex jitħallas id-dejn, il-prostituzzjoni u t-traffikar, u inklużi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-għoti tas-setgħa lin-nisa u l-bniet fl-aspetti kollha tar-relazzjonijiet esterni u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp, jiġifieri l-adozzjoni ta' politika barranija, tal-iżvilupp u tad-difiża femminista tal-UE, f'konformità mal-impenji globali tagħha;

41. Jappella għal sforzi aktar koordinati biex jiġi eliminat l-użu tal-vjolenza sesswali bħala arma tal-gwerra u tiġi miġġielda l-impunità għal dawk li jkunu wettqu tali vjolenza; jistieden lill-Kummissjoni tkompli bl-isforzi tagħha biex teqred bis-sħiħ il-prattika tal-mutilazzjoni ġenitali femminili, l-isterilizzazzjoni tal-massa u l-abort furzat madwar id-dinja;

Drittijiet tal-minoranzi

42. Ifakkar li l-biċċa l-kbira tal-ixpruni tal-kunflitti vjolenti madwar id-dinja jinvolvu l-ilmenti tal-minoranzi dwar l-esklużjoni, id-diskriminazzjoni u l-inugwaljanzi marbuta mal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem tal-minoranzi, kif osservat mir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar kwistjonijiet tal-minoranzi; Jišhaq fuq il-ħtieġa li jiġu integrati l-protezzjoni tad-drittijiet tal-minoranzi u l-iżvilupp ta' mekkaniżmi ta' protezzjoni fil-livell tan-Nazzjonijiet Uniti; ifakkar fl-obbligi tal-istati li jiproteġu d-drittijiet tal-minoranzi nazzjonali, etniċi, kulturali, reliġjużi jew lingwistiċi tagħhom fit-territorji rispettivi tagħhom; jiddeplora l-każijiet madwar id-dinja, minkejja l-obbligi u l-impenji internazzjonali biex jiġu protetti l-minoranzi, ta' politiki ta' assimilazzjoni furzata tal-minoranzi nazzjonali, etniċi u lingwistiċi billi jiġu injorati d-drittijiet fundamentali u tal-bniedem tagħhom; jitlob li l-UE u l-Istati Membri tagħha jipprovdu appoġġ attiv lill-pajjiżi terzi biex jirrispettaw id-drittijiet fundamentali tal-bniedem tal-minoranzi nazzjonali, etniċi u lingwistiċi fl-oqsma kollha; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja l-protezzjoni tad-drittijiet tal-minoranzi, inkluż bħala prijorità fl-ambitu tal-programm tematiku dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija tal-Istrument tal-UE ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) – Ewropa Globali;
43. Jenfasizza d-dimensjoni esterna tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra r-Razziżmu, u jistieden lill-Kummissjoni, lis-SEAE u lid-Delegazzjonijiet tal-UE jikkollaboraw ma' sħab f'pajjiżi terzi biex jappoġġjaw l-iżvilupp ta' strateġiji u politiki simili, fi djalogu mar-rappreżentant tal-OSĊ u tal-membri ta' komunitajiet emarġinati u vulnerabbli, abbażi tal-approċċ deskritt fl-għodda ta' gwida dwar id-diskriminazzjoni bbażata fuq id-dixxendenza tal-Uffiċċju tan-NU tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem (OHCHR), u li għandha tkopri l-firxa ta' azzjonijiet possibbli tal-UE bħall-promozzjoni ta' bidliet leġiżlattivi u l-implementazzjoni, pjanijiet ta' viżibbiltà u programmi ta' appoġġ;

Id-drittijiet tal-migranti u r-refuġjati

44. Jikkundanna l-erożjoni tad-drittijiet tal-bniedem u s-sikurezza tal-migranti, ir-refuġjati u

l-persuni spostati bil-forza; jafferma mill-ġdid id-drittijiet tal-bniedem inaljenabbli tagħhom u jfakkar fl-obbligu tal-istati li jipproteġuhom f'konformità mal-liġi internazzjonali pertinenti; jitlob li l-UE u l-Istati Membri tagħha jsostnu b'mod effettiv dawn id-drittijiet fil-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-ażil u l-kooperazzjoni tagħha mal-pajjiżi sħab f'dan ir-rigward; jiddeplora t-tendenza dejjem akbar ta' ksenofobija, razziżmu u diskriminazzjoni fil-konfront tal-migranti; jisħaq li r-rifuġjati u l-migranti, speċjalment dawk li mhumiex dokumentati, jiffaċċjaw forom differenti ta' vjolenza, inkluż matul l-ispostamenti, bħall-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, kif ukoll ħafna ostakli, bħall-aċċess għall-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, l-akkomodazzjoni deċenti u servizzi bażiċi oħra; jinsab imħasseb ħafna dwar l-għadd mingħajr preċedent ta' persuni spostati b'mod furzat bħala riżultat ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, li rdoppja f'dawn l-aħħar 10 snin; jilqa' l-attivazzjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja¹⁷ u jitlob li tintuża meta jkun meħtieġ; jappella għat-tisħiħ tal-isforzi fil-protezzjoni tad-dritt tal-migranti u li jiġi ggarantit l-aċċess tagħhom għas-servizzi bażiċi kollha, inkluż waqt li jkunu fi tranżitu, u li jiġi rrispettat il-prinċipju ta' non-refoulement; jappella tat-tmiem minnufih tal-prattika illegali tal-pushbacks; jitlob li jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni u l-ispostament furzat;

45. Jisħaq fuq l-importanza tal-prinċipji ta' solidarjetà u responsabbiltà kondiviża fost l-Istati Membri meta jindirizzaw il-flussi migratorji, inkluż sabiex jittaffew l-isfidi li jiffaċċjaw l-Istati Membri tal-ewwel wasla; jafferma mill-ġdid l-appoġġ tiegħu għall-Pjan Direzzjonali tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil; ihegġegħ lill-koleġiżlaturi jirduppjaw l-isforzi tagħhom biex ilestu r-riforma tal-qafas leġiżlattiv dwar l-ażil u l-migrazzjoni qabel tmiem il-leġiżlatura attwali;
46. Jinsisti li l-ftehimiet kollha tal-UE u tal-Istati Membri dwar il-kooperazzjoni fil-qasam tal-migrazzjoni u r-riammissjoni ma' stati terzi jikkonformaw strettament mad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, ir-rifuġjati u dak marittimu, b'mod partikolari mal-Konvenzjoni dwar l-Istatus tar-Rifuġjati; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintegraw mekkaniżmi ta' prevalutazzjoni kif ukoll ta' monitoraġġ biex jevalwaw l-impatt tal-kooperazzjoni fuq id-drittijiet tal-bniedem fejn tidħol il-migrazzjoni ma' pajjiżi terzi, u jikkondividu r-riżultati mal-Parlament; jinsab imħasseb ħafna dwar il-prattika li jiġu konklużi arranġamenti informali ma' pajjiżi terzi fir-rigward tal-kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni, li fuqhom il-Parlament ma għandu l-ebda sorveljanza; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw it-trasparenza u jippermettu skrutinju parlamentari u sorveljanza demokratika, b'mod partikolari fir-rigward tal-kooperazzjoni ma' partijiet magħrufa li wettqu ksur tad-drittijiet tal-bniedem; jinsisti li d-drittijiet tal-bniedem jeħtieġ li jiġu integrati u mmonitorjati fl-attivitajiet kollha mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EASO);
47. Jitlob li l-UE u l-Istati Membri tagħha jiżguraw trasparenza sħiħa dwar il-finanzjament tal-UE relatat mal-migrazzjoni lejn pajjiżi terzi u jiggerantixxu li dan ma jiffaċilitax direttament jew indirettament it-tweġġ ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem jew l-impunità għal tali ksur; jitlob li l-operazzjonijiet umanitarji ffinanzjati mill-UE jqisu l-ħtiġijiet

¹⁷ Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influż bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jgħorru l-konsegwenzi ta' dawn (ĠU L 212, 7.8.2001, p. 12).

speċifiċi tat-tfal u ta' gruppi vulnerabbli oħra, u jiżguraw il-protezzjoni tagħhom waqt li jkunu spostati; jikkundanna, f'dan il-kuntest, it-tqegħid ta' tfal migranti fiċ-ċentri ta' detenzjoni, speċjalment meta jkunu separati mill-ġenituri jew il-kustodji legali tagħhom;

48. Jikkundanna bil-qawwa n-networks ta' kuntrabandu involuti fil-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar tal-bnedmin u jitlob li l-UE u l-Istati Membri tagħha jsaħħu l-isforzi tagħhom fil-ġlieda kontra dawn in-networks u jipprevjenu l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, inkluż billi jikkollaboraw ma' pajjiżi terzi, f'konformità mal-istandards Ewropej u internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem; jišhaq li minħabba n-nuqqas ta' rotot migratorji sikuri u legali, in-networks tal-kuntrabandu jagħmlu profitt u huma responsabbli għat-telf traġiku ta' ħajjiet umani tul ir-rotot migratorji; jišhaq li t-tixrid ta' informazzjoni u kampanji ta' sensibilizzazzjoni dwar ir-riskji tal-kuntrabandu huma kruċjali;

Drittijiet ta' popli indiġeni

49. Jinnota b'dispaċir li l-popli indiġeni għadhom jiffaċċjaw diskriminazzjoni u persekuzzjoni mifruxa u sistematiċi madwar id-dinja, inklużi spostamenti furzati; jikkundanna l-arresti arbitrarji u l-qtil tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tal-art li jiddefendu d-drittijiet tal-popli indiġeni; jišhaq li l-promozzjoni tad-drittijiet tal-popli indiġeni u l-prattiki tradizzjonali tagħhom huma fundamentali għall-ksib ta' żvilupp sostenibbli, il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-konservazzjoni tal-bijodiversità; ihegġegħ lill-gvernijiet isegwu politiki ta' żvilupp u ambjentali li jirrispettaw id-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali, u li jkunu jinkludu popli indiġeni u popolazzjonijiet lokali, f'konformità mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU; itenni l-appell tiegħu lill-UE, lill-Istati Membri tagħha u lis-sħab tagħhom fil-komunità internazzjonali biex jadottaw il-miżuri kollha meħtieġa għar-rikonoxximent, il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-popli indiġeni, inkluż fir-rigward tal-lingwi, tal-artijiet, tat-territorji u tar-riżorsi tagħhom, kif stabbilit fid-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni, b'mod partikolari fir-rigward tal-kunsens liberu, minn qabel u infurmat; jitlob li l-UE u l-Istati Membri tagħha jiżguraw l-involvement *in bona fide* u r-rispett għad-drittijiet imsemmija hawn fuq permezz ta' strumenti kummerċjali tal-UE u l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE li tapplika għall-kumpaniji bbażati fl-UE; ihegġegħ ir-ratifika tal-Konvenzjoni Nru 169 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) dwar il-Popli Indiġeni u Tribali;
50. Jistieden lill-Istati kollha, inklużi l-Istati Membri tal-UE, jiżguraw li l-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali jiġu inklużi fid-deliberazzjonijiet u fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tad-diplomazija internazzjonali dwar il-klima; ihegġegħ lill-Kummissjoni tkompli tippromwovi d-djalogu u l-kollaborazzjoni bejn il-popli indiġeni u l-UE;

Id-drittijiet tal-bniedem, in-negozju u l-kummerċ

51. Jišhaq fuq ir-rwol tal-kummerċ bħala strument ewlieni għall-promozzjoni u t-titjib tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiżi sħab tal-UE, inkluż permezz tal-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi Plus (SGP+); jinnota, madankollu, li ftit li xejn kien hemm titjib f'xi wħud mill-pajjiżi kkonċernati; jiddeplora l-effetti detrimental ta' attivitajiet kummerċjali eċċessivi u ta' sfruttament fuq id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, u jikkundanna dawk il-korporazzjonijiet li jisfruttaw b'mod illegali r-riżorsi naturali,

b'impatt negattiv fuq it-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem fil-komunitajiet lokali;

52. Jitlob li l-UE tiżgura strumenti Ewropej u internazzjonali komplementari u ambizzjużi li jistabbilixxu dispożizzjonijiet robusti u sostantivi, inkluż dwar l-aċċess għall-ġustizzja u rimedju effettiv għall-persuni affettwati; jitlob, f'dan ir-rigward, ftehim finali rapidu u ambizzjuż dwar id-direttiva dwar id-diliġenza dovuta fir-rigward tas-sostenibbiltà korporattiva b'regoli vinkolanti tal-UE dwar imġiba korporattiva responsabbli fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem, tax-xogħol u dawk ambjentali u finalizzazzjoni f'waqtha tal-projbizzjoni tal-prodotti tax-xogħol furzat biex jiġi żgurat li l-prodotti magħmulin b'xogħol furzat ikunu pprojbiti fis-suq tal-Unjoni; jissottolinja li l-involvement sinifikattiv tal-partijiet ikkonċernati li jinkludi l-vittmi, ir-rappreżentanti tal-vittmi, it-trade unions tal-ħaddiema u partijiet ikkonċernati oħra huwa komponent ġenerali u kontinwu tal-proċess ta' diliġenza dovuta kif ukoll pass fundamentali biex jiġi identifikat, indirizzat u rimedjat ix-xogħol furzat; jisħaq fuq l-importanza tar-rimedju u l-aċċess għal miżuri tal-ġustizzja li huma konformi mal-Prinċipji Gwida tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-Negożju u d-Drittijiet tal-Bniedem, inklużi miżuri finanzjarji u mhux finanzjarji f'konsultazzjoni mal-vittmi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta rakkomandazzjoni lill-Kunsill biex tikseb mandat ambizzjuż għall-UE biex tinvolvi ruħha fin-negożjati li għaddejjin dwar l-istrument legalment vinkolanti tan-NU dwar in-negożju u d-drittijiet tal-bniedem mill-aktar fis possibbli; jistieden lill-Kummissjoni, lis-SEAE u lid-Delegazzjonijiet tal-UE jippromwovu r-responsabbiltà soċjali korporattiva u l-obbligu ta' rendikont korporattiv u l-prinċipji fid-djalogu tagħhom ma' pajjiżi terzi, u fl-appoġġ tagħhom biex jiżviluppaw il-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali tagħhom stess;
53. Ifakkar fir-responsabbiltà tan-negożji li jiżguraw li l-operazzjonijiet u l-ktajjen tal-provvista tagħhom ma jkunux implikati fl-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż kontra d-difensuri tad-drittijiet ambjentali, indiġeni u tax-xogħol; jisħaq fuq l-obbligi u r-responsabbiltajiet essenzjali tal-istati u ta' atturi oħra bħall-korporazzjonijiet u l-intrapriżi, biex jittaffew l-effetti tat-tibdil fil-klima, jiġi pprevenut l-impatt negattiv tagħhom fuq id-drittijiet tal-bniedem u jiġu promossi politiki xierqa f'konformità mal-obbligi tad-drittijiet tal-bniedem;
54. Ifakkar li d-dritt għax-xogħol huwa minqax fl-Artikolu 23 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, u jenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) jipprovdu aktar minn żewġ terzi tal-impjiegi madwar id-dinja u jistgħu jappoġġjaw l-avvanz tad-drittijiet soċjali u ekonomiċi; itenni, f'dan il-kuntest, l-importanza li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi adegwati għall-SMEs;
55. Jissottolinja li l-libertà ta' intrapriża hija dritt minqax fl-Artikolu 16 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri jmexxu d-diskussjoni fil-livell tan-NU u fora multilaterali oħra għall-istabbiliment tar-rikonoxximent tad-dritt tal-bniedem li wieħed imexxi negożju fil-livell globali;

Id-drittijiet tal-persuni LGBTIQ+

56. Jiddeplora l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-diskriminazzjoni, l-istigmatizzazzjoni, is-segregazzjoni, il-persekuzzjoni, il-vjolenza u l-qtil fil-konfront ta' persuni leżbjani, gay, bisesswali, trans, mhux binarji, intersesswali u queer (LGBTIQ+) madwar id-dinja, kif ukoll lid-difensuri tad-drittijiet tagħhom; jirrikonoxxi l-importanza

ta' edukazzjoni inklużiva biex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni mill-istadji bikrija tagħha; jinsab estremament imħasseb dwar it-tixrid ta' narrattivi u leġiżlazzjoni kontra l-LGBTIQ+, immirati lejn persuni LGBTIQ+ u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-pajjiżi terzi jadottaw politiki speċifiċi li jipproteġu lill-persuni LGBTIQ+ u jagħtuhom l-għodod biex jirrapportaw b'mod sikur ksur tad-drittijiet tagħhom; jistieden lill-pajjiżi terzi jneħħu d-dispożizzjonijiet tal-liġi li direttament jew indirettament jissarrfu f'diskriminazzjoni, fastidju u persekuzzjoni tal-persuni LGTBIQ+; itenni l-appelli tiegħu għall-implimentazzjoni sħiħa tal-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020–2025 bħala l-għodda tal-UE għat-titjib tas-sitwazzjoni tal-persuni LGBTIQ+ madwar id-dinja; jesprimi tħassib partikolari dwar il-persuni LGBTIQ+ li jgħixu taħt reġimi mhux demokratiċi, u jappella għal mekkaniżmi flessibbli biex jipproteġuhom kif ukoll id-difensuri tad-drittijiet tagħhom; jitlob li l-UE u l-Istati Membri japplikaw bir-reqqa u b'mod konsistenti l-linji gwida tal-UE biex jipromwovu u jipproteġu t-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem kollha mill-persuni LGBTIQ fil-politika esterna kollha tagħha;

Id-drittijiet tat-tfal

57. Jikkundanna bil-qawwa t-tnaqqis fir-rispett tad-drittijiet tat-tfal u l-ksur dejjem akbar ta' dawn id-drittijiet, inkluż permezz tal-vjolenza, iż-żwieġ bikri u furzat, l-abbuż u l-isfruttament sesswali, il-mutilazzjoni ġenitali, it-traffikar, it-tħaddim tat-tfal, inkluż it-tħaddim furzat tat-tfal, ir-reklutaġġ ta' suldati tfal, inkluż minn gruppi kriminali, in-nuqqas ta' aċċess għall-edukazzjoni inkluż id-dritt li jitgħallmu dwar il-kultura, it-tradizzjonijiet u l-lingwi tagħhom stess u l-kura tas-saħħa, il-malnutrizzjoni, is-segregazzjoni u l-faqar estrem; jikkundanna l-ħtif, is-separazzjoni furzata jew id-deportazzjoni, l-adozzjoni u l-assimilazzjoni furzata tat-tfal, inkluż tal-minoranzi etniċi, speċjalment f'każijiet ta' gwerra u kunflitt; jenfasizza l-għadd kbir ta' tfal madwar id-dinja mgieġhla jaħdmu, normalment f'kundizzjonijiet perikolużi; itenni l-appell tiegħu għal approċċ sistematiku u konsistenti għall-promozzjoni u d-difiża tad-drittijiet tat-tfal permezz tal-politiki kollha tal-UE; jappella għall-inklużjoni ta' approċċ speċifiku dwar id-drittijiet tat-tfal fil-proċessi tal-ġustizzja li jtejjeb l-aċċess tat-tfal għall-ġustizzja u rimedji effettivi, u jiżgura l-obbligu ta' rendikont tal-awturi tar-reati; jisħaq fuq il-ħtieġa li jinħolqu modi sostenibbli għar-riintegrazzjoni u r-reparazzjonijiet għat-tfal li d-drittijiet tagħhom inkisru f'kunflitti madwar id-dinja; iħeġġeġ ir-ratifika sħiħa u universali tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal bħala kwistjoni ta' urġenza;
58. Jenfasizza r-rwol tal-edukazzjoni fl-iżvilupp tat-tfal u ż-żgħażaġħ madwar id-dinja; jisħaq li l-aċċess għal edukazzjoni universali, inklużiva u ta' kwalità huwa dritt tal-bniedem li għandu jinkludi s-sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem tagħhom, kif ukoll dwar x'jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tagħhom u kif jirrapportawh; jinnota li skont l-Artikolu 26 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-ġenituri għandhom dritt minn qabel li jagħżlu t-tip ta' edukazzjoni li trid tingħata lil uliedhom; jitlob li l-UE u l-Istati Membri tagħha jagħmlu l-almu tagħhom biex jiżguraw li d-dritt għall-edukazzjoni jiġi rispettata madwar id-dinja kollha, inkluż fil-kampijiet u ċ-ċentri tar-rifuġjati; jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jżommu finanzjament b'saħħtu għall-edukazzjoni permezz tal-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni u jappoġġjaw lill-pajjiżi terzi fil-ħolqien u l-iżvilupp ta' sistemi edukattivi ta' kwalità; jisħaq li l-materjal edukattiv u skolastiku kollu jrid jikkonforma mal-istandards tal-

UNESCO dwar l-edukazzjoni;

Id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità

59. Jinsab imħasseb dwar l-isfidi għat-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità, bħall-aċċess għal edukazzjoni inklużiva u ta' kwalità, il-kura tas-saħħa u l-impjiegi, u l-parteciċipazzjoni fil-ħajja politika; itenni l-appelli tiegħu lill-UE biex tassisti globalment fl-iżvilupp ta' politiki b'appoġġ għal dawk li jieħdu ħsieb persuni b'diżabilità; jistieden lill-partijiet ikkonċernati kollha jqajmu kuxjenza soċjali u jiġġieldu l-imġiba diskriminatorja fil-konfront tal-persuni b'diżabilità; itenni l-appelli tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex iżidu l-isforzi tagħhom ħalli jippromwovu drittijiet ugwali għall-persuni b'diżabilità permezz tal-azzjoni esterna tal-UE, inkluż fir-rigward tal-pajjiżi kandidati, f'konformità mal-obbligi eżistenti bħala Stati Parti għall-UN CRPD; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi żgurat dialogu sistematiku u strutturat mal-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-persuni b'diżabilità fil-pajjiżi sħab u li jiġu implimentati politiki li jiggarantixxu t-tgawdija sħiħa tad-dritt tal-bniedem tagħhom li jipparteċipaw b'mod ugwali fis-soċjetà, inkluż fl-eżerċizzju tad-dritt tagħhom li jivvutaw, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet u l-perspettivi speċifiċi tagħhom; itenni l-appelli tiegħu lill-UE biex tassisti lill-pajjiżi sħab fl-iżvilupp ta' politiki b'appoġġ għal persuni li jindukraw ta' kwalità għolja, aċċessibbli u bi prezz raġonevoli għall-persuni b'diżabilità; jappella għal adozzjoni malajr tal-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali;

Id-drittijiet tal-anzjani

60. Itenni l-appell tiegħu lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jiżviluppaw toroq ġodda biex isaħħu d-drittijiet tal-anzjani filwaqt li jqisu l-isfidi multipli li jiffaċċjaw, bħad-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età, il-faqar, il-vjolenza, in-nuqqas ta' protezzjoni soċjali, is-solitudni u l-esklużjoni diġitali, fost l-oħrajn; jistieden lill-pajjiżi terzi jadottaw politiki li jiffaċilitaw l-aċċess għal kura tas-saħħa, servizzi soċjali u legali ta' kwalità, aċċessibbli u bi prezz raġonevoli għall-anzjani, b'attenzjoni speċjali għall-ġlieda kontra r-riskju tal-faqar b'mod partikolari għan-nisa akbar fl-età, minħabba d-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri matul il-ħajja tax-xogħol tagħhom; jisħaq li għandha tkun garantita l-parteciċipazzjoni tagħhom fl-affarijiet pubbliċi b'mod awtonomu u li dawn għandhom ikunu jistgħu jgawdu bis-sħiħ id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali tagħhom b'dinjità;

Id-dritt għall-ikel, l-ilma u s-sanità

61. Ifakkar li d-dritt għall-ikel, l-ilma tax-xorb sikur u s-sanità, inkluż l-aċċess fiżiku u ekonomiku għal ikel, ilma u sistemi iġjenjiċi sikuri u adegwati, huwa dritt tal-bniedem rikonoxxut fuq livell internazzjonali; jinsab imħasseb ħafna dwar l-isfidi għad-dritt għall-ikel madwar id-dinja, speċjalment f'sitwazzjonijiet ta' gwerra u kunflitti, kif ukoll diżastri naturali u kundizzjonijiet estremi tat-temp minħabba t-tibdil fil-klima; jitlob li l-UE u l-Istati Membri tagħha jippromwovu linji gwida obbligatorji dwar id-dritt għall-ikel fis-sistema tan-NU; jappella għall-adozzjoni ta' politiki pubbliċi biex jiġi miġġieled il-ġuħ, speċjalment fost it-tfal, inkluż billi tissaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali biex ikun hemm rispons għall-insigurtà globali tal-ikel u tingħata għajjnuna urġenti lill-

popolazzjonijiet f'riskju ta' karestija u malnutrizzjoni;

62. Jitlob li l-UE, l-Istati Membri tagħha u l-komunità internazzjonali jżidu minnufih l-isforzi tagħhom biex iwaqqfu x-xejra ta' nuqqas serju ta' ikel emerġenti; jissottolinja li s-sigurtà tal-ikel ġiet aggravata minn ħafna kunflitti li seħħew madwar id-dinja, inklużi l-kunflitti attwali f'pajjiżi li huma esportaturi globali kbar ta' prodotti tal-ikel primarji, b'mod partikolari ċ-ċereali, b'konsegwenzi tremendi f'diversi żoni tad-dinja; jikkundanna bil-qawwa l-użu jew it-theddida tal-insigurtà tal-ikel bħala strument politiku tal-gwerra, kif ukoll l-effetti negattivi tal-ispekulazzjoni bil-prezz tal-ikel;

Id-dritt għal ambjent nadif, san u sostenibbli

63. Jenfasizza li l-kriżi klimatika u l-impatt tagħha fuq l-ambjent u l-bijodiversità għandhom effetti diretti fuq it-tgawdija effettiva tad-drittijiet tal-bniedem kollha u li dawn il-kwistjonijiet huma interkonnessi u interdipendenti; jappella għall-adozzjoni malajr ta' politiki biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali u jissaħħaħ il-bini tal-kapaċitajiet f'dan ir-rigward, kif stabbilit fir-Riżoluzzjoni 76/300 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU; jirrikonoxxi l-ħidma ta' importanza kritika tal-OSĊ, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem ambjentali u l-attivisti indiġeni għall-preżervazzjoni u l-protezzjoni tal-ambjent u l-bijodiversità; jiddeplora r-riskju u jikkundanna l-forom kollha ta' vjolenza li jiffaċċjaw id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-qasam ambjentali u jitlob li tiġi garantita l-protezzjoni effettiva tagħhom; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi indirizzat b'mod effettiv l-ispostament ta' persuni kkawżat mill-qerda tal-ambjent u t-tibdil fil-klima, li jżid ir-riskju ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u vulnerabbiltajiet għal forom differenti ta' sfruttament; jitlob li l-UE u l-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom biex jappoġġjaw mekkaniżmi reġjonali bħar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar id-difensuri tal-ambjent u l-Ftehim ta' Escazú¹⁸;
64. Iħeġġeġ lill-UE, lin-NU u lill-mekkaniżmi reġjonali tad-drittijiet tal-bniedem jassumu rwol akbar fil-protezzjoni tal-ekosistemi globali u tad-difensuri ambjentali, b'mod partikolari fejn it-tibdil fil-klima għandu impatt serju fuq il-komunitajiet indiġeni u lokali; jitlob li l-UE tippromwovi inizzjattiva fil-livell tan-NU għall-osservaturi internazzjonali biex jimmonitorjaw ħsara jew kriżijiet ambjentali serji, jew sitwazzjonijiet fejn id-difensuri tad-drittijiet ambjentali jkunu l-aktar f'riskju, u tikkollabora mal-awtoritajiet u tassisti fl-istabbiliment ta' kundizzjonijiet protettivi għal dawn id-difensuri;
65. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri jippromwovu r-rikonoxximent tal-ekoċidju bħala reat internazzjonali skont l-Istatut ta' Ruma tal-QKI;
66. Ifakkar li t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa trid tkun ġusta u tirrispetta d-drittijiet fundamentali ta' kulħadd; jenfasizza li t-tfassil u l-implimentazzjoni ta' politiki u proġetti ta' tranżizzjoni tal-enerġija għandhom jitwettqu b'mod li ma jaggravax il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u jagħmel ħsara lill-ambjent;

Id-drittijiet tal-bniedem u t-teknoloġiji diġitali

¹⁸ Il-Ftehim Reġjonali dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni Pubblika u l-Ġustizzja fl-Amerka Latina u l-Karibew tal-4 ta' Marzu 2018.

67. Jinsab imħasseb bit-theddida li l-intelliġenza artifiċjali (IA) tista' toħloq għad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, speċjalment jekk ma tkunx regolata kif xieraq; jilqa' l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2023 biex jissaħħu r-rwol u t-tmexxija tal-UE fil-governanza diġitali globali, b'mod partikolari l-pożizzjoni tagħha bħala dik li tiffirma l-ktib tar-regoli diġitali globali, u f'dan is-sens jilqa' l-proposta għal regolament li jarmonizza r-regoli dwar l-IA li jeħtieġ li jiproteġu d-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari d-dritt għall-ħajja privata u għan-nondiskriminazzjoni, u l-vantaġġi li l-IA tista' toffri għall-benesseri tal-bniedem; jenfasizza li teknoloġiji ġodda u emerġenti bħala software ta' spjunaġġ jeħtieġu sorveljanza urġenti, trasparenza robusta u salvagwardji xierqa; jisħaq fuq l-importanza ta' approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem fir-rigward ta' dawn it-teknoloġiji; jikkundanna l-użu ta' teknoloġiji ġodda u emerġenti bħala strumenti koerċittivi sabiex jiżiedu l-fastidju, l-intimidazzjoni u l-persekuzzjoni tad-DDB, l-attivisti, il-ġurnalisti, l-avukati u l-minoranzi; jieħu l-pożizzjoni soda li l-esportazzjoni ta' software ta' spjunaġġ mill-Unjoni lejn pajjiżi terzi fejn tali għodod jintużaw kontra attivisti tad-drittijiet tal-bniedem, ġurnalisti u kritiċi tal-gvern, hija ksur serju tad-drittijiet fundamentali minquxa fil-Karta u ksur serju tar-regoli tal-Unjoni dwar l-esportazzjoni;
68. Jiddeplora l-prattiki minn reġimi awtoritarji u totalitarji li jillimitaw l-aċċess taċ-ċittadini għall-internet, inkluż qtugħ tal-internet matul assemblej pubbliċi u protesti, fost l-oħrajn; jinsisti fuq l-importanza ta' ċyberspazju miftuħ, liberu, stabbli u sigur, li jirrispetta l-valuri fundamentali tad-demokrazija, tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istat tad-dritt; jisħaq fuq l-importanza li d-Diplomazija Diġitali tal-UE tavvanza approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem għat-teknoloġiji diġitali;
69. Jinsab imħasseb dwar l-użu ta' attakki ċibernetiċi, meqjusa bħala theddid ibridu, li spiss jintużaw kontra servizzi u infrastruttura kritiċi għall-popolazzjoni ċivili; jesprimi tħassib dwar iż-żieda ta' dan il-fenomeno, peress li jista' jwassal ukoll għal ksur tad-drittijiet diġitali tan-nies u jaggrava l-vjolenza fil-ħajja reali;
70. Jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jippromwovu l-adozzjoni ta' leġislazzjoni dwar id-diżinformazzjoni u d-diskors ta' mibegħda f'pajjiżi terzi, jipprojbixxu u jikkastigaw b'mod espliċitu d-diskors li jinċita d-diskriminazzjoni, il-mibegħda jew il-vjolenza abbażi tar-razza, l-etniċità, in-nazzjonalità, il-klassi soċjali, id-diżabilità, il-kasta, ir-reliġjon, it-twemmin, l-età, l-orjentazzjoni sesswali u s-sess jew l-identità tal-ġeneru, u jagħmlu pressjoni fuq il-korporazzjonijiet tat-teknoloġija u l-pjattaformi tal-media soċjali biex irawmu ambjent online sensittiv għad-drittijiet tal-bniedem;

It-tisħiħ tal-għodda tal-UE għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija madwar id-dinja

Il-pjan ta' azzjoni tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija

71. Josserva li l-implimentazzjoni sa issa tal-pjan ta' azzjoni tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija mill-UE u l-Istati Membri tagħha, għalkemm sostanzjali, għadha lura u għadha diffiċli biex tiġi vvalutata fin-nuqqas ta' oġġettivi tanġibbli u marbuta biż-żmien; jinnota l-osservazzjoni fir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-pjan ta' azzjoni dwar l-isfidi mingħajr preċedent li esperjenzat id-dinja mill-adozzjoni tiegħu, u r-rigress ġenerali fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem f'dawn l-aħħar snin, iżda

jissottolinja li dan għandu jwassal għat-tisħiħ tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni għall-perjodu li fadal tiegħu, bil-ħsieb li jiġu massimizzati s-sinerġiji u l-komplementarjetà bejn id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fil-livelli lokali, nazzjonali u globali; jilqa' l-valutazzjoni tal-azzjoni tal-UE dwar id-DDB fil-qafas tar-reviżjoni; jitlob li l-pjan ta' azzjoni tal-UE li jmiss jintegra d-difiża u l-promozzjoni tal-universalità tad-drittijiet tal-bniedem fil-pilastru tiegħu, b'attenzjoni speċjali għan-narrattivi u l-għodod użati minn reġimi awtoritarji u illiberali fl-attakki tagħhom f'dan ir-rigward; jenfasizza l-ħtieġa li jitnaqqas id-distakk bejn il-viżjoni strateġika u l-obiettivi tal-pjan ta' azzjoni u d-dimensjoni operattiva tiegħu; jisħaq fuq l-importanza li l-Istati Membri jieħdu s-sjieda tal-pjan ta' azzjoni tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija u jirrapportaw pubblikament dwar l-azzjoni tagħhom skont dan id-dokument strateġiku; iħeġġeġ lill-parlamenti nazzjonali u reġjonali, lill-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili lokali jikkollaboraw mal-awtoritajiet tagħhom fil-livell tal-Istati Membri dwar il-kontribut tagħhom għat-tmexxija tal-politika esterna tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem;

Ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE (RSUE) għad-Drittijiet tal-Bniedem

72. Jappoġġja bis-sħiħ il-ħidma tar-RSUE għad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kontribut għall-viżibbiltà u l-koerenza tal-azzjonijiet tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem fir-relazzjonijiet esterni tal-UE; jistieden lis-SEAE jsaħħaħ ir-rwol tiegħu u jżid il-viżibbiltà tiegħu fil-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem meta jikkollabora ma' pajjiżi terzi u sħab tal-istess fehma u jiggwida l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija; jappella għal obbligu ta' rendikont, trasparenza u viżibbiltà akbar tal-ħidma tal-mandat, inkluż permezz ta' rappurtar pubbliku dwar iż-żjarat fil-pajjiżi, il-programm ta' ħidma u l-prijoritajiet; iqis li l-ambitu tal-mandat jiġġustifika l-ħatra ta' detentur tal-mandat full-time; jinsisti li l-ħatra tar-RSUE li jmiss tiġi kkonfermata biss wara evalwazzjoni pożittiva mill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin tal-Parlament u s-Sottokumitat tiegħu għad-Drittijiet tal-Bniedem u li r-RSUE jirrapporta lura lill-Parlament b'mod regolari;

L-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali u l-programm tematiku dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija

73. Ifakkar fir-rwol fundamentali li għandu l-NDICI – Ewropa Globali, inkluż il-programm tematiku tiegħu dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, bħala strument ewlieni tal-UE fil-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija madwar id-dinja; itenni l-appelli tiegħu biex jingħata appoġġ lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, lill-attivisti favur id-demokrazija u lill-organizzazzjonijiet tal-media, inkluż permezz tal-Fond Ewropew għad-Demokrazija, li għandu jiżdied fid-dawl tax-xejriet globali rigressivi attwali; jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm kollaborazzjoni mas-soċjetà ċivili u ma' sħab lokali oħra fl-attivitajiet esterni rilevanti kollha tal-UE; itenni l-importanza li jiġi ssimplifikat approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem fl-istrumenti ta' azzjoni esterna tal-UE;
74. Itenni l-appell tiegħu għal trasparenza akbar fir-rigward tad-dispożizzjonijiet relatati mad-drittijiet tal-bniedem fil-ftehimiet ta' finanzjament fl-ambitu tal-NDICI u kjarifika tal-mekkaniżmu u l-kriterji għas-sospensjoni ta' tali ftehimiet fil-każ ta' ksur tad-

drittijiet tal-bniedem, tal-prinċipji demokratiċi u tal-istat tad-dritt; jenfasizza li l-UE għandha strettament toqgħod lura milli tipprovdi appoġġ baġitarju bħala mezz biex tipprovdi assistenza lil reġimi li jonqsu sew milli jissodisfaw l-istandards internazzjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni; jisħaq li l-appoġġ f'każijiet bħal dawn għandu, minflok, jingħata permezz tas-soċjetà ċivili; jitlob lill-UE tagħti attenzjoni partikolari biex tivvaluta u tipprevjeni kwalunkwe ksur marbut mal-politiki, il-proġetti u l-finanzjament tal-Unjoni stess f'pajjiżi terzi, inkluż bil-ħolqien ta' mekkaniżmu tal-ilmenti għal individwi jew gruppi li d-drittijiet tagħhom setgħu nkisru mill-attivitajiet tal-UE f'dawn il-pajjiżi;

75. Ifakkar li l-UE ddikjarat l-impenn tagħha li tappoġġja t-tranżizzjoni minn kura istituzzjonali għal kura f'familja u bbażata fil-komunità fl-azzjoni esterna tagħha fl-NDICI; iħeġġeġ, għalhekk, lill-istituzzjonijiet tal-UE jeskludu l-finanzjament tal-istituzzjonijiet, inkluż għar-rinnovazzjoni, il-bini jew ir-rinnovazzjoni, jekk dan ma jkunx parti minn proċess ta' deistituzzjonalizzazzjoni;

Il-ftehimiet internazzjonali tal-UE

76. Jisħaq li l-klawżoli dwar id-drittijiet tal-bniedem għandhom japplikaw b'mod koerenti għall-ftehimiet internazzjonali kollha tal-UE ma' pajjiżi terzi, inklużi ftehimiet settorjali u ta' investiment, u li dawn għandhom jiġu mmonitorjati mill-qrib u appoġġjati minn sett ċar ta' punti ta' riferiment u proċeduri li għandhom jiġu segwiti f'każ ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, u jipprovdu bażi għall-kollaborazzjoni ma' pajjiżi terzi dwar id-drittijiet tal-bniedem b'mod prattiku u flessibbli; jinnota li sal-2014 l-UE attivat formalment il-klawżoli tad-drittijiet tal-bniedem f'għoxrin okkażjoni u minn dakinhar adottat biss "miżuri xierqa" fl-ambitu ta' dawn il-klawżoli f'okkażjoni waħda biss; itenni li fid-dawl ta' ksur serju u persistenti tal-klawżoli tad-drittijiet tal-bniedem mill-pajjiżi sħab tagħha, l-UE għandha tirreaġixxi malajr u b'mod deċiżiv, u bħala kors aħħari ta' azzjoni, billi tissospendi l-ftehimiet rilevanti jekk għażliet oħra jirriżultaw bħala ineffettivi;
77. Jappella għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni tal-Ombudsman tal-UE dwar il-ħolqien ta' portal għat-trattament tal-ilmenti, fil-qafas tal-istrumenti kummerċjali u finanzjarji tal-UE, u l-adattament tal-Punt ta' Dħul Uniku tal-Kummissjoni biex jippermetti s-sottomissjoni ta' lmenti rigward in-nuqqas ta' konformità mal-klawżoli tad-drittijiet tal-bniedem, li għandhom ikunu aċċessibbli, faċli għaċ-ċittadini u trasparenti; iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jikkollaboraw aktar mal-Ombudsman fl-iżvilupp ta' strateġiji u għodod ġodda għall-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem permezz tal-kummerċ; jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb il-komunikazzjoni tagħha lill-Parlament dwar il-kunsiderazzjonijiet u d-deċiżjonijiet tagħha rigward l-infurzar tal-klawżoli tad-drittijiet tal-bniedem fil-ftehimiet internazzjonali;

Id-djalogi tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem

78. Jisħaq fuq ir-rwol importanti tad-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem fis-sett tal-għodod tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u bħala mezz ewlieni għall-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija; jenfasizza li dawn id-djalogi għandhom jindirizzaw is-sitwazzjoni tad-

drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija kollha mal-pajjiżi rilevanti; jisħaq fuq ir-rwol tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili indipendenti u l-ħtieġa li tiġi żgurata l-parteċipazzjoni leġittima tagħhom permezz tat-tnejjija u s-segwitu ta' dawn id-djalogi; jisħaq li ma jista' jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni fir-rigward tal-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili f'dan ir-rigward; jinnota li d-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem għandhom jitqiesu bħala element ewlieni ta' impenn sostnut tal-UE u mhux bħala eżerċizzju ta' rutina jew strument awtonomu; ifakkar li dawn id-djalogi jeħtieġ li jintużaw flimkien u f'sinerġija ma' strumenti oħra, u għandhom jitwettqu b'mod orjentat lejn ir-riżultati u jiġu rieżaminati b'mod regolari; jisħaq li n-nuqqas ta' kisba ta' riżultati konkreti għandu jkollu konsegwenzi għat-tmexxija usa' tar-relazzjonijiet bilaterali; itenni l-ħtieġa li jitqajmu każijiet individwali, inklużi daww enfasizzati mill-Parlament fir-riżoluzzjonijiet tiegħu u r-rebbieħa tal-Premju Sakharov – u l-finalisti – u li jiġi żgurat segwitu adegwat; jistieden lis-SEAE u lid-Delegazzjonijiet tal-UE jżidu l-viżibbiltà ta' dawn id-djalogi u l-eżiti tagħhom, inkluż permezz tal-pubblikazzjoni ta' dikjarazzjoni konġunta għall-istampa u jwettqu azzjoni ta' segwitu xierqa għalihom;

Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem (GHRSSR – l-Att Magnitsky tal-UE)

79. Jinnota l-użu sa issa limitat tal-GHRSSR tal-UE (l-Att Magnitsky tal-UE) bħala għodda politika ewlenija fid-difiża tal-UE tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija madwar id-dinja; jinnota, madankollu, l-isfidi li r-rekwiżit tal-unanimità joħloq fl-adozzjoni tagħhom u jtenni l-appell tiegħu għall-introduzzjoni ta' votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata għal deċiżjonijiet dwar il-GHRSSR; jappella għal użu aktar dinamiku u konsistenti ta' din l-għodda, inkluż f'kooperazzjoni ma' sħab tal-istess fehma; jistieden lill-Kunsill jaġixxi fuq it-talbiet għal sanzjonijiet magħmula mill-Parlament permezz tar-riżoluzzjonijiet tiegħu; jappoġġja bis-sħiħ il-possibbiltà li jiġu imposti sanzjonijiet immirati kontra l-korruzzjoni fir-rigward ta' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, li ilha prijorità tal-Parlament għal żmien twil, u jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward u jappella għall-adozzjoni malajr tagħha mill-Kunsill, kemm permezz tal-inklużjoni tagħha fil-GHRSSR kif ukoll permezz ta' reġim differenti;
80. Jenfasizza li l-applikazzjoni konsistenti u uniformi ta' miżuri restrittivi fl-Istati Membri kollha għandha konsegwenzi għall-kredibbiltà u l-effettività tal-azzjoni esterna tal-UE; jisħaq fuq il-ħtieġa tal-infurzar sħiħ tas-sanzjonijiet u jitlob li l-ksur u ċ-ċirkonvenzjoni jiġu indirizzati b'mod effettiv;

Attivitajiet ta' appoġġ għad-demokrazija

81. Itenni t-tħassib tiegħu dwar l-attakki li dejjem qegħdin jiżdiedu minn reġimi awtoritarji, totalitarji u illiberali fuq l-istituzzjonijiet u l-istandards demokratiċi u s-soċjetà ċivili, u t-tentattivi biex jerġgħu jinkitbu n-normi internazzjonali; jisħaq li d-difiża u l-appoġġ tad-demokrazija madwar id-dinja qed isiru dejjem aktar ta' interess ġeopolitiku u strateġiku; iqis il-ħtieġa li jiżdiedu l-isforzi biex titqajjem kuxjenza dwar l-imminar tal-kultura demokratika f'pajjiżi terzi u jtenni l-ħtieġa li din tissaħħaħ; itenni l-importanza tal-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali tal-UE u l-kontribut tal-Parlament għall-iżvilupp u t-tiħiħ tal-metodoloġija tagħhom; jitlob li l-pajjiżi terzi jimplementaw ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali tal-UE – u korpi internazzjonali rikonoxxuti oħra – biex itejbu l-proċessi elettorali futuri tagħhom u

b'hekk jgħinu ħalli jżiedu t-trasparenza u l-legalità tagħhom bl-għan li jissaħħu l-istandards demokratiċi tal-istati kkonċernati; jilqa' l-ħidma tal-Fond Ewropew għad-Demokrazija u jtenni l-ħtieġa li jkomplu jissaħħu l-attivitajiet u r-riżorsi tiegħu;

L-appoġġ tal-UE għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili

82. Huwa mħasseb ħafna dwar l-attakki u l-fastidju fuq id-DDB, kif ukoll il-familji, il-komunitajiet u l-avukati tagħhom, u jsib il-mezzi dejjem aktar sofistikati użati biex jiġu ppersegwitati b'mod partikolari inkwetanti; jikkundanna bil-qawwa l-liġijiet, inklużi l-liġijiet kontra t-terroriżmu, il-liġijiet dwar is-sigurtà nazzjonali u l-liġijiet kontra l-malafama, użati biex jimmiraw lid-DDB u lill-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs), jikkriminalizzaw xogħolhom, u jstigmatizzawhom; jiddeplora l-fastidju mogħti lill-NGOs permezz ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi f'pajjiżi terzi, bħal liġijiet tal-aġenti barranin u affarijiet simili, u restrizzjonijiet oħra li jiffaċċjaw fil-ħidma leġittima tagħhom; jappoġġja, ifaħħar u jringrazzja bis-sħiħ lid-DDB għax-xogħol kuraġġuż u kruċjali li jwettqu u l-azzjoni tal-UE biex tiżgura l-protezzjoni tagħhom madwar id-dinja; jappella għall-applikazzjoni sħiħa u konsistenti tal-Linji Gwida tal-UE dwar id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem mill-UE u l-Istati Membri tagħha, biex b'hekk jitrawwem approċċ proattiv, olistiku u fit-tul lejn il-protezzjoni tad-DDB li jantiċipa u jtaffi problemi serji, bħal attakki u theddid, li jimmiraw id-DDB bi spiża personali li spiss tkun kbira għalihom, għall-familji u għall-komunitajiet tagħhom; jissottolinja l-ħtieġa urġenti ta' reviżjoni komprensiva u f'waqtha tal-Linji Gwida dwar id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, bil-ħsieb li jiġu indirizzati l-isfidi u t-theddid emerġenti, u li jiġu żgurati l-applikabbiltà u l-effettività tagħhom fil-protezzjoni tad-DDB fuq livell globali, filwaqt li jiġu integrati approċċi sensitivi għall-ġeneru u intersezzjonali fil-Linji Gwida aġġornati, li jirriflettu l-isfondi u l-esperjenzi varjati tad-DDB, filwaqt li jitqiesu l-vulnerabbiltajiet speċifiċi li jistgħu jiffaċċjaw;
83. Jenfasizza l-fenomeni li qed dejjem jżied madwar id-dinja tat-theddid tranżnazzjonali kontra id-DDB mill-awtoritajiet nazzjonali jew mir-rappreżentati tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jidentifikaw u jindirizzaw dan it-theddid fl-UE bħala prijorità u bħala aspett integrali tal-Linji Gwida tal-UE dwar id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu lid-DDB barranin li jirrisjedu fl-UE b'mezzi finanzjarji u mezzi oħra xierqa sabiex ikunu jistgħu jkomplu l-ħidma tagħhom fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem mill-bogħod u mingħajr biża' ta' ritaljazzjoni; jissottolinja li l-uffiċjali u l-aġenti ta' pajjiżi terzi li jagħtu fastidju lid-DDB fl-UE, kif ukoll il-faċilitaturi lokali, individwi jew entitajiet, għandhom jinżammu responsabbli; jenfasizza l-importanza tat-taħriġ u r-riżorsi li għandhom jiġu pprovduti lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi biex jindirizzaw dawn l-attakki tranżnazzjonali;
84. Jinsisti li s-SEAE, il-Kummissjoni u d-Delegazzjonijiet tal-UE jagħtu attenzjoni partikolari lis-sitwazzjoni tar-rebbieħa u l-finalisti tal-Premju Sakharov f'riskju u jieħdu azzjoni determinata, f'koordinazzjoni mal-Istati Membri u l-Parlament, biex jiżguraw il-benesseri, is-sikurezza jew il-liberazzjoni tagħhom;
85. Jappella għal sforzi biex tissaħħaħ il-viżibbiltà tal-azzjonijiet u l-kanali tal-UE għall-protezzjoni u l-appoġġ tad-DDB; iħeġġeġ lill-Istati Membri jmexxu bl-eżempju u jiżviluppaw linji gwida u liġijiet nazzjonali robusti u effettivi dwar id-DDB, li jservu

bħala mudell għal nazzjonijiet oħra; jirrikonoxxi r-responsabbiltà kollettiva tas-SEAE, tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri fl-iżgurar tal-implimentazzjoni effettiva tal-Linji Gwida tal-UE dwar id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u jitlob li l-UE timplimenta approċċ ġenwin ta' Tim Ewropa għad-DDB; jappoġġja bis-sħiħ il-mekkaniżmi ta' ProtectDefenders.eu u jitlob li l-UE u l-Istati Membri tagħha jrawmu l-ħolqien ta' mekkaniżmi simili f' pajjiżi tal-istess fehma, kif ukoll attivitajiet konġunti bejn l-UE, l-Istati Membri tagħha u pajjiżi terzi indirizzati għall-protezzjoni tad-DDB; jissottolinja l-importanza li r-Rappreżentanti Speċjali tal-UE jikkollaboraw mal-awtoritajiet nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u każijiet individwali; itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tieħu rwol proattiv fl-istabbiliment ta' skema ta' viżi għal dħul multiplu fl-UE kollha għad-DDB f' riskju; iħeġġeġ, għalhekk, lill-Istati Membri jwettqu titjib proċedurali fil-missjonijiet diplomatiċi tagħhom, filwaqt li jiżguraw proċessi ta' applikazzjoni għal viża malajr, komprensibbli, aċċessibbli u li jistgħu jinkisbu; jistieden ukoll lill-Istati Membri jistabbilixxu u jintegraw b' mod kollaborattiv kategorija dedikata fil-Kodiċi tal-UE dwar il-Viżi, u b'hekk jissimplifikaw il-proċeduri tal-viża u jippromwovu l-uniformità fil-proċess tal-applikazzjoni għal viża tal-UE; jistieden lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, f'kollaborazzjoni mal-Istati Membri u l-Parlament, jistabbilixxi lista annwali ta' pajjiżi ta' tħassib serju fir-rigward tad-DDB, li tippermetti rispons koordinat minn Tim Ewropa, aċċess għar-riżorsi, monitoraġġ imsaħħaħ, strateġiji dedikati u aktar appoġġ fil-livelli kollha; iħeġġeġ il-preżentazzjoni u r-rieżami trasparenti ta' din il-lista fil-Parlament biex jinżamm l-obbligu ta' rendikont;

86. Jiddeplora l-fatt li d-difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem jiffaċċjaw vjolenza abbażi tal-ġeneru u jbatu minn nuqqas ta' aċċess għal riżorsi adegwati u mekkaniżmi ta' protezzjoni; jikkundanna l-attakki kontinwi kontra d-difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi l-attakki sesswali, it-theddid, l-intimidazzjoni, il-kriminalizzazzjoni u l-qtil; jafferma li ż-żieda fid-diskors misoġinistiku, sessist u omofobiku mill-mexxejja politiċi f'dawn l-aħħar snin innormalizzat il-vjolenza kontra d-difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem b' mod partikolari fil-konfront tad-difensuri li jaħdmu fuq is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-UE tkompli tappoġġja lill-OSĊ li jippromwovu d-drittijiet tan-nisa u l-bniet mill-aspett politiku u finanzjarju;

Il-ġlieda kontra l-impunità u l-korruzzjoni

87. Jisħaq li l-korruzzjoni tiffaċilita, tipperpetwa u tistituzzjonalizza l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, iddgħajef l-istituzzjonijiet demokratiċi u taffettwa b' mod sproporzjonat l-individwi u l-gruppi l-aktar vulnerabbli u emarġinati fis-soċjetà; Jappella għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni tkun parti mill-isforzi u l-politiki kollha tal-UE biex tippromwovi d-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija; jilqa' l-azzjonijiet kontra l-korruzzjoni fil-politiki esterni tal-UE, inkluża l-possibbiltà li jiġu imposti sanzjonijiet immirati kontra l-korruzzjoni fil-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tat-3 ta' Mejju 2023 dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni (JOIN(2023)0012); jitlob li l-UE u l-Istati Membri tagħha jżidu l-isforzi tagħhom fir-riformi tal-ġustizzja, il-ġlieda kontra l-impunità, it-titjib tat-trasparenza u tal-istituzzjonijiet kontra l-korruzzjoni f' pajjiżi terzi u fl-indirizzar tar-rwol ta' ċerti atturi bbażati fl-UE f'dan ir-rigward; jappoġġja d-dispożizzjonijiet kontra l-korruzzjoni inklużi fil-ftehimiet kummerċjali tal-UE ma' pajjiżi terzi; jissottolinja l-

importanza kbira li l-UE u l-Istati Membri tagħha jmexxu bl-eżempju billi japplikaw l-ogħla standards ta' trasparenza għall-finanzjament estern tagħhom u billi jżidu l-appoġġ tagħhom għall-OSĊ, l-attivisti u l-ġurnalisti investigattivi involuti fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-impunità, kif ukoll billi jippromwovu l-istabbiliment ta' miżuri globali effettivi kontra l-korruzzjoni u oqfsa regolatorji robusti, kif ukoll billi jindirizzaw ġurisdizzjonijiet ta' segretezza u rifuġi fiskali; jappella għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni ma' atturi internazzjonali ewlenin f'dan ir-rigward, bħall-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni (GRECO), l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) u l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità (UNODC), sabiex jittejjbu s-sinerġiji u l-iskambju tal-aħjar prattiki fir-rigward tal-miżuri kontra l-korruzzjoni;

Azzjonijiet tal-UE fil-fora multilaterali

88. Itenni l-ħtieġa li l-UE u l-Istati Membri tagħha jagħmlu hilitom biex jirkellmu b'vuċi waħda fin-NU kif ukoll f'fora multilaterali oħra; huwa mħasseb ħafna dwar l-attakki li dejjem qegħdin jiżiedu fuq istituzzjonijiet multilaterali, bħall-Korpi tan-NU u b'mod partikolari l-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, minn reġimi awtoritarji u illiberali f'tentattiv biex idgħajfu l-ħidma u l-leġittimità tagħhom; jilqa' l-appoġġ kontinwu tal-UE u tal-Istati Membri tagħha lin-NU u lil istituzzjonijiet multilaterali oħra, kif ukoll id-djalogu strateġiku u l-kooperazzjoni kontinwi u li qed jikbru mal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem; jappoġġja bil-qawwa l-isponsorizzazzjoni tar-riżoluzzjonijiet tan-NU mill-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija; jitlob li l-UE u l-Istati Membri tagħha jieħdu passi konkreti biex itejbu s-saħħa u r-reżiljenza tal-arkitettura internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u l-implimentazzjoni konsistenti tal-obbligi u l-istrumenti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem; jitlob li l-UE u l-Istati Membri tagħha jippromwovu sede proprja u permanenti għall-Unjoni f'fora multilaterali u jiżguraw koordinazzjoni akbar, inkluż mal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, flimkien ma' dik eżistenti allokata lill-Istati Membri tal-UE; jitlob li d-delegazzjonijiet tal-UE jkollhom rwol aktar b'saħħtu fil-fora multilaterali, li għalihom għandu jkollhom riżorsi xierqa disponibbli;
89. Jisħaq li l-protezzjoni globali u effettiva tad-drittijiet tal-bniedem tirrikjedi kollaborazzjoni internazzjonali fil-livell multilaterali; jissottolinja r-rwol partikolarment importanti tan-NU u tal-korpi tagħha bħala l-forum ewlieni li jeħtieġu jkun kapaċi javvanza b'mod effettiv l-isforzi għall-paċi, is-sigurtà, l-iżvilupp sostenibbli u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u d-dritt internazzjonali; ifakkar fl-obbligi tal-istati membri kollha tan-NU li jippromwovu u jipproteġu d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha, kif minqax fil-Karta Fundatriċi tan-Nazzjonijiet Uniti u fir-Riżoluzzjoni 60/251 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU; jisħaq fuq ir-responsabbiltà tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU li jindirizza l-ksur serju kollu tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja; jesprimi dispjaċir għall-fatt li diversi membri tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU għandhom rekords ta' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u nuqqas ta' rispett għall-obbligi tagħhom tad-drittijiet tal-bniedem; jappella għal applikazzjoni aħjar tal-kriterji għas-sħubija fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU; jistieden lis-SEAE jibda u jmexxi sforz lejn pożizzjoni koordinata tal-UE u tal-Istati Membri dwar is-sħubija tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, li tippromwovi trasparenza akbar u kompetizzjoni bbażata fuq il-mertu fil-proċess elettorali; jitlob li l-istituzzjonijiet tal-UE, inkluż lilha nnifisha, biex ikomplu jsaħħu r-

relazzjonijiet u l-kooperazzjoni mill-qrib ma' dawn il-korpi tan-NU;

90. Jenfasizza l-ħidma tal-kummissjonijiet ta' inkjesta tan-NU u tal-missjonijiet ta' ġbir ta' informazzjoni, li qed jintużaw dejjem aktar biex jirrispondu għal sitwazzjonijiet li jinvolvu ksur serju tad-dritt umanitarju internazzjonali u tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, u biex jiġġieldu l-impunità; jitlob li l-UE u l-Istati Membri tagħha jkomplu jappoġġjaw il-ħidma tan-NU, kemm politikament kif ukoll finanzjarjament, inklużi l-Proċeduri Speċjali u l-korpi tat-trattati; jikkundanna bil-qawwa l-attakki kollha kontra d-detenturi ta' mandat ta' Proċedura Speċjali tan-NU u kontra l-indipendenza tal-mandati tagħhom; jistieden lill-Istati Membri tal-UE u lis-sħab demokratiċi tal-UE jiġġieldu b'mod deċiżiv dawn it-tentattivi u jieħdu l-miżuri kollha possibbli biex jgħinu jipprovdu spazji sikuri u miftuħa għall-interazzjoni minn individwi u OSĊ man-Nazzjonijiet Uniti, ir-rappreżentanti u l-mekkaniżmi tagħha;
91. jitlob li l-UE u l-Istati Membri jappoġġjaw it-tisħiħ tas-sistemi reġjonali tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż permezz ta' assistenza finanzjarja u l-kondiviżjoni ta' esperjenzi transreġjonali; jenfasizza b'mod partikolari r-rwol kritiku tal-korpi ta' monitoraġġ u l-mekkaniżmi ġudizzjarji stabbiliti taħt dawn is-sistemi reġjonali u l-komplementarjetà tagħhom mas-sistema tad-drittijiet tal-bniedem tan-NU;
92. Jilqa' l-appoġġ politiku u finanzjarju li l-UE tat lill-QKI, inkluż l-uffiċċju tal-Prosekutur tal-QKI; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jkomplu jappoġġjaw lill-QKI bil-mezzi u r-riżorsi meħtieġa, kemm umani kif ukoll finanzjarji, u jużaw l-istrumenti kollha għad-dispożizzjoni tagħha biex isaħħu l-ġlieda globali kontra l-impunità; jilqa' l-kontributi tal-QKI għall-ġlieda kontra l-impunità madwar id-dinja; jappoġġja l-kontributi tal-UE fl-investigazzjoni tad-delitti tal-gwerra u d-delitti kontra l-umanità fil-qafas tal-QKI; jikkundanna t-tentattivi biex jiddgħajfu l-ħidma tal-QKI u l-leġittimità tagħha; jitlob li l-UE u l-Istati Membri tagħha jinkoraġġixxu lis-sħab tagħhom jirratifikaw l-Istatut ta' Ruma u l-emendi tiegħu u b'hekk jespandu l-ġurisdizzjoni tal-Qorti;

Approċċ Tim Ewropa

93. Jesprimi dispjaċir għall-każijiet ta' approċċi differenti għall-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi terzi osservati fl-ambaxxati tal-Istati Membri u d-Delegazzjonijiet tal-UE; jissottolinja li l-ambaxxati tal-Istati Membri għandhom jagħmlu l-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem prijorità, filwaqt li jappoġġjaw ukoll lis-soċjetà ċivili f'pajjiżi terzi: jinnota li din ir-responsabbiltà ma għandhiex taqa' kompletament fuq id-Delegazzjonijiet tal-UE; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jagħmlu b'mod effettiv id-drittijiet tal-bniedem parti ċentrali tal-politiki u l-ġhodod kollha tal-UE; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex jipromwovu u jiproteġu d-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija globalment; jissottolinja l-ħtieġa li l-UE u l-Istati Membri tagħha jaġixxu b'mod magħqud, b'vuċi waħda u b'mod effettiv fl-indirizzar tal-isfidi globali tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija f'fora multilaterali; jappella għal koordinazzjoni sħiħa f'pajjiżi terzi bejn id-Delegazzjonijiet tal-Istati Membri kollha u d-Delegazzjonijiet tal-UE dwar kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem; jistieden lid-Delegazzjonijiet tal-UE u lill-missjonijiet diplomatiċi tal-Istati Membri tal-UE jadottaw approċċ aktar proattiv fil-promozzjoni u d-difiża tad-drittijiet tal-bniedem;

94. Jenfasizza l-importanza li tiġi indirizzata s-segmentazzjoni kontinwa fit-tmexxija tar-relazzjonijiet esterni tal-UE fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem; jappella għal koordinazzjoni mtejba dwar kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem bejn id-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għas-Sħubijiet Internazzjonali u s-SEAE ma' Direttorati Ġenerali rilevanti oħra, inkluż id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ u d-Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni, kif ukoll mal-aġenziji rilevanti tal-UE, bħall-Frontex u l-EASO; jilqa' ż-żieda fil-koordinazzjoni bejn id-Delegazzjonijiet tal-UE u l-kwartieri ġenerali tas-SEAE u d-Direttorat Ġenerali għas-Sħubijiet Internazzjonali fir-rigward ta' każijiet urġenti ta' DDB;
95. Jistieden lid-Delegazzjonijiet kollha tal-UE f'pajjiżi terzi jżidu l-appoġġ tagħhom lid-DDB, f'konformità mal-linji gwida tal-UE f'dan il-qasam, kif ukoll iżuru membri tal-oppożizzjoni demokratika, attivisti u membri tas-soċjetà ċivili li jinsabu l-ħabs f'dawk il-pajjiżi, jimmonitorjaw is-sitwazzjoni tagħhom, jattendu proċessi u jqajmu l-każijiet tagħhom fid-djalogi tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem mal-pajjiżi inkwistjoni;
96. Jenfasizza r-rwol importanti tad-diplomazija pubblika u kulturali tal-UE, kif ukoll tar-relazzjonijiet kulturali internazzjonali, fil-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u jitlob li d-diviżjoni tal-Komunikazzjoni Strateġika u l-Prospettiva tas-SEAE żżid l-isforzi tagħha f'dan ir-rigward, li għaliha għandha sserraħ fuq ir-riżorsi xierqa; jisħaq fuq il-ħtieġa li jkun hemm komunikazzjoni sħiħa f'pajjiżi terzi dwar programmi tad-drittijiet tal-bniedem ifffinanzjati jew appoġġjati mill-UE; iqis li huwa ta' importanza kbira li jiġu implimentati bis-sħiħ il-Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-Delegazzjonijiet tal-UE u fil-missjonijiet diplomatiċi tal-Istati Membri;
97. Jistieden lill-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri jadottaw approċċ veru ta' "Tim Ewropa", li jikkonsisti f'kollaborazzjoni regolari mal-Parlament u l-involvement tiegħu b'mod sinifikattiv, kull meta jsiru laqgħat, żjarat jew avvenimenti uffiċjali u mhux uffiċjali oħra, f'konformità mar-rwol tal-Parlament Ewropew bħala l-uniku korp tal-UE elett direttament, li jirrappreżenta liċ-ċittadini tal-UE;

o

o o

98. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, is-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, il-President tas-77 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, il-President tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

NOTA SPJEGATTIVA

Kull sena, il-Parlament Ewropew jadotta tliet rapporti annwali dwar il-politika barranija, tas-sigurtà u tad-difiża, u tad-drittijiet tal-bniedem tal-UE.

It-tliet rapporti huma dwar:

- l-implimentazzjoni tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni - rapport annwali 2023 (ibbażat fuq ir-rapport tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Politika Barranija lill-Parlament Ewropew dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni) - kompetenza tal-Kumitat AFET,
- id-Drittijiet tal-Bniedem u Demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni - rapport annwali 2023 (ibbażat fuq ir-Rapport Annwali tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fid-Dinja 2022) - kompetenza tas-Sottokumitat DROI, u
- l-implimentazzjoni tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni - rapport annwali 2023 (ibbażat fuq ir-rapport tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Politika Barranija lill-Parlament Ewropew dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni) - kompetenza tas-Sottokumitat SEDE.

Dawn ir-rapporti jimmonitorjaw u jivvalutaw l-implimentazzjoni tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni, inkluża l-politika tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni. Huma komponent ewlieni tal-kontribut tal-Parlament Ewropew għat-tfassil tal-politika barranija tal-UE, l-aktar fir-rigward tad-dritt imsaħħa ta' skrutinju mogħti lill-Parlament Ewropew mit-Trattat ta' Liżbona. Huwa essenzjali li l-Parlament Ewropew iwieġeb għar-rapporti annwali maħruġa minn istituzzjonijiet oħra hekk kif jiġu ppubblikati.

**ANNEX I:
KAŻIJET INDIVIDWALI MQAJMA MILL-PARLAMENT EWROPEW MINN
DIĊEMBRU 2022**

PAJJIŻ	SFOND	AZZJONI MEĦUDA MILL-PARLAMENT
Persuna fiżika		
L-AFGANISTAN Matiullah Wesa	<p>Matiullah Wesa huwa difensur prominenti tad-drittijiet tal-bniedem, li ppromwova d-drittijiet tal-edukazzjoni tal-bniet għal aktar minn 14-il sena qabel ma t-Talibani ħadu l-kontroll f' Awwissu 2021. Matiullah Wesa huwa l-kap ta' PenPath, organizzazzjoni mhux governattiva lokali li tippromwovi d-drittijiet tal-edukazzjoni, speċjalment l-edukazzjoni tal-bniet. Id-difensur tad-drittijiet tal-bniedem jaħdem biex jilħaq l-aktar partijiet remoti tal-Afganistan billi jaħdem u jikkollabora mal-mexxejja tal-komunità biex jiffaħ skejjel u libreriji u billi jwassal l-iskola u l-librerija mobbli tagħha f' żoni remoti. Wara li t-Talibani ħadu l-kontroll tal-Afganistan f' Awwissu 2021, Matiullah Wesa kien promotur voċiferu kontra l-projbizzjonijiet fuq l-edukazzjoni tal-bniet u nieda kampanja bieb bieb. Huwa qiegħed jippromwovi dawk id-drittijiet ukoll b' mod attiv fuq il-media soċjali.</p>	<p>Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' April 2023, il-Parlament Ewropew:</p> <ul style="list-style-type: none"> - Jistieden lill-awtoritajiet <i>de facto</i> tal-Afganistan jeħilsu minnufih u mingħajr kundizzjonijiet lil Matiullah Wesa u lil dawk kollha li jinsabu l-ħabs talli eżerċitaw id-drittijiet fundamentali tagħhom mid-detenzjoni; jitlob li d-drittijiet tagħhom jiġu rispettati, inkluż l-aċċess tagħhom għall-membri tal-familja u għal rappreżentanza legali; - Jistieden lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u lill-Istati Membri jeżerċitaw pressjoni diplomatika direttament jew indirettament fuq l-awtoritajiet <i>de facto</i> tal-Afganistan biex jiżguraw il-ħelsien ta' Matiullah Wesa u ta' attivisti oħra detenuti b' mod arbitrarju, inklużi Rasul Abdi Parsi, Noorayel Kaliwal u Mortaza Behboudi;

<p>L-ALĠERIJA</p> <p>Ihsane El-Kadi</p>	<p>Ihsane El-Kadi, ġurnalista prominenti Alġerina u manigġer ta' Interface Médias, waħda mill-aħħar intrapriżi tal-media indipendenti fl-Alġerija, li tinkludi l-mezzi ta' komunikazzjoni online Radio M u Maghreb Emergent, ġie arrestat mingħajr mandat ta' arrest fil-lejl bejn it-23 u l-24 ta' Diċembru 2022.</p> <p>Fit-2 ta' April 2023 qorti Alġerina kkundannat lil El-Kadi għal ħames snin ħabs, li minnhom tnejn ġew sospiżi, multa ta' 700 miljun dinar Alġerini, ix-xoljiment tal-kumpanija tal-media tiegħu u l-konfiska tal-assi tagħha wara l-kundanna tiegħu fuq akkużi infondati li "rċieva fondi għal propaganda politika" u li "għamel ħsara lis-sigurtà tal-istat" skont l-Artikoli 95 u 95bis tal-Kodiċi Penali tal-Alġerija; billi s-seduta ta' smiġħ dwar l-appell tiegħu se ssir fit-tieni nofs ta' Mejju 2023.</p>	<p>Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Mejju 2023, il-Parlament Ewropew:</p> <ul style="list-style-type: none"> - Jistieden lill-awtoritajiet tal-Alġerija jeħilsu minnufih u mingħajr kundizzjonijiet lil Ihsane El-Kadi u lil dawk kollha detenuti u akkużati arbitrarjament talli eżerċitaw id-dritt tagħhom għal-libertà tal-espressjoni; - Jistieden lill-awtoritajiet tal-Alġerija jirrispettaw u jiddefendu l-libertajiet fundamentali, b'mod partikolari l-libertà tal-media, kif minquxa fl-Artikolu 54 tal-Kostituzzjoni tal-Alġerija, jergġhu jiftħu l-istabbilimenti tal-media li nġhalqu u jwaqqfu l-arrest u d-detenzjoni ta' attivisti politiċi, ġurnalisti, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u sindakalisti; jesprimi solidarjetà maċ-ċittadini Alġerini li ilhom jipprotestaw b'mod paċifiku mill-2019; - Ihegġegħ lill-awtoritajiet tal-Alġerija jemendaw il-klawżoli relatati mas-sigurtà tal-Kodiċi Penali li jintużaw biex jikkriminalizzaw il-libertà tal-espressjoni, inklużi l-Artikoli 95bis u 196bis, u jallinjaw il-liġijiet li jillimitaw il-libertà tal-espressjoni mal-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, li l-Alġerija rratifikat;
---	---	--

<p>AŻERBAJĠAN</p> <p>Gubad Ibadoghlu</p>	<p>Dr Gubad Ibadoghlu huwa ekonomist politiku magħruf u personaġġ prominenti tal-oppożizzjoni. Huwa magħruf għall-kritika tiegħu tal-Gvern tal-Ażerbajġan, b'mod partikolari fir-rigward tal-korruzzjoni, il-ġestjoni ineffiċjenti tal-finanzi pubbliċi u n-nuqqas ta' trasparenza baġitarja; billi huwa l-President tal-Moviment għad-Demokrazija u l-Prosperità tal-Ażerbajġan, li b'mod konsistenti qed jiġi mċaħħad mir-reġistrazzjoni.</p> <p>Huwa ġie attakkat brutalment u detenut arbitrarjament fit-23 ta' Lulju 2023 u għadu l-ħabs fuq akkużi dubjużi, b'kuntatt limitat mal-familja u l-avukat tiegħu u allegatament kien soġġett għal trattament inuman u jbati minn kundizzjonijiet tas-saħħa serji li jirrikjedu attenzjoni medika; huwa qiegħed jiffaċċja sentenza ta' ħabs sa 12-il sena fuq akkużi ffabbrikati.</p> <p>Il-QEDB adottat miżuri <i>interim</i> temporanji li jordnaw lill-Gvern tal-Ażerbajġan jieħu miżuri urġenti biex jiżgura l-protezzjoni ta' saħħtu.</p> <p>Organizzazzjonijiet indipendenti kredibbli bħalissa jelenkaw sa 200 prigionier politiku fl-Ażerbajġan, inklużi ġurnalisti, attivisti tad-drittijiet ċivili u politiċi tal-oppożizzjoni, filwaqt li attivisti oħra tad-drittijiet tal-bniedem mill-Ażerbajġan, bħal Mahammad Mirzali, huma wkoll mhedda barra mill-fruntieri nazzjonali.</p>	<p>Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Settembru 2023, il-Parlament Ewropew:</p> <ul style="list-style-type: none"> - Jitlob għall-ħelsien immedjat u bla kundizzjoni ta' Gubad Ibadoghlu; jinsisti li jiġi żgurat l-aċċess immedjat tiegħu għal trattament mediku u mediċini adegwati; jissottolinja li l-akkużi kontrih huma foloz, jirriżultaw mill-attiviżmu ċiviku tiegħu u huma politikament motivati; - Iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Ażerbajġan jeħilsu lill-prigionieri politiċi, il-ġurnalisti indipendenti u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem kollha, iwaqqgħu l-akkużi politikament motivati kollha kontrihom u jwaqqfu r-ripressjoni extraterritorjali; - Jappella għal investigazzjoni indipendenti dwar it-trattament ħażin irrappurtat ta' Gubad Ibadoghlu u l-ksur tad-drittijiet tiegħu għal proċess ġust; jistieden ukoll lill-awtoritajiet tal-Ażerbajġan jieqfu milli jkomplu jipprojbixxu lil qrabatu milli jtilqu mill-pajjiż; - Jistieden lill-Ażerbajġan jipproteġi d-drittijiet tal-bniedem taċ-ċittadini tiegħu u jiżgura ambjent ħieles u sikur biex igawdu b'mod paċifiku d-drittijiet għal-libertà ta' espressjoni, ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni.
--	---	--

<p>IL-BAHRAIN</p> <p>Abdulhadi Al-Khawaja, Dr Abduljalil Al-Singace, Naji Fateel, Abdulwahab Hussain, Ali Hajee, Sheikh Ali Salman and Hassan Mshaima, Mohamed Ramadan, Husain Ali Moosa, Maher Abbas al-Khabbaz, Salman Isa Ali Salman, Hussein Abdullah Khalil Ebrahim, Mohammad Radhi Abdulla Hassan, Sayed Ahmed Fuad Abbas Isa Ahmed Al-Abar, Hussein Ali Mahdi Jasim Mohamed, Hussein Ebrahim Ali Hussein Marzooq, Moosa Abdallah Moosa Jafaar, Hussain Abdullah Marhoon Rashid and Zuhair Ebrahim Jasim Abdullah</p>	<p>Abdulhadi Al-Khawaja huwa ċittadin Daniż-Bahraini, kofundatur taċ-Ċentru tal-Bahrain għad-Drittijiet tal-Bniedem u ċ-Ċentru tal-Golf għad-Drittijiet tal-Bniedem, u rebbieħ tal-Premju Martin Ennals tal-2022, bħalissa wasal fit-tmiem tal-11-il sena tiegħu l-ħabs u qed jiskonta sentenza ta' għomor il-ħabs talli kellu rwol ewlieni fil-protesti li appellaw għar-riformi demokratiċi matul ir-rewwixta popolari tal-2011 fil-Bahrain.</p> <p>Dr Abduljalil Al-Singace, Naji Fateel, Abdulwahab Hussain, Ali Hajee, Sheikh Ali Salman and Hassan Mshaima, Mohamed Ramadan, Husain Ali Moosa, Maher Abbas al-Khabbaz, Salman Isa Ali Salman, Hussein Abdullah Khalil Ebrahim, Mohammad Radhi Abdulla Hassan, Sayed Ahmed Fuad Abbas Isa Ahmed Al-Abar, Hussein Ali Mahdi Jasim Mohamed, Hussein Ebrahim Ali Hussein Marzooq, Moosa Abdallah Moosa Jafaar, Hussain Abdullah Marhoon Rashid u Zuhair Ebrahim Jasim Abdullah huma detenuti politiċi u priġunieri fil-Bahrain.</p>	<p>Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2022, il-Parlament Ewropew:</p> <p>- Iħeġġeġ lill-Bahrain jeħles lil Abdulhadi Al-Khawaja u lil detenuti oħra u jikkundanna l-fastidju ġudizzjarju, l-intimidazzjoni, it-tortura u n-nuqqas ta' proċess ġust li huwa u detenuti politiċi oħra, kif ukoll il-familji tagħhom, għadhom qegħdin jiffaċċjaw;</p> <p>- Iħeġġeġ lill-uffiċjali kollha tal-UE u lir-rappreżentanti tal-Istati Membri tal-UE li jżuru l-Bahrain iżuru l-ħabsijiet u jiltaqgħu mad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u jkomplu jqajmu l-każ ta' Abdulhadi Al-Khawaja u tad-difensuri l-oħra kollha tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż kemm pubblikament kif ukoll privatament u jitolbu l-ħelsien mingħajr kundizzjonijiet tagħhom.</p>
---	---	---

<p>IL-BANGLADESH</p> <p>L-Organizzazzjoni Odhikar</p>	<p>Odhikar hija organizzazzjoni ewlenija tad-drittijiet tal-bniedem li ilha tiffaċċja aktar minn għaxar snin ta' fastidju u kriminalizzazzjoni, inkluż it-tneħħija mir-reġistru bħala NGO.</p> <p>Żewġ mexxejja ta' Odhikar, Adilur Rahman Khan u ASM Nasiruddin Elan, jiffaċċjaw akkużi kriminali foloz, b'sentenza mogħtija fl-14 ta' Settembru 2023; in-nuqqas li jiġi segwit proċess ġust fil-każ qanqal kundanna mifruxa.</p>	<p>Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Settembru 2023, il-Parlament Ewropew:</p> <ul style="list-style-type: none"> - Jesprimi tħassib serju dwar id-deterjorament tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Bangladesh; jinsisti li l-Gvern tal-Bangladesh (ĠoB) jerġa' jistabbilixxi ambjent sikur u abilitanti għall-NGOs, id-DDB, l-attivisti u l-minoranzi reliġjużi u jirrispetta l-impenji internazzjonali tal-pajjiż, b'mod partikolari skont il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi; - Jiddeplora s-sentenza ta' ħabs mogħtija fl-14 ta' Settembru 2023 mit-tribunal Ċibernetiku ta' Dhaka kontra s-Segretarju ta' Odhikar Adilur Rahman Khan u d-Direttur ASM Nasiruddin Elan; iħeġġeġ lill-ĠoB jannulla din is-sentenza minnufih u mingħajr kundizzjonijiet u jerġa' jdaħħal ir-reġistrazzjoni ta' Odhikar, u jiżgura li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jkunu jistgħu jaċċessaw għotjiet barranin approvati; - Ifakkar li proċess ta' involviment imsaħħaħ Kollox minbarra Armi (KMA) għadu għaddej mal-Bangladesh minħabba l-ksur serju tiegħu tal-konvenzjonijiet internazzjonali; jinsab imħasseb li l-każ ta' Odhikar huwa pass lura deplorabbli, li jgħib miegħu implikazzjonijiet dwar jekk il-preferenzi tal-EBA jibqgħux japplikaw fil-Bangladesh;
---	---	--

<p>II-BELARUSSJA</p> <p>Ales Bialiatski, Zmitser Salauyou, Uladzimir Labkovich, Leanid Sudalenka, Tatsiana Lasitsa, Andrzej Poczobut</p>	<p>Ales Bialiatski huwa difensur prominenti tad-drittijiet tal-bniedem, fundatur u president taċ-Ċentru tad-Drittijiet tal-Bniedem ta' Viasna u rebbieħ tal-Premju Nobel għall-Paċi u tal-Premju Sakharov, li ġie arrestat fit-12 ta' Frar 2022 u nżamm f'detenzjoni ta' qabel il-proċess. Huwa ntbagħat il-ħabs bejn l-2011 u l-2014 u reġa' ntbagħat il-ħabs fl-2021 wara d-dimostrazzjonijiet enormi favur id-demokrazija li seħħew wara l-elezzjonijiet presidenzjali tal-2020. Huwa ġie kkundannat għal 10 snin ħabs fi proċess politikament motivat.</p> <p>Zmitser Salauyou, u Uladzimir Labkovich, difensuri oħra tad-drittijiet tal-bniedem, ġew ikkundannati rispettivament għal 8 u 7 snin ħabs fi proċessi politikament motivati f'Marzu 2021.</p> <p>Leanid Sudalenka huwa avukat mill-fergħa ta' Homiel ta' Viasna, u Tatsiana Lasitsa hija voluntiera ta' Viasna, li ġew ikkundannati rispettivament għal tliet snin u sentejn u nofs ħabs aktar tard dik is-sena f'Novembru.</p> <p>Andrzej Poczobut huwa ġurnalist u membru tal-Unjoni tal-Pollakki fil-Belarusija, ġie arrestat fit-18 ta' Marzu 2021 u aktar tard ġie kkundannat tliet snin ħabs fuq akkużi li "insulta pubblikament lill-President tal-Belarusija" u li "inċita l-mibegħda etnika"; huwa ġie kkundannat għal tmien snin ħabs.</p>	<p>Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Marzu 2023, il-Parlament Ewropew:</p> <ul style="list-style-type: none"> - Ifakkar lill-awtoritajiet Belarussi fl-obbligi tagħhom li jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem taċ-ċittadini kollha tal-Belarusija, inklużi d-drittijiet għal-libertà tal-espressjoni, l-għaqda paċifika u l-assoċjazzjoni; - Jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġu żgurati l-libertajiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u ġudikatura indipendenti li tiffunzjona fil-Belarusija; - Itenni l-appell tiegħu lill-awtoritajiet Belarussi biex b'mod immedjat jibdlu s-sentenzi kollha tal-mewt u jstabilixxu moratorju fuq l-użu tal-piena tal-mewt, bħala l-ewwel pass lejn l-abolizzjoni sħiħa u permanenti tagħha; - Jitlob li tintemm id-diskriminazzjoni fil-konfront tan-nisa u gruppi vulnerabbli, inklużi l-persuni li jappartjenu għal minoranzi, persuni b'diżabilità u persuni LGBTQI.
--	--	---

<p>II-BELARUSSJA</p> <p>Viktar Babaryka Maryia Kalesnikava, Maksim Znak, Siarhei Tsikhanouski, Pavel Seviarynets, Mikalai Statkevich, Andrzej Poczobut, Aliaksandr Vikhor, Dzianis Kuzniatsou, Vitold Ashurak, Mikalai Klimovich</p>	<p>Viktar Babaryka, eks kandidat presidenzjali ġie kkundannat għal 14-il sena ħabs fuq akkużi politikament motivati; iddaħħal ukoll l-isptar b'indikazzjonijiet ta' swat u kien jeħtieġ operazzjoni; billi l-avukati u l-familja tiegħu qed jiġu miċħuda talbiet għal informazzjoni dwaru jew kuntatt miegħu.</p> <p>Il-mexxejja tal-oppożizzjoni Maryia Kalesnikava, Maksim Znak, Siarhei Tsikhanouski, Pavel Seviarynets u Mikalai Statkevich, ġew soġġetti għal iżolament sħiħ, b'nuqqas totali ta' informazzjoni dwarhom.</p> <p>Il-priġunerija ta' Andrzej Poczobut, mexxej minoritarju Pollakk fil-Belarus, hija eżempju tal-persekuzzjoni tal-minoranzi nazzjonali fil-Belarus.</p> <p>Il-priġunieri ma jingħatawx assistenza medika jew konsulenza legali f'waqthom; billi hemm 1 500 priġunier politiku fil-Belarus u Aliaksandr Vikhor, Dzianis Kuzniatsou, Vitold Ashurak u Mikalai Klimovich mietu f'detenzjoni.</p>	<p>Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Mejju 2023, il-Parlament Ewropew:</p> <ul style="list-style-type: none"> - Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Belarussi jwaqqfu minnufih it-trattament ħażin ta' Viktar Babaryka u ta' priġunieri politiċi oħra, u jiżguraw assistenza medika xierqa u aċċess għall-avukati, il-familja, il-membri tal-korp diplomatiku u l-organizzazzjonijiet internazzjonali sabiex ikunu jistgħu jivvalutaw il-kundizzjoni tagħhom u jipprovdu l-għajjnuna; - Jappella għall-ħelsien immedjat u mingħajr kundizzjonijiet ta' Viktar Babaryka u ta' ibnu Eduard, flimkien ma' Mariya Kalesnikava, Maksim Znak, Siarhei Tsikhanouski, Pavel Seviarynets, Mikalai Statkevich, Raman Pratasevich, Andrzej Poczobut, Ales Bialiatski u l-priġunieri politiċi l-oħra kollha fil-Belarus; - Jitlob lill-UE u lill-Istati Membri jiżviluppaw programm immirat ta' assistenza tal-UE biex jgħin lill-vittmi tar-repressjoni politika, inkluż billi jtejbu l-proċeduri tal-ażil u jipprovdu kenn temporanju fl-UE għal dawk li jfittxu rifuġju politiku.
--	--	--

<p>IL-KAMBODJA</p> <p>Kem Sokha</p>	<p>Kem Sokha huwa l-ex President tal-Partit ta' Salvataġġ Nazzjonali tal-Kambodja (Cambodia National Rescue Party – CNRP), ġie arrestat fl-2017 fuq akkużi li kkonfossa biex iwaqqa' lill-Prim Ministru Hun Sen u nżamm taħt arrest preventiv arbitrarju sakemm inħeles b'mod kondizzjonali biex jibda jinżamm f'detenzjoni domiċiljari fl-10 ta' Settembru 2018. Il-Qorti Muniċipali ta' Phnom Penh ikkundannat lil Kem Sokha għal 27 snin ħabs, li huwa temporanjament jitħalla jiskonta taħt arrest domiċiljari, u ssuspendiet b'mod indefinit id-drittijiet politiċi tiegħu li jivvota u li joħroġ għall-elezzjoni.</p>	<p>Fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Marzu 2023, il-Parlament Ewropew:</p> <ul style="list-style-type: none"> - Jitlob il-ħelsien immedjat u mingħajr kundizzjonijiet ta' Kem Sokha u tal-uffiċjali u l-attivisti kollha tal-oppożizzjoni kkundannati jew detenuti fuq akkużi motivati politikament; - Iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Kambodja jiżguraw elezzjonijiet ħielsa u ġusti f'Lulju 2023, li jippermettu lill-partiti politiċi kollha jwettqu kampanji elettorali ugwali, ħielsa u trasparenti taħt kumitat elettorali nazzjonali aktar inklużiv u trasparenti; - Jitlob li s-CNRP jiġi riintegrat immedjatament biex jipparteċipa fl-elezzjonijiet tal-2023; - Iħeġġeġ lill-awtoritajiet itemmu l-forom kollha ta' fastidju, intimidazzjoni u akkużi kriminali motivati politikament kontra l-membri tal-oppożizzjoni, it-trejdjunjonisti, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, l-atturi tas-soċjetà ċivili u tal-media u li jirriintegraw minnufih lill-VOD.
---	--	---

<p>IĊ-ĊEĊENJA</p> <p>Zarema Musaeva</p>	<p>Zarema Musaeva hija l-mara tal-eks imħallef tal-Qorti Suprema taċ-Ċeċenja Saidi Yangulbaev u omm id-difensur tad-drittijiet tal-bniedem Abubakar u l-bloggers tal-oppożizzjoni Ibrahim u Baysangur Yangulbaev.</p> <p>billi t-tliet ulied ta' Zarema Musaeva jtkellmu b'mod miftuħ kontra l-Kap tar-Repubblika Ċeċena, Ramzan Kadyrov, u t-tmexxija awtokratika tiegħu; Kadyrov hedded pubblikament li "jelimina" lill-membri tal-familja Yangulbaev.</p>	<p>Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Ottubru 2023, il-Parlament Ewropew:</p> <ul style="list-style-type: none"> - Jikkundanna bil-qawwa l-ħtif u d-detenzjoni politikament motivata ta' Zarema Musaeva u jqishom bħala atti ta' ritaljazzjoni għall-ħidma leġittima tad-drittijiet tal-bniedem u l-fehmiet politiċi ta' wliedha; - Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Ċeċeni jeħilsu minnufih u mingħajr kundizzjonijiet lis-Sa Musaeva, jipprovdulha kura medika xierqa u jtemmu minnufih kull forma ta' fastidju kontra s-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni; - Jesprimi t-tħassib tiegħu li matul il-proċedimenti ta' qabel il-proċess u ta' waqt il-proċess kontra Musaeva, l-avukati tad-drittijiet tal-bniedem li kienu qed jaħdmu fuq dan il-każ, Aleksandr Nemov, Aleksandr Savin, Natalia Dobronravova u Alexandr Karavaev, kienu qed jiġu ssorveljati bħala forma ta' intimidazzjoni; - Jikkundanna bil-qawwa l-attakk brutali li seħħ fl-4 ta' Lulju 2023 kontra l-avukat Aleksandr Nemov u l-ġurnalista Elena Milashina u r-repressjoni brutali tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tal-media indipendenti, inklużi l-każijiet tal-avukati Natalia Dobronravova, Sergey Babinets u Oleg Khabibrakhmanov; iħeġġeġ lill-awtoritajiet kompetenti jwettqu investigazzjoni trasparenti u bir-reqqa dwar dawn l-attakki u jitolbu lil dawk responsabbli jagħtu rendikont ta' għemilhom.
---	--	--

<p>L-EĠITTU</p> <p>Hisham Kassem</p>	<p>Hisham Kassem huwa vuċi liberali importanti fl-Eġittu, pubblikatur u promotur tal-libertà tal-media u l-istat tad-dritt.</p> <p>Qabel l-elezzjonijiet presidenzjali tal-2024, kellu rwol ċentrali fit-twaqqif tal-koalizzjoni ta' partiti u personalitajiet tal-oppożizzjoni liberali bl-isem Kurrent Ħieles, filwaqt li kkritika r-rekord ekonomiku u politiku tal-gvern.</p> <p>Huwa ġie detenut fuq akkużi ta' malafama u libell minħabba post online li fiha kkritika l-eks ministru Abu Eita u rrifjuta li jħallas l-ekwivalenti ta' EUR 150 għall-pleġġ tiegħu. F'Awwissu 2023, huwa ġie arrestat fuq akkużi simili u, fis-16 ta' Settembru 2023, ġie kkundannat għal sitt xhur ħabs u mmultat mill-Qorti tar-Reati Ekonomiċi tal-Kajr; huwa appella u l-Qorti pposponiet is-smiġh tiegħu għas-7 ta' Ottubru 2023.</p> <p>Id-drittijiet tiegħu għal difiża ma kinux protetti b'mod adegwat, l-avukati tiegħu ma nġhatawx aċċess għall-fajl tal-każ tiegħu qabel il-proċess u l-awtoritajiet ċaħdu d-dritt tiegħu għal smiġh pubbliku u żammew lill-media u lir-rappreżentanti diplomatiċi milli jattendu.</p>	<p>Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Ottubru 2023, il-Parlament Ewropew:</p> <ul style="list-style-type: none"> - Jistieden lill-awtoritajiet Eġizzjani jeħilsu lil Hisham Kassem minnufih u mingħajr kundizzjonijiet, u jwaqqgħu l-akkużi kollha politikament motivati kontriġ; - Jissottolinja l-importanza li jsiru elezzjonijiet kredibbli, ħielsa u ġusti; ihegġegħ lill-awtoritajiet jieqfu jagħtu fastidju lil personalitajiet paċifiċi tal-oppożizzjoni bħall-kandidat presidenzjali aspiranti u l-eks Membru tal-Parlament Ahmed El Tantawy; jesprimi tħassib serju dwar il-proċess elettorali restrittiv tal-Eġittu; ifakkar li l-liġijiet dwar il-malafama ma jistgħux jintużaw biex jintbagħtu l-ħabs l-avversarji politiċi; - Ihegġegħ lill-awtoritajiet jirrispettaw l-istat tad-dritt, il-libertà tal-espressjoni, tal-istampa, tal-media u ta' assoċjazzjoni, u l-indipendenza ġudizzjarja, jieqfu jōhonqu l-ilħna tal-oppożizzjoni permezz ta' detenzjoni arbitrarja, sorveljanza diġitali, għajbien furzat u tortura, jeħilsu minnufih u mingħajr kundizzjonijiet l-għexieren ta' eluf ta' prigiunieri detenuti arbitrarjament talli esprimew l-opinjoni tagħhom b'mod paċifiku, inkluż ir-rebbieħ ta' premji, Alaa Abdel Fattah, u 20 ġurnalist, u jneħħu ċ-ċensura online kontra l-media indipendenti; jilqa' l-ħelsien limitat ta' prigiunieri politiċi detenuti inġustament bħal Patrick Zaki.
--	---	---

<p>IL-GUINEA EKWATORJALI</p> <p>Julio Obama Mefuman, Feliciano Efa Mangue, Martín Obiang Ondo Mbasogo, Bienvenido Ndong Ono</p>	<p>Julio Obama Mefuman kien ċittadin Spanjol u tal-Guinea Ekwatorjali li kien membru tal-moviment tal-oppożizzjoni tal-Guinea Ekwatorjali Movimiento para la Liberacion de Guinea Ecuatorial Tercera Republic (MLGE3R). Huwa nħataf fis-Sudan t'Isfel lejn l-aħħar tal-2019 u mar il-Guinea Ekwatorjali fuq l-ajruplan presidenzjali ta' Teodoro Obiang. Obama Mefuman ċċaħħad mill-assistenza konsulari, ġie pproċessat mingħajr garanziji ta' proċess ġust u ġie kkundannat f'Marzu 2020 fil-Guinea Ekwatorjali għal 60 sena ħabs, fuq akkużi ta' terroriżmu u parteċipazzjoni f'allegat attentat ta' kolp ta' stat kontra l-President Obiang fl-2017. Huwa miet fil-15 ta' Jannar 2023 f'Mongomo.</p> <p>Julio Obama Mefuman u Feliciano Efa Mangue huma żewġ ċittadini Spanjoli u tal-Guinea Ekwatorjali u Martín Obiang Ondo Mbasogo u Bienvenido Ndong Ono huma żewġ ċittadini tal-Guinea Ekwatorjali li kienu wkoll membri tal-istess grupp tal-oppożizzjoni u li nħatfu u ntbagħtu l-ħabs flimkien ma' Julio Obama Mefuman.</p>	<p>Fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Frar 2023, il-Parlament Ewropew:</p> <ul style="list-style-type: none"> - Jikkundanna bil-qawwa l-mewt taċ-ċittadin Spanjol Obama Mefuman waqt li kien f'kustodja u jżomm lir-reġim dittatorjali tal-Guinea Ekwatorjali responsabbli għal dan; - Jappella għar-ripatrijazzjoni tal-kadavru u għar-rilaxx tat-tliet membri l-oħra tal-MLGE3R; - Jikkundanna bil-qawwa r-repressjoni barbara tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem tal-pajjiż u n-nuqqas ta' spazju demokratiku tiegħu għall-avversarji politiċi u l-persuni li jikkritikaw lill-gvern; - Jistieden lill-awtoritajiet tal-Guinea Ekwatorjali jikkonformaw minnufih mad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u jiżguraw li d-detenuti kollha jkunu protetti mit-tortura u t-trattament ħażin, jinżammu f'kundizzjonijiet umani, jiġu ġġudikati fi proċessi ġusti u jkollhom aċċess għall-familji u l-avukati tagħhom.
---	--	---

<p>L-ESWATINI</p> <p>Thulani Maseko, Mthandeni Dube, Mduduzi Bacede Mabuza</p>	<p>Thulani Maseko, kien avukat prominenti tad-drittijiet tal-bniedem u tat-trejdjunjins u president tal-organizzazzjoni Eswatini favur id-demokrazija, il-Forum Multilaterali, magħruf għall-isforzi tiegħu biex jadvanza d-demokrazija, l-istat tad-dritt, il-governanza tajba u d-drittijiet tal-bniedem, inqatel f'daru ftit sigħat wara li r-Re Mswati III għamel theddid kontra membri tal-moviment favur id-demokrazija tal-Eswatini.</p> <p>Mthandeni Dube u Mduduzi Bacede Mabuza huma membri tal-Parlament tal-Eswatini li ilhom il-ħabs minn Lulju 2021.</p>	<p>Fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Frar 2023, il-Parlament Ewropew:</p> <ul style="list-style-type: none"> - Jikkundanna l-qtil ta' Thulani Maseko; - Jikkundanna l-ksur mifruq tad-drittijiet tal-bniedem fl-Eswatini u jappella għall-ħelsien immedjat tal-priġunieri politiċi kollha u t-tmieni immedjat tal-fastidju, il-vjolenza u l-pressjoni eżerċitata kontra d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, it-trejdjunjonisti, l-attivisti favur id-demokrazija u l-politiċi; - Iħeġġeġ lill-awtoritajiet fl-Eswatini jirrispettaw, jippromwovu u jipproteġu d-drittijiet tal-bniedem, inkluża l-libertà tal-espressjoni, tal-assoċjazzjoni u tal-għaqda paċifika.
<p>IL-GEORGIA</p> <p>Mikheil Saakashvili</p>	<p>Mikheil Saakashvili huwa l-eks president tal-Georgia li kien qed iservi bħala kap tal-Kunsill Nazzjonali ta' Riforma tal-Ukrajna. Huwa ġie detenut f'Ottubru 2021 mar-ritorn tiegħu fil-Georgia wara eżilju ta' tmien snin. Huwa ilu l-ħabs minn dak iż-żmien 'l hawn miżmum mill-awtoritajiet Georgjani minħabba raġunijiet politikament motivati u saħħtu marret għall-aġar b'mod serju ħafna matul il-priġunerija tiegħu.</p>	<p>Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Frar 2023, il-Parlament Ewropew:</p> <ul style="list-style-type: none"> - Stieden lill-Kunsill Ewropew u lill-Kummissjoni jinvolve ruħhom b'mod aktar attiv fl-iżgurar tal-ħelsien tal-eks President Mikheil Saakashvili u biex ikun jista' jirċievi trattament mediku xieraq barra mill-pajjiż; - Tenna t-talba tiegħu lill-awtoritajiet tal-Georgia biex jeħilsu lill-eks President Mikheil Saakashvili u jippermettulu jirċievi trattament mediku xieraq barra mill-pajjiż għal raġunijiet umanitarji u bħala mezz biex titnaqqas il-polarizzazzjoni politika; enfasizza li l-każ ta' Mikheil Saakashvili jkompli jissottolinja l-importanza tal-implimentazzjoni ta' riforma ġenwina tas-sistema ġudizzjarja.

<p>IL-GEORGIA</p> <p>Tamaz Ginturi</p>	<p>Tamaz Ginturi huwa ċittadin Georgjan li nqatel mill-forzi okkupanti Russi fil-villaġġ ta' Kirbali qrib il-Linja tal-Konfini Amministrattivi.</p> <p>Barra minn hekk, il-forzi okkupanti Russi ħatfu wkoll u mbagħad irrilaxxaw lil Levan Dotiashvili, wara pressjoni internazzjonali.</p> <p>L-okkupanti Russi baqgħu ma ġewx ikkastigati għall-qtil brutali ta' ċittadini Georgjani spostati internament, inklużi Archil Tatumashvili, Giga Otkhazia u Davit Basharuli, u għall-mewt ta' Irakli Kvaratskhelia; oħrajn, bħal Irakli Beuba għadhom il-ħabs.</p> <p>Fl-2018, il-Gvern tal-Georgia adotta l-“Lista Otkhazia-Tatumashvili” ta' individwi akkużati u kkundannati li kisru d-drittijiet tal-bniedem fir-reġjuni okkupati.</p>	<p>Fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Novembru 2023, il-Parlament Ewropew:</p> <p>- Jikkundanna bil-qawwa l-qtil ta' Tamaz Ginturi u l-ħtif illegali ta' Levan Dotiashvili; jitlob li ssir investigazzjoni bir-reqqa dwar dan il-qtil u qtil ieħor; jisħaq li dawk responsabbli jagħtu rendikont ta' għemilhom u jitressqu quddiem il-ġustizzja;</p> <p>Itenni l-appoġġ sod tiegħu għas-sovranità u għall-integrità territorjali tal-Georgia fil-fruntieri tagħha li huma rikonoxxuti internazzjonalment; jikkundanna bil-qawwa l-okkupazzjoni illegali Russa tal-Abkaġja u r-Reġjun ta' Tskhinvali/l-Ossezja tan-Nofsinhar u l-attivitajiet illegali kontinwi ta' “stabiliment ta' fruntieri” u “għoti ta' passaporti” f'dawk ir-reġjuni; iħeġġeġ lir-Russja timplimenta bis-sħiħ il-ftehim ta' waqfien mill-għlied</p>

		medjat mill-UE tat-12 ta' Awwissu 2008 u tirtira mingħajr kundizzjonijiet il-forzi okkupazzjonali kollha.
HONK KONG Jimmy Lai, Albert Ho, Benny Tai, Chow Hang-Tung, Lee Cheuk-yan, Joshua Wong, Cyd Ho	<p>Jimmy Lai ilu detenut minn Frar 2021 fuq akkużi foloz, akkużat skont l-NSL b'kollużjoni ma' forzi barranin u bi frodi. Il-proċess tiegħu beda f'Settembru 2023 u qed jiffaċċja piena possibbli ta' għomor il-ħabs. L-avukat Brittaniku tiegħu ġie rrifjutat il-permess li jirrappreżentah fil-proċess; diversi mezzi tal-media indipendenti, bħal Apple Daily u Stand News, ġew imġiegħla jwaqqfu l-ħidma tagħhom.</p> <p>Jimmy Lai, Albert Ho, Benny Tai, Chow Hang-Tung, Lee Cheuk-yan, Joshua Wong u Cyd Ho huma lkoll prigionieri politiċi li għadhom il-ħabs matul perjodu twil ta' arrest preventiv f'kundizzjonijiet diffiċli ħafna, filwaqt li ħafna minnhom għandhom kundizzjonijiet tas-saħħa serji.</p>	<p>Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Ġunju 2023, il-Parlament Ewropew:</p> <ul style="list-style-type: none"> - Iħeġġeġ lill-Gvern ta' Hong Kong jeħles minnufih u mingħajr kundizzjonijiet u jwaqqa' l-akkużi kollha kontra Jimmy Lai u r-rappreżentanti u l-attivisti l-oħra kollha favur id-demokrazija li eżerċitaw il-libertà tal-espressjoni u d-drittijiet bażiċi u d-drittijiet tal-bniedem tagħhom; <p>Jistieden lis-SEAE jappoġġja b'mod adegwat lill-Uffiċċju tal-UE f'Hong Kong biex jintensifika l-osservazzjoni tal-proċessi, b'koordinazzjoni mar-rappreżentanzi tal-Istati Membri tal-UE u ta' pajjiżi tal-istess fehma, jimmonitorja d-drittijiet tal-bniedem billi joħroġ dikjarazzjonijiet pubbliċi, u jstabbilixxi punt fokali dwar id-drittijiet tal-bniedem għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u jqajjem il-każijiet tagħhom mal-awtoritajiet fil-livelli kollha; jistieden lill-Uffiċċju tal-UE jitlob żjara fil-ħabs;</p> <ul style="list-style-type: none"> - Jikkundanna t-tentattivi tal-awtoritajiet Ċiniżi li jieħdu fil-mira lill-komunitajiet tad-dijaspora ta' Hong Kong fi ħdan l-UE; itenni l-appell tiegħu lill-Istati Membri kollha tal-UE biex jissospendu t-trattati ta' estradizzjoni mar-RPĊ u ma' Hong Kong.

<p>L-IRAN</p> <p>Jina Mahsa Amini, Peaceful Protesters</p> <p>Alireza Akbari, Ahmadreza Djalali, Fariba Adelkhah, Oliver Candecastele, Cécile Kohler, Benjamin Brière, Mohammad Ghobadlou</p>	<p>Jina Mahsa Amini, kienet mara Kurda-Iranjana ta' 22 sena li ġiet arrestata f'Tehran mill-pulizija "tal-moralità" tal-Iran talli allegatament naqset milli tosserva l-liġi li tobbliga x-xedd tal-velu. Ġiet ittorturata brutalment u mietet fis-16 ta' Settembru 2022 waqt li kienet fil-kustodja tal-pulizija; billi ma ġietx konkluzja investigazzjoni xierqa;</p> <p>Alireza Akbari, l-eks viċi Ministru tad-Difiża Iranjan, detentur ta' ċittadinanza doppja Brittanika u Iranjana, instab ħati ta' spjunaġġ għar-Renju Unit fl-Iran, li huwa ċaħad, ikkundannat għall-mewt u maqtul.</p> <p>Dr Ahmadreza Djalali, ċittadin Żvediż-Iranjan li jispeċjalizza fil-mediċina ta' emerġenza u huwa akkademiku fil-Vrije Universiteit Brussel tal-Belġju u fl-Università del Piemonte Orientale tal-Italja, ġie arrestat fl-24 ta' April 2016 mill-forzi tas-sigurtà Iranjani. Huwa ġie kkundannat għall-mewt fuq akkużi foloz ta' spjunaġġ f'Ottubru 2017 wara proċess inġust għall-aħħar ibbażat fuq konfessjoni miksuba taħt tortura. Is-sentenza ġiet ikkonfermata mill-Qorti Suprema tal-Iran fis-17 ta' Ġunju 2018.</p> <p>Ir-riċerkatriċi Franko-Iranjana Fariba Adelkhah ġiet arrestata f'Ġunju 2019 u nġhatat sentenza ta' ħames snin ħabs talli "dgħajfet is-sigurtà nazzjonali".</p> <p>Olivier Vandecasteele, ċittadin Belġjan, ġie kkundannat għal total ta' 40 sena ħabs u għexieren ta' daqqiet bil-frosta abbażi ta' sensiela ta' allegazzjonijiet iffabbrikati. Is-sentenza nġhatat wara li l-oġhla qorti tal-Belġju ssuspendiet trattat bilaterali kontroversjali dwar skambji ta' prigionieri li kien se jippermetti lid-diplomatiku Iranjan Assadollah Assadi, ikkundannat għal attentat ta' terroriżmu fil-Belġju, jintbagħat lura lejn ir-Repubblika Iżlamika tal-Iran bi skambju mal-libertà ta' Olivier Vandecasteele.</p>	<p>Fir-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Jannar 2023, il-Parlament Ewropew:</p> <p>Ihegġegħ lill-awtoritajiet tar-Repubblika Iżlamika biex jiżguraw il-ħelsien immedjat u mingħajr kundizzjoni tad-dimostranti kollha kkundannati għall-mewt, inklużi Mohammed Boroughani, Mohammad Ghobadlou, Hamid Ghare Hassanlou, Mahan Sadrat Marani, Hossein Mohammadi, Manouchehr Mehman Navaz, Sahand Nourmohammad-Zadeh, Saman Seydi, Reza Arya, Saleh Mirhashemi Baltaghi, Saeed Yaqoubi Kordafli, Javad Rouhi, Arshia Takdastan, u Mehdi Mohammadifard; jikkundanna b'qawwa l-fatt li l-proċeduri kriminali u l-piena tal-mewt qed jintużaw bħala armi mir-reġim Iranjan biex irażżnu lid-dissidenti u biex jikkastigaw lil dawk li jeżerċitaw id-drittijiet bażiċi tagħhom; jistieden lir-Repubblika Iżlamika tirrieżamina l-kodiċi legali tagħha u telimina l-moharebeh ("il-mibegħda kontra Alla") u l-mofsed-e-filarz ("il-korruzzjoni fid-dinja") bħala reati punibbli;</p> <p>- Jistieden lir-reġim Iranjan jippermetti investigazzjoni internazzjonali, imparzjali u effettiva dwar l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem tar-reġim, inkluż il-qtil ta' Mahsa Jina Amini, il-qtil ta' mijiet ta' dimostranti, u t-tortura u t-trattament ħażin imġarrba minn dawk detenuti b'mod arbitrarju mir-Repubblika Iżlamika, li għandha titwettaq minn awtorità kompetenti indipendenti;</p>
--	--	---

	<p>Cécile Kohler, għalliem u trejdjunjonista, u s-sieħeb tagħha Jacques Paris, kif ukoll Benjamin Brière, li ġew arrestati f'Mejju 2020 u kkundannati għal tmien snin u tmien xhur ħabs minħabba “spjunaġġ.”</p>	<p>- Iħeġġeġ il-ħelsien immedjat tal-individwi kollha detenuti għall-involviment tagħhom f'dimostrazzjonijiet paċifiċi, u tal-priġunieri politiċi kollha; jitlob li jiġu imposti miżuri restrittivi mmirati skont ir-Regolament (UE) Nru 359/2011 fuq l-imħallfin kollha li joħorġu sentenzi kontra d-dimostranti;</p> <p>- Jitlob li l-Gvern Iranjan jeħles lid-difensuri kollha tad-drittijiet tal-bniedem; jitlob lill-Gvern Iranjan itemm l-attakki tiegħu fil-konfront tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran u jiggarrantixxi, f'kull ċirkostanza, il-kapaċità tagħhom li jwettqu l-attivitajiet leġittimi tagħhom favur id-drittijiet tal-bniedem mingħajr biża' ta' rappreżalja u ħielsa minn kull restrizzjoni, inkluż mill-vessazzjoni ġudizzjarja;</p> <p>- Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Iranjani jeħilsu minnufih liċ-ċittadini kollha tal-UE arrestati u jwaqqgħu l-akkużi kollha kontrihom; jikkundanna bil-qawwa s-sentenza mogħtija lill-membri tal-organizzazzjoni nazzjonali u mhux governattiva (NGO) Belġjana Olivier Vandecasteele għal 40 sena ħabs, 74 daqqa bil-frosta u multa li tammonta għal EUR 1 miljun fuq akkużi vvintati ta' spjunaġġ, u l-issuktat tal-priġunerija taċ-ċittadin Żvediż Ahmadreza Djalali, u s-sentenza tal-mewt maħruġa kontrih kif ukoll l-użu ċiniku mir-Repubblika Iżlamika ta' diplomazija tal-ostaġġi biex jiġi infurzat il-ħelsien tat-terrorist ikkundannat Asadollah Asadi; jitlob il-ħelsien immedjat u mingħajr kundizzjonijiet u r-ripatrijazzjoni sikura ta'</p>
--	---	--

		Ahmadreza Djalali u Olivier Vandecasteele u s-seba' ċittadini Franċiżi li għadhom detenuti fl-Iran, fosthom Cécile Kohler; jikkundanna bl-aktar mod qawwi l-eżekuzzjoni fl-Iran taċ-ċittadin Iranjan-Brittaniku Alireza Akbari.
IL-MAROKK Omar Radi, Taoufik Bouachrine, Soulaimane Raissouni, Ignacio Cembrero, Maati Monjib, Nasser Zefzafi	<p>Omar Radi huwa ġurnalist investigattiv indipendenti, li kopra protesti f'Hirak u skandli ta' korruzzjoni tal-istat, u li ilu detent minn Lulju 2020 u ġie kkundannat għal sitt snin ħabs fuq akkużi foloz ta' spjunaġġ, kif ukoll fuq akkużi ta' stupru f'Lulju 2021.</p> <p>Taoufik Bouachrine u Soulaimane Raissouni huma ġurnalisti, li ġew detenuti u kkundannati l-ħabs minħabba reati sesswali.</p> <p>Ignacio Cembrero u Maati Monjib huma wkoll fost il-ġurnalisti li kienu taħt sorveljanza diġitali, ġew intimidati u ngħataw fastidju b'mod ġudizzjarju, u/jew ġew ikkundannati għal sentenzi twal ta' ħabs.</p> <p>Nasser Zefzafi huwa finalist tal-Premju Sakharov 2018 u bħalissa huwa priġunier politiku.</p>	<p>Fir-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Jannar 2023, il-Parlament Ewropew:</p> <ul style="list-style-type: none"> - Iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Marokk jirrispettaw il-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-media, jiggarantixxu lill-ġurnalisti li jinsabu l-ħabs proċess ġust bil-garanziji kollha ta' proċess ġust, jiżguraw il-ħelsien provviżorju immedjat tagħhom u jwaqqfu l-fastidju tal-ġurnalisti kollha, tal-avukati u l-familji tagħhom u li jissodisfaw l-obbligi internazzjonali tagħhom fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem f'konformità mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Marokk; - Iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Marokk itemmu s-sorveljanza tagħhom tal-ġurnalisti, inkluż permezz ta' Pegasus spyware tal-NSO, u jippromulgaw u jimplimentaw leġislazzjoni li ttiproteġihom; iħeġġeġ lill-Istati Membri jieqfu jesportaw teknoloġija ta' sorveljanza lejn il-Marokk, f'konformità mar-Regolament dwar l-Użu Doppju.
IL-MYANMAR Membri tal-NLD Ġurnalisti	<p>Erbgħin partit politiku fil-Myanmar ġew xolti, fosthom il-Lega Nazzjonali għad-Demokrazija (NLD), peress li ma rreġistrawx skont il-Liġi dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Partiti Poliċi tar-reġim;</p> <p>Minn Jannar 2022, il-ġunta inkarċerat mijiet ta' membri tal-NLD, li wħud minnhom mietu f'detenzjoni;</p>	<p>Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Mejju 2023, il-Parlament Ewropew:</p> <ul style="list-style-type: none"> - Iħeġġeġ lill-ġunta tagħti l-ħelsien immedjat u mingħajr kundizzjonijiet lill-priġunieri poliċi kollha; jitlob it-tmiem immedjat tal-istat ta' emerġenza

		<p>illegali u tal-użu indiskriminat tal-vjolenza, ir-restawr tal-gvern ċivili, l-istabbiliment mill-ġdid ta' perkors lejn id-demokrazija u l-ftuħ rapidu tal-parlament bil-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti eletti kollha;</p> <p>- Iħeġġeġ lill-komunità internazzjonali tikkoordina u tuża l-mezzi politiċi kollha disponibbli biex taħdem mal-ASEAN u ma' atturi reġjonali oħra biex tegħleb il-kriżi, inkluż billi żżid b'mod sinifikanti l-appoġġ għall-Gvern ta' Unità Nazzjonali u għall-gruppi demokratiċi tal-oppożizzjoni, filwaqt li taħdem biex tistabbilixxi embargo globali fuq l-armi fuq il-Myanmar u tinforma b'dak li qed jigrri fil-pajjiż lill-Qorti Kriminali Internazzjonali;</p>
<p>IN-NIGER</p> <p>Il-President Mohamed Bazoum</p>	<p>Mohamed Bazoum huwa l-President tan-Niger elett demokratikament, li ġie arrestat illegalment, flimkien ma' martu u ibnu, fis-26 ta' Lulju 2023 wara kolp ta' stat militari mmexxi mill-Ġeneral Abdourahamane Tchiani.</p> <p>Il-President Bazoum u l-familja tiegħu ilhom miżmuma priġunieri fir-residenza tiegħu f'kundizzjonijiet mhux favorevoli minn dak iż-żmien 'l hawn, mingħajr biżżejjed ikel jew elettriku u b'aċċess limitat għall-kura medika;</p> <p>Il-priġunerija illegali tal-President Bazoum u l-familja tiegħu għandha l-għan li tqiegħdu taħt pressjoni biex jirriżenja; il-ġunta militari, li xoljiet il-gvern elett, ħabbret li se tressaq il-qorti lill-President Bazoum minħabba "tradiment serju tal-pajjiż" u "theddud tas-sigurtà tal-istat", reati li jistgħu jġibu magħhom il-piena tal-mewt.</p>	<p>Fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Novembru 2023, il-Parlament Ewropew:</p> <p>- Jikkundanna bil-qawwa l-kolp ta' stat militari tas-26 ta' Lulju 2023; jitlob il-ħelsien immedjat u mingħajr kundizzjonijiet tal-President Bazoum u l-familja tiegħu, u ta' dawk kollha detenuti arbitrarjament, u li jitwaqqgħu l-akkużi kontrih;</p> <p>- Jitlob l-istabbiliment mill-ġdid immedjat ta' Mohamed Bazoum elett demokratikament bħala l-President tan-Niger u r-restawr immedjat tal-ordni kostituzzjonali;</p>

<p>IN-NIĠERJA</p> <p>Yahaya Sharif-Aminu</p>	<p>Il-kantant Niġerjan Yahaya Sharif-Aminu tressaq quddiem Qorti Suprema tax-Xarija fl-Istat ta' Kano, fejn ġie pproċessat mingħajr rappreżentanza legali u ġie kkundannat għall-mewt permezz ta' tgħalliq għall-allegata blasfemija f'kanzunetta li kkompona u kkondivida fuq il-media soċjali li allegatament kien fiha kummenti derogatorji rigward il-Profeta Muhammad.</p>	<p>Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' April 2023, il-Parlament Ewropew:</p> <ul style="list-style-type: none"> - Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Niġerjani jeħilsu minnufih u mingħajr kundizzjonijiet lil Yahaya Sharif-Aminu, iwaqqgħu l-akkużi kollha kontrih u jiggarrantixxu d-drittijiet tiegħu għal proċess kriminali ġust; jappella għall-ħelsien ta' Rhoda Jatau, Mubarak Bala u oħrajn li jiffaċċjaw allegazzjonijiet ta' blasfemija; - Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Niġerjani jiddefendu d-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż kollu billi jiżguraw li l-liġi federali, statali u tax-Xarija ma jiċħdux il-protezzjoni tan-Niġerjani skont il-Kostituzzjoni nazzjonali u l-konvenzjonijiet internazzjonali; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Niġerjani jirrevokaw il-liġijiet dwar il-blasfemija fil-livell federali u statali; - Iħeġġeġ lill-Gvern Niġerjan jindirizza l-impunità li tiċċirkonda l-akkużi ta' blasfemija;
--	--	---

<p>IR-RUSSJA</p> <p>Alexei Navalny, Dmitry Ivanov, Vladimir Kara-Murza, Ioann Kurmoyarov, Viktoria Petrova, Maria Ponomarenko, Aleksandra Skochilenko, Dmitry Talantov, Aleksei Gorinov, Ilya Yashin</p>	<p>Alexei Navalny huwa figura politika prominenti Russa u rebbieħ tal-Premju Sakharov 2021, li ġie avvelenat b'aġent nervin Novichok mir-reġim tal-Kremlin, ilu detenut mis-17 ta' Jannar 2021 u bħalissa jinsab inkarċerat f'kolonja penali;</p> <p>Dmitry Ivanov, Vladimir Kara-Murza, Ioann Kurmoyarov, Viktoria Petrova, Maria Ponomarenko, Aleksandra Skochilenko, Dmitry Talantov, Aleksei Gorinov, Ilya Yashin huma prigionieri politiċi oħra fir-Russja li tittiehu passi kontribom minħabba l-assoċjazzjoni tagħhom ma' Navalny.</p>	<p>Fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Frar 2023, il-Parlament Ewropew:</p> <ul style="list-style-type: none"> - Jitlob il-ħelsien ta' Navalny u tal-prigionieri politiċi l-oħra kollha fir-Russja li ġew imħarrka biss minħabba l-assoċjazzjoni tagħhom ma' Navalny, l-oppożizzjoni tagħhom għall-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna jew skont l-Artikolu 207.3 tal-Kodiċi Kriminali Russu; - Iħeġġeġ lill-Kunsill jadotta miżuri restrittivi kontra dawk responsabbli għal prosekuzzjonijiet arbitrari u tortura fil-konfront tad-dimostranti kontra l-gwerra.
<p>IR-RUSSJA</p> <p>Alexei Navalny, Vladimir Kara-Murza, Ilya Yashin, Aleksei Gorinov and others,</p>	<p>Alexei Navalny, figura politika prominenti Russa u rebbieħ tal-Premju Sakharov 2021, għadu miżmum il-ħabs f'kolonja penali fejn ġie soġġett għal trattament ħażin, inklużi tortura, kastigi arbitrari u pressjoni psikoloġika.</p> <p>Vladimir Kara-Murza, ġurnalist u attivista ta' ċittadinanza Russa u Brittanika, ġie kkundannat fis-17 ta' April 2023 għal 25 sena ħabs talli kkritika r-reġim ta' Vladimir Putin u l-gwerra ta' aggressjoni tiegħu kontra l-Ukrajna.</p>	<p>Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' April 2023, il-Parlament Ewropew:</p> <ul style="list-style-type: none"> - Jikkundanna bil-qawwa l-kundanna politikament motivata ta' Vladimir Kara-Murza mill-awtoritajiet Russi u jitlob il-ħelsien immedjat u mingħajr kundizzjonijiet tiegħu u ta' Alexei Navalny, kif ukoll il-ħelsien tal-prigionieri politiċi l-oħra kollha; - Jesprimi tħassib serju dwar id-deterjorament rapidu tas-saħħa ta' Vladimir Kara-Murza u ta' Alexei Navalny u jfakkar lir-Russja fl-obbligi internazzjonali tagħha, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess tagħhom għal trattament mediku, avukati u komunikazzjoni mal-familji tagħhom; - Iħeġġeġ lill-Kunsill jadotta sanzjonijiet severi fi ħdan ir-reġim globali ta' sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-drittijiet tal-bniedem (l-Att Magnitsky tal-UE)

		<p>kontra mħallfin, prosekuturi u individwi oħra Russi responsabbli għal prosekuzzjonijiet arbitrarij, detenzjonijiet u tortura fil-kuntest ta' proċessi politikament motivati;</p> <p>- Ihegġegħ lill-UE u lir-Renju Unit jikkoordinaw sforzi biex jiżguraw ir-rilaxx ta' Vladimir Kara-Murza;</p>
<p>IR-RUSSJA</p> <p>Tihran Ohannisian, Mykyta Khanhanov</p>	<p>Tihran Ohannisian u Mykyta Khanhanov, li twieldu fl-2006, fl-24 ta' Mejju 2023, ġew akkużati mill-Federazzjoni Russa li allegatament ippjanaw sabotaġġ fuq il-ferrovija ta' Berdiansk; billi skont l-Artikolu 281 tal-Kodiċi Kriminali Russu qed jissugraw sa 20 sena ħabs u ma rċevewx assistenza legali adegwata;</p> <p>L-inkrimazzjoni ta' Ohannisian u Khanhanov ġiet wara xhur ta' interrogazzjonijiet brutali min-naħa tal-awtoritajiet Russi, u billi mit-30 ta' Settembru 2022 iż-żewġ minorenni ġew soġġetti għal swat u tortura bl-użu ta' xokkijiet elettriki bl-għan li jinkisbu ammissjonijiet ta' ħtija, kif ukoll fastidju lill-familji tagħhom.</p>	<p>Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Ġunju 2023, il-Parlament Ewropew:</p> <p>- Jeżiġi l-għeluq immedjat tal-proċedimenti u t-twaqqiġ tal-akkużi kollha kontra Ohannisian u Khanhanov kif ukoll il-ħelsien immedjat tagħhom; jappella lill-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar biex jiffaċilita r-ritorn sikur tagħhom lejn it-territorju kkontrollat mill-Ukrajna; jappella lir-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU dwar il-Vjolenza Kontra t-Tfal biex jinvestiga l-każ; jitlob li l-persuni wara l-oriġini tal-prosekuzzjoni jiżdiedu fil-lista tas-sanzjonijiet tal-UE; jitlob il-ħelsien taċ-ċittadini Ukreni kollha detenuti illegalment mir-Russja;</p> <p>- Jikkundanna t-tqegħid fil-mira intenzjonat tat-tfal Ukreni min-naħa tar-Russja permezz ta' miżuri li jinkludu t-trasferimenti furzati fi ħdan it-territorju Ukren temporanjament okkupat mir-</p>

		<p>Russja, id-deportazzjonijiet illegali lejn ir-Russja u l-Belarussja, l-adozzjonijiet illegali u t-tentattivi biex tiġi imposta l-hekk imsejħa “riedukazzjoni”; itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jadottaw pakkett dwar il-protezzjoni tat-tfal bejn l-UE u l-Ukrajna għat-tfal li qegħdin jaħarbu jew li huma affettwati mill-gwerra.</p>
<p>IS-SUDAN</p> <p>Tfal maqbuda minħabba l-ġlied</p>	<p>Il-militar u l-Forza ta' Appoġġ Rapidu Sudaniżi qed ikompli jeżerċitaw ġlieda vjolenti għall-poter, bi ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali.</p> <p>Il-vjolenza li rriżultat qatlet eluf ta' ċivili innoċenti, spustat aktar minn 1,2 miljun ruħ u ġiegħlet lil kważi 500 000 jaħarbu lejn pajjiżi ġirien, u b'hekk heddet l-istabbiltà fir-reġjun.</p> <p>Aktar minn 13,6-il miljun tifel u tifla fis-Sudan jeħtieġu assistenza umanitarja b'mod urġenti; billi qabel il-kriżi attwali, madwar 3 miljun tifel u tifla sofrew minn malnutrizzjoni, billi 70 tifel u tifla mietu minħabba malnutrizzjoni, deidratazzjoni u infezzjonijiet fl-orfanatrofju ta' Mygoma f'Khartoum.</p>	<p>Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Ġunju 2023, il-Parlament Ewropew:</p> <ul style="list-style-type: none"> - Jistieden lin-naħat kollha jwaqqfu minnufih kull azzjoni militari, jippermettu aċċess umanitarju mingħajr restrizzjonijiet u jerġgħu lura għal taħditiet dwar ftehim ta' paċi nnegożjat; jappoġġja bis-sħiħ l-isforzi reġjonali u internazzjonali kollha għal soluzzjoni paċifika; jilqa' l-isforzi kollha ta' medjazzjoni reġjonali u internazzjonali f'Jeddah u Addis Ababa u mill-Awtorità Intergovernattiva għall-Iżvilupp; - Jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jiżguraw li ftehim ta' waqfien mill-ġlied permanenti jiġi segwit minn proċess ta' riforma demokratika biex jiġi stabbilit l-gvern immexxi miċ-ċivili li ilu mwieġhed, li kkommettew ruħhom għalih l-atturi kollha, inklużi l-forzi militari; jappellalhom biex

		<p>jikkunsidraw b' mod urġenti sanzjonijiet immirati kontra dawk responsabbli għall-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem permezz tar-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b' rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem;</p> <p>- Jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jkunu lesti jipprovdu appoġġ immedjat u assistenza umanitarja lil dawk milquta mill-kunflitt, inklużi persuni spostati internament u dawk li qed ifittxu rifuġju f' pajjiżi oħra, inkluż billi jipprovdu dokumentazzjoni tal-ivvjaġġar ta' emerġenza;</p>
<p>IT-TUNEŻIJA</p> <p>Noureddine Boutar, Chaima Issa, Issam Chebbi, Ghazi Chaouachi, Khayam Turki, Jaouhar Ben Mbarek, Salah Attia, Khalifa Gsmi</p>	<p>Noureddine Boutar huwa ġurnalista u direttur tal-akbar stazzjon tar-radju indipendenti tat-Tuneżija li ġie arrestat minn unitajiet kontra t-terroriżmu minħabba raġunijiet politikament motivati u allegazzjonijiet infondati.</p> <p>Chaima Issa, Issam Chebbi, Ghazi Chaouachi, Khayam Turki, Jaouhar Ben Mbarek, Salah Attia, Khalifa Gsmi huma ġurnalisti u trejdjunjonisti li ġew arrestati minħabba raġunijiet infondati simili.</p>	<p>Fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Marzu 2023, il-Parlament Ewropew:</p> <p>- Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Tuneżini jeħilsu lil Noureddine Boutar u lill-oħrajn kollha li ġew detenuti arbitrarjament, inklużi ġurnalisti, imħallfin, avukati, attivisti politiċi u trejdjunjonisti bħal Anis Kaabi, u jirrispettaw il-libertà tal-espressjoni u tal-assoċjazzjoni, kif ukoll id-drittijiet tat-trade unions u tal-ħaddiema, f'konformità mal-Kostituzzjoni tat-Tuneżija u t-trattati internazzjonali, inklużi l-konvenzjonijiet tal-ILO;</p> <p>- Jikkundanna l-kriminalizzazzjoni tas-solidarjetà internazzjonali tat-trejdjunjins, bħala attakk sfaċċat fuq l-UGTT u t-trejdjunjoniżmu globali.</p>

<p>IL-VENEZWELA</p> <p>María Corina Machado, Leopoldo López, Henrique Capriles, Freddy Superlano</p>	<p>María Corina Machado, Leopoldo López, Henrique Capriles u Freddy Superlano huma personalitajiet politiċi prominenti fil-Venezwela, li ilhom skwalifikati għal 15-il sena.</p>	<p>Fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Lulju 2023, il-Parlament Ewropew:</p> <ul style="list-style-type: none"> - Jikkundanna bil-qawwa d-deċiżjoni arbitrarja u antikostituzzjonali biex María Corina Machado, Leopoldo López, Henrique Capriles u Freddy Superlano, fost kandidati oħra, ma jitħallewx joħorġu għall-elezzjoni, kif ukoll l-indiċil tar-reġim ta' Maduro fil-proċess elettorali; - Jitlob proċedura ta' nomina indipendenti għall-ħatriet tas-CNE; - Jitlob lill-UE tappoġġa ritorn għad-demokrazija fil-Venezwela u tagħmel pressjoni fuq ir-reġim Venezwelan biex jeħles lill-priġunieri politiċi kollha.
--	---	---

**ANNEX II:
LISTA TAR-REBBIEĦA TAL-PREMJU SAKHAROV U TAL-FINALISTI FIL-ĦABS U
MĊAĦĦDA MIL-LIBERTÀ**

Is-sena tal-għoti tal-Premju Sakharov	Isem u kunjom	Rebbieh / Finalist	Pajjiż	Sitwazzjoni (Detenzjoni/ arrest domiciliari / helsen temporanju)	Tul tas-sentenza tal-ħabs	Data tal-bidu tad-detenzjoni
2021	Alexei Navalny	Rebbieh	Ir-Russja	Detenzjoni	3,5 + 9 + 19-il sena	Detenut l-aħħar fis-17 ta' Frar 2021, ikkundannat l-aħħar fl-4 ta' Awwissu 2023
2020	Siarhei Tsikhanouski Maryia Kalesnikava Mikola Statkevich Ales Bialiatski	Rebbieh Rebbieh Rebbieh Rebbieh	Il-Belarussja	Detenzjoni Detenzjoni Detenzjoni Detenzjoni	18-il sena 11-il sena 14-il sena 10 snin	Detenut fid-29 ta' Mejju 2020, ikkundannat fl-14 ta' Diċembru 2021 Detenuta fis-7 ta' Settembru 2020, ikkundannata fis-6 ta' Settembru 2021 Detenut l-aħħar fil-31 ta' Mejju 2020, ikkundannat l-aħħar fl-14 ta' Diċembru 2021 Detenut l-aħħar fil-15 ta' Lulju 2021, ikkundannat l-aħħar fit-3 ta' Marzu 2023
2020	Porfirio Sorto Cedillo, José Avelino Cedillo, Orbin Naún Hernández, Kevin Alejandro Romero, Arnold Javier Aleman, Ever Alexander Cedillo, Daniel Marquez u Jeremías Martínez Díaz	Finalisti	Il-Honduras	Detenzjoni	Mhux magħruf	1 ta' Settembru 2019, rilaxxati fl-24 ta' Frar 2022, wara deċiżjoni mill-Qorti Suprema tal-Honduras
2019	Ilham Tohti	Rebbieh	Iċ-Ċina	Detenzjoni	Mhux magħruf	23 ta' Settembru 2014
2018	Nasser Zefzafi	Finalist	Il-Marokk	Detenzjoni	20 sena	5 ta' April 2019
2017	Dawit Isaak	Finalist	L-Eritrea	Detenzjoni <i>incommunicado</i>	Mhux magħruf	23 ta' Settembru 2001
2015	Raif Badawi	Rebbieh	Arabja Sawdija	Rilaxxat fil-11 ta' Marzu 2022, għadu taħt projbizzjoni fuq	10 snin	Ikkundannat l-ewwel darba fis-17 ta' Diċembru 2012,

				l-ivvjaġġar ta' 10 snin		iżda mħabbar fit-30 ta' Marzu 2013
2012	Nasrin Sotoudeh	Rebbieh	L-Iran	Detenzjoni, b'waqfien mediku temporanju minn Lulju 2021, arrestat mill-ġdid fid-29 ta' Ottubru 2023 u rilaxxat fil-15 ta' Novembru 2023	38 sena	6 ta' Marzu 2019 (l-aktar reċenti)
	Jafar Panahi	Rebbieh	L-Iran	Detenut fl-2022, rilaxxat fit-3 ta' Frar 2023 wara strajk tal-ġuħ	6 snin	imġiegħel f'Lulju 2022 jiskonta sentenza ta' 10 snin ħabs
2011	Razan Zaitouneh	Rebbieh	Is-Sirja	Inħatfet fl-2013. Preżunzjonijiet ta' detenzjoni u mewt.		9 ta' Diċembru 2013
2009	Memorial - Oleg Orlov	Rebbieh	Ir-Russja	Immultat fil-11 ta' Ottubru 2023 l-ekwivalenti ta' EUR 1520 u rilaxxat		Investigazzjoni minn Marzu 2023, il-proċess beda fit-8 ta' Ġunju 2023. Rilaxxat, taħt projbizzjoni fuq l-ivvjaġġar. Memorial bħala entità ġuridika likwidata f'Jan. 2022.

**ANNEX III:
LISTA TA' RIŻOLUZZJONIJIET**

Lista ta' riżoluzzjonijiet adottati mill-Parlament Ewropew minn Diċembru 2022 u relatati direttament jew indirettament mal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fid-dinja

Pajjiż/Reġjun	Data ta' adozzjoni fil-plenarja	Titolu
<i>L-Afrika</i>		
L-Alġerija+	11.05.2023	Dwar il-libertà tal-media u l-libertà tal-espressjoni fl-Alġerija – il-każ tal-ġurnalist Ihsane El-Kadi
Iċ-Chad+	15.12.2022	It-trażżin mill-ġunta militari ta' dimostrazzjonijiet paċifiċi fiċ-Chad
L-Eġittu	05.10.2023	L-Eġittu, b'mod partikolari s-sentenza mogħtija lil Hisham Kassem
Il-Marokk+	19.01.2023	Is-sitwazzjoni tal-ġurnalisti fil-Marokk, b'mod partikolari l-każ ta' Omar Radi
In-Niġer	23.11.2023	Id-detenzjoni illegali tal-President Mohamed Bazoum fin-Niġer
In-Niġerja+	20.04.2023	Ir-riskju ta' piena tal-mewt u eżekuzzjoni tal-kantant Yahaya Sharif Aminu għal blasfemija fin-Niġerja
Is-Sudan+	15.06.2023	Is-sitwazzjoni umanitarja fis-Sudan, b'mod partikolari l-mewt tat-tfal maqbudin minhabba l-ġlied
<i>Il-Kontinent Amerikan</i>		
Il-Brażil+	19.01.2023	L-assalt fuq l-istituzzjonijiet demokratiċi Brażiljani
Kuba	12.07.2023	L-istat tal-Ftehim ta' Djalogu Politiku u ta' Kooperazzjoni bejn l-UE u Kuba fid-dawl taż-żjara reċenti tar-Rappreżentant Għoli fil-gżira
Il-Gwatemala	14.09.2023	Il-Gwatemala: is-sitwazzjoni wara l-elezzjonijiet, l-istat tad-dritt u l-indipendenza ġudizzjarja
In-Nikaragwa	15.06.2023	Dwar is-sitwazzjoni fin-Nikaragwa
Venezwela+	13.07.2023	Dwar l-iskwalifiki politiċi fil-Venezwela
<i>Asja</i>		
L-Afganistan+	20.04.2023	Dwar ir-repressjoni tad-dritt għall-

		edukazzjoni u tal-attivisti favur id-drittijiet għall-edukazzjoni fl-Afganistan, inkluż il-każ ta' Matiullah Wesa
L-Afganistan	05.10.2023	Id-drittijiet tal-bniedem fl-Afganistan, b'mod partikolari l-persekuzzjoni ta' ex uffiċjali tal-gvern
Il-Bangladesh	14.09.2023	Is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Bangladesh, b'mod partikolari l-każ ta' Odhikar
Iċ-Ċina+	15.12.2022	It-trażżin mill-gvern Ċiniż tal-protesti paċifiċi madwar ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina
Hong Kong	15.06.2023	Dwar id-deterjorament tal-libertajiet fundamentali f'Hong Kong, b'mod partikolari l-każ ta' Jimmy Lai
L-Indja	13.07.2023	Dwar l-Indja, is-sitwazzjoni f'Manipur
L-Iran+	19.01.2023	Ir-risposta tal-UE għall-protesti u l-eżekuzzjonijiet fl-Iran
L-Iran	16.03.2023	L-Iran: b'mod partikolari l-avvelenament ta' mijiet ta' tfal tal-iskola bniet
L-Iran	23.11.2023	L-aktar attakki reċenti kontra n-nisa u d-difensuri tad-drittijiet tan-nisa fl-Iran, u d-detenzjoni arbitrarija ta' ċittadini tal-UE f'dan il-pajjiż
Il-Kirgistan	13.07.2023	Ir-repressjoni tal-media u tal-libertà tal-espressjoni fil-Kirgistan
Il-Myanmar	11.05.2023	Il-Myanmar, b'mod partikolari x-xoljiment tal-partiti politiċi demokratiċi
L-Uzbekistan	04.10.2023	L-Uzbekistan
<i>L-Ewropa u l-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant</i>		
L-Armenja/l-Azerbajġan+	19.01.2023	Il-konsegwenzi umanitarji tal-imblokk fin-Nagorno-Karabakh
L-Armenja/l-Azerbajġan	05.10.2023	Is-sitwazzjoni fin-Nagorno-Karabakh wara l-attakk tal-Azerbajġan u t-theddid kontinwu kontra l-Armenja
L-Azerbajġan	15.03.2023	Ir-relazzjonijiet UE-Azerbajġan
L-Azerbajġan	14.09.2023	Il-każ ta' Dr Gubad Ibadoghlu, inkarċerat fl-Azerbajġan
Il-Belarusija+	11.05.2023	Dwar il-Belarusija: it-trattament inuman u r-rikoveru l-isptar tal-kap tal-oppożizzjoni prominenti, Viktor

		Babaryka
Il-Belarus	13.09.2023	Ir-relazzjonijiet mal-Belarus
Iċ-Ċeċenja	05.10.2023	Il-każ ta' Zarema Musaeva fiċ-Ċeċenja
Il-Georgia	14.12.2022	Rapport annwali ta' implimentazzjoni dwar il-ftehim ta' assoċjazzjoni tal-UE mal-Georgia
Il-Georgia	23.11.2023	Il-qtil ta' Tamaz Ginturi, ċittadin Georgjan, mill-forzi ta' okkupazzjoni Russi fil-Georgia
L-Ungerija	01.06.2023	Mozzjoni għal riżoluzzjoni dwar il-ksur tal-Istat tad-Dritt u tad-drittijiet fundamentali fl-Ungerija u l-fondi ffriżati tal-UE
Il-Moldova	19.04.2023	Dwar l-isfidi li r-Repubblika tal-Moldova trid tiffaċċja
Il-Moldova	05.10.2023	Rendikont tal-progress tal-Moldova fit-triq lejn l-UE
L-Ukrajna/ir-Russja	19.01.2023	L-istabbiliment ta' tribunal għad-delitt ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna
L-Ukrajna/ir-Russja	16.02.2023	Sena wara l-invażjoni u l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna
L-Ukrajna	15.12.2022	90 sena wara l-Holodomor: Ir-rikonoxximent tal-qtil tal-massa bil-ġuħ bħala ġenoċidju
Ir-Russja	16.02.2023	Id-deterjorament reċenti tal-kundizzjonijiet diżumani tal-priġunerija ta' Alexei Navalny u tal-priġunieri politiċi l-oħra fir-Russja
Ir-Russja+	20.04.2023	Dwar ir-repressjoni fir-Russja, b'mod partikolari l-każijiet ta' Vladimir Kara-Murza u Alexei Navalny
Ir-Russja+	15.06.2023	Dwar it-tortura u l-prosekuzzjoni kriminali tal-minorenni Ukreni Tihiran Ohannisian u Mykyta Khanhanov min-naħa tal-Federazzjoni Russa
Ir-Russja	09.11.2023	L-effikaċja tas-sanzjonijiet tal-UE fuq ir-Russja
Is-Serbja/il-Kosovo	19.10.2023	L-iżviluppi reċenti fid-djalogu bejn is-Serbja u l-Kosovo, inkluża s-sitwazzjoni fil-muniċipalitajiet tat-Tramuntana fil-Kosovo
<i>Il-Lvant Nofsani</i>		

Il-Bahrain+	15.12.2022	Il-każ tad-difensur tad-drittijiet tal-bniedem Abdulhadi Al-Khawaja fil-Bahrain
Iżrael/il-Palestina	14.12.2022	Mozzjoni għal riżoluzzjoni dwar il-prospettivi għas-soluzzjoni msejsa fuq il-koeżistenza ta' żewġ Stati għal Iżrael u l-Palestina
Iżrael/il-Palestina	19.10.2023	L-attakki terroristiċi ta' stmellija mill-Hamas kontra Iżrael, id-dritt ta' Iżrael li jiddefendi ruħu f'konformità mad-dritt umanitarju u internazzjonali u s-sitwazzjoni umanitarja f'Gaża
Il-Libanu	12.07.2023	Is-sitwazzjoni fil-Libanu
Il-Palestina	12.07.2023	Relazzjonijiet mal-Awtorità Palestinjana
<i>Kwistjonijiet trażversali</i>		
Id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija	18.01.2023	Id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni - rapport annwali 2022
Il-politika estera u ta' sigurtà	18.01.2023	L-implimentazzjoni tal-politika estera u ta' sigurtà komuni - rapport annwali 2022
Il-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika	15.02.2023	Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika l-adeżjoni tal-EU
L-Istatus tan-Nisa	15.02.2023	Il-prijoritajiet tal-UE għas-67 sessjoni tal-Kummissjoni tan-NU dwar l-Istatus tan-Nisa
Id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem	16.03.2023	Il-Linji gwida tal-UE dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem
Id-dekriminalizzazzjoni universali tal-omosesswalità	20.04.2023	Dwar id-dekriminalizzazzjoni universali tal-omosesswalità, fid-dawl tal-iżviluppi reċenti fl-Uganda
Il-kompetittività industrijali, kummerċ u impjegi ta' kwalità	16.02.2023	Dwar strateġija tal-UE biex tingħata spinta lill-kompetittività industrijali, lill-kummerċ u lill-impjegi ta' kwalità
Drittijiet ugwali għall-persuni b'diżabilità	13.12.2022	Lejn drittijiet ugwali għall-persuni b'diżabilità
Indħil barrani fil-proċessi demokratiċi kollha fl-Unjoni Ewropea, inkluża d-diżinformazzjoni	01.06.2023	Indħil barrani fil-proċessi demokratiċi kollha fl-Unjoni Ewropea, inkluża d-diżinformazzjoni

L-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli	15.06.2023	L-implimentazzjoni u t-twettiq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli
Il-protezzjoni tal-ġurnalisti	11.07.2023	Il-protezzjoni tal-ġurnalisti madwar id-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni
It-tiftix u s-salvataġġ fil-Mediterran	13.07.2023	Il-ħtieġa ta' azzjoni tal-UE dwar it-tiftix u s-salvataġġ fil-Mediterran
It-tfal Rom	04.10.2023	Segregazzjoni u diskriminazzjoni tat-tfal Rom fl-edukazzjoni

ANNEX IV: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVJET KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-Rapporteur jiddikjara li rċieva kontribut mingħand l-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tnejn tar-rapport, sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat::

Entità u/jew persuna
Protection International
Intermon
Oxfam - EU Office
Oxfam Senegal
International Federation for Human Rights (FIDH)
Search for Common Ground (SFCG)
Anti-Slavery International
Cairo Institute for Human Rights Studies
Human Rights Watch
Christian Solidarity Worldwide (CSW)
Front Line Defenders
International Rehabilitation Council for Torture Victims (IRCT)
Civil Rights Defenders
International Dalit Solidarity Network (IDSN)
End FGM European Network
Scholars at Risk Network
Professor of Law, Conflict and Global Development at the University of Reading

Il-lista ta' hawn fuq tfasslet taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

07.11.2023

ITTRA TAL-KUMITAT GĦAD-DRITTJIJET TAN-NISA U L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI

Is-Sur David McAllister
President
Kumitat għall-Affarijiet Barranin
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni – rapport annwali 2023 (2023/2118(INI))

Sur President,

Skont il-proċedura inkwistjoni, il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi ngħata l-istruzzjoni li jippreżenta opinjoni lill-Kumitat tiegħek. Permezz ta' proċedura bil-miktub tat-13 ta' Lulju 2023, il-Kumitat iddeċieda li jibgħat din l-opinjoni fil-forma ta' ittra.

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi eżamina l-kwistjoni matul il-laqgħa tiegħu tas-7 ta' Novembru¹. Matul dik il-laqgħa, iddeċieda li jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin hawn taħt fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu.

Dejjem tiegħek,

Robert Biedroń

¹ Dawn li ġejjin kienu preżenti għall-votazzjoni finali: Isabella Adinolfi, Laura Ballarín Cereza, Robert Biedroń, Maria da Graça Carvalho, Rosa Estaràs Ferragut, Seán Kelly, Arba Kokalari, Alice Kuhnke, Radka Maxová, Karen Melchior, Johan Nissinen, Maria Noichl, Sirpa Pietikäinen, Samira Rafeela, Evelyn Regner, Diana Riba i Giner, Sylwia Spurek, Eleni Stavrou, Hilde Vautmans, Angelika Winzig, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska

SUĠĠERIMENTI

1. Jikkundanna r-rigress kontinwu tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, fejn il-ġurnalisti, l-attivisti u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem nisa, inklużi d-difensuri tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR), jinsabu partikolarment mhedda u fil-mira b'mod konsistenti; jiddenunzja l-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Afganistan mindu t-Talibani ħadu l-kontroll tal-pajjiż, speċjalment il-politika ta' apartheid tal-ġeneru li tfittex li toppressa d-drittijiet tan-nisa u tal-bniet; jikkundanna lill-Parlament tal-Iran talli għadda leġislazzjoni ġdida ħarxa li timponi pieni aktar ħorox fuq in-nisa li jiksru r-regoli tal-ħiġab; itenni l-appoġġ sod tiegħu għall-Moviment Nisa, Ħajja u Libertà fl-Iran; jinnota wkoll li huwa meħtieġ ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem biex demokrazija tiffunzjona; itenni t-talba tiegħu għall-implimentazzjoni sħiħa tal-GAP III u biex l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-politiki dwar it-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet isiru prijorità fir-relazzjonijiet esterni tal-UE, b'mod bilaterali kif ukoll fil-fora multilaterali; jenfasizza li r-rispett għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali jrid ikun parti indispensabbli mill-proċess ta' adegżjoni mal-UE; jenfasizza li d-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt huma interdependenti u l-valuri tal-UE jridu jiġu rispettati bis-sħiħ mill-Istati Membri kollha tal-UE; jissottolinja l-ħtieġa li l-UE tirrispetta d-drittijiet fundamentali, b'enfasi speċjali fuq id-dimensjoni esterna tagħha, sabiex tkun attur affidabbli fir-relazzjonijiet esterni Ewropej u globali, inkluż għan-nisa u l-persuni LGBTI; f'dan ir-rigward, jenfasizza li l-inizjattivi kontra l-ġeneru, antidemokratiċi u omofobiċi qed jiżdiedu fl-Istati Membri; jišhaq li ż-żoni mingħajr LGBTI introdotti fil-Polonja fl-2019, u l-qtil omofobiku fis-Slovakkja ma għandhom l-ebda post fl-unjoni tagħna u jistieden lill-partiti populistici f'dawk l-Istati Membri rispettivi jirrispettaw id-dinjità tal-individwu permezz tat-tolleranza; jinnota r-rigress dejjem jiżdied fis-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, li huma drittijiet fundamentali, u jenfasizza li l-attakki fuq l-SRHR huma tattika stabbilita ta' atturi antidemokratiċi biex ikomplu jnaqqsu d-drittijiet u l-libertajiet fl-Unjoni Ewropea u internazzjonalment;
2. Jišhaq li n-nisa u l-bniet, inklużi l-persuni LGBTI, huma aktar vulnerabbli fil-kunflitti; jikkundanna l-gwerra mhux provokata u illegali tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-konsegwenzi sproporzjonati tagħha għan-nisa u l-bniet; jirrikonoxxi l-kuraġġ tas-soldati nisa u n-nisa Ukreni li jipprovdu appoġġ mhux għall-kumbattiment, li jikkostitwixxu t-tieni linja ta' difiża fuq il-post; jappella sabiex ir-Russja tinżamm responsabbli għall-ksur kollu tad-drittijiet tal-bniedem kontra n-nisa u l-bniet, inklużi, iżda mhux biss, il-każijiet kollha ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru bħalma huma l-vjolenza sesswali u l-istupru; jitlob li jiġi żgurat li l-vittmi kollha jkollhom aċċess għall-ġustizzja;
3. Jikkundanna bil-qawwa l-forom kollha ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru u jappella sabiex tittieħed azzjoni deċiżiva biex tintemm il-vjolenza sesswali bħala arma tal-gwerra, sabiex jiġu protetti u meġhuna l-vittmi u sabiex jiżdied l-aċċess tagħhom għall-ġustizzja; jinnota li f'konformità mar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1820 (2008), l-istupru u forom oħra ta' vjolenza sesswali jistgħu jikkostitwixxu delitt tal-gwerra, delitt kontra l-umanità, jew att kostitutiv fir-rigward tal-ġenoċidju; jistieden lill-Istati Membri jikkonformaw mal-obbligi tagħhom għall-prosekuzzjoni tal-persuni responsabbli għal tali atti u jenfasizza l-importanza li tintemm l-impunità; jinnota bi tħassib l-użu tal-mutilazzjoni ġenitali femminili, iż-żwiġijiet tat-

tfal u ż-żwiġijiet furzati, il-vjolenza bbażata fuq l-unur, il-“pulizija tal-moralità” u t-traffikar tan-nisa u l-bniet; jilqa’ l-adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni ta’ Istanbul u jhegheg lill-pajjiżi kollha fl-Ewropa jimplimentawha; jisħaq fuq l-importanza li l-vjolenza abbażi tal-ġeneru tiġi identifikata bħala qasam ta’ kriminalità skont l-Artikolu 83(1) tat-TFUE u jtenni li l-istupru abbażi tan-nuqqas ta’ kunsens jeħtieġ li jiġi kriminalizzat fl-ambitu tad-dritt tal-UE;

4. Jisħaq li n-nisa u l-bniet minn minoranzi etniċi, reliġjużi u ta’ twemmin huma saħansitra aktar vulnerabbli għall-vjolenza u d-diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru; jaċċentwa d-diskriminazzjoni persistenti tal-persuni LGBTI+ u jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jikkundannaw b’mod inekwivoku kwalunkwe stigmatizzazzjoni, ir-reati ta’ mibegħda u d-diskors ta’ mibegħda, il-persekuzzjoni, l-hekk imsejħa “terapiji ta’ konverżjoni”, il-mutilazzjoni ġenitali intersesswali, l-istupru korrettiv u kull forma ta’ vjolenza;
5. Jisħaq li l-SRHR huma drittijiet tal-bniedem u jridu jiġu rispettati mill-Istati Membri tal-UE, f’konformità mal-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, u jinsab imħasseb ħafna dwar ir-rigress globali fir-rigward tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-SRHR, inkluż fl-UE; jikkundanna d-deċiżjoni ta’ Ottubru 2020 tat-Tribunal Kostituzzjonali Pollakk u d-deċiżjoni tal-Gvern Ungeriż li jġiegħel lil dawk li jkunu jridu jagħmlu abort jisimgħu t-taħbit tal-qalb tal-fetu, u jappella sabiex dawn jitreġġgħu lura minnufih; jenfasizza l-importanza li jingħata l-eżempju u jtenni t-talbiet tiegħu biex id-dritt għal abort legali u sikur jiġi inkorporat fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE; jistieden lill-UE tagħti prijorità lill-aċċess għall-SRHR bħala parti mill-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-kisba tal-għanijiet ta’ żvilupp sostenibbli; jappella sabiex jingħata appoġġ lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili involuti fil-promozzjoni u l-iffaċilitar tal-aċċess għall-SRHR, li l-ħidma tagħhom hija mhedda minn spazju tas-soċjetà ċivili li qed jiċkien; jaċċentwa l-ħtieġa ta’ għajjnuna umanitarja sensittiva għall-ġeneru sabiex tkun tista’ tilħaq lil dawk vulnerabbli l-aktar fil-bżonn; jappella għal aċċess universali għas-servizzi tal-SRHR, u b’mod partikolari għall-aċċessibbiltà taċ-ċentri tas-saħħa tal-SRHR, inklużi l-ippjanar komprensiv tal-familja, il-kontraċezzjoni u informazzjoni imparzjali, il-kura qabel it-twelid, matul il-ħlas u wara t-twelid, kif ukoll il-kura tal-HIV, inkluża l-medikazzjoni PEP/PEP; jafferma mill-ġdid li ċ-ċaħda ta’ servizzi tal-SRHR ta’ kwalità u komprensivi hija forma ta’ vjolenza abbażi tal-ġeneru; jenfasizza li n-nisa u l-bniet jeħtieġu aċċess kontinwu għas-servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva matul il-kunflitti u l-ispostamenti, inkluż l-aċċess għal ħlas sikur, għal servizzi ta’ ppjanar tal-familja, għal abort legali u sikur jew għal ġestjoni klinika tal-istupru; jappella sabiex isiru disponibbli fondi għall-forniment ta’ servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva essenzjali u li jsalvaw il-ħajja, f’konformità mal-Pakkett tas-Servizzi Inizjali Minimi tan-NU; jikkundanna tentattivi kontinwi oħra biex jiġi stigmatizzat u mnaqqas l-aċċess għall-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva; jikkundanna t-theddid, l-attakki u l-pieni kollha kontra attivisti li jgħinu lin-nisa jaċċessaw il-kontraċezzjoni jew l-abort, bħall-kundanna ta’ Justyna Wydrzynska fil-Polonja f’Marzu 2023;
6. Jaċċentwa l-importanza li jiġi żgurat aċċess għal edukazzjoni ta’ kwalità għall-bniet u li jiġu żgurati opportunitajiet indaqs, bħala prekondizzjoni għat-tiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tagħhom; itenni l-importanza ta’ edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità xierqa għall-età, ibbażata fuq l-evidenza, kemm fl-UE

kif ukoll lil hinn minnha, biex jinqerdu l-istereotipi marbuta mal-ġeneru u n-normi soċjetali dannużi; jinnota li l-edukazzjoni komprensiva, inkluża iżda mhux biss l-edukazzjoni xjentifika bħas-suġġetti STEM, hija importanti biex jinkisbu l-ħiliet, ix-xogħol deċenti u l-impjiegi tal-futur, kif ukoll biex jtkissru l-istereotipi u l-preġudizzji marbuta mal-ġeneru.

**ANNEX: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI
LI R-RAPPORTEUR IRĊEVJET KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

Il-lista li ġejja tfasslet taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-Rapporteur. Ir-Rapporteur irċeviet kontribut mingħand l-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tnejn tal-opinjoni, sal-adozzjoni tagħha fil-kumitat:

Entità u/jew persuna
Ir-rapporteur tiddikjara li ma rċeviet l-ebda kontribut minn xi entità jew persuna.
Rapporteur: Arba Kokalari

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

Data tal-adozzjoni	28.11.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 42 -: 7 0: 9
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Alexander Alexandrov Yordanov, Maria Arena, Petras Auštrevičius, Traian Băsescu, Fabio Massimo Castaldo, Włodzimierz Cimoszewicz, Anna Fotyga, Michael Gahler, Kinga Gál, Sunčana Glavak, Raphaël Glucksmann, Klemen Grošelj, Bernard Guetta, Márton Gyöngyösi, Sandra Kalniete, Andrius Kubilius, Jean-Lin Lacapelle, David Lega, Pedro Marques, David McAllister, Sven Mikser, Francisco José Millán Mon, Alessandra Moretti, Matjaž Nemeč, Demetris Papadakis, Kostas Papadakis, Thijs Reuten, Nacho Sánchez Amor, Isabel Santos, Mounir Satouri, Andreas Schieder, Jordi Solé, Dominik Tarczyński, Hermann Tertsch, Viola von Cramon-Taubadel, Thomas Waitz, Witold Jan Waszczykowski, Charlie Weimers, Isabel Wiseler-Lima, Salima Yenbou, Tomáš Zdechovský, Bernhard Zimniok, Željana Zovko
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Vladimír Bilčík, Jakop G. Dalunde, Loucas Furlas, Christophe Grudler, Anja Ħaġa, Andrey Kovatchev, Georgios Kyrtos, María Soraya Rodríguez Ramos, Bert-Jan Ruissen, Mick Wallace, Elena Yoncheva, Milan Zver
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Clare Daly, Mónica Silvana González, Miguel Urbán Crespo

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

42	+
NI	Fabio Massimo Castaldo
PPE	Alexander Alexandrov Yordanov, Traian Băsescu, Vladimír Bilčík, Loucas Fourlas, Michael Gahler, Anja Ħaġa, Sandra Kalniete, Andrey Kovatchev, Andrius Kubilius, David Lega, David McAllister, Francisco José Millán Mon, Isabel Wiseler-Lima, Tomáš Zdechovský, Milan Zver
Renew	Petras Auštrevičius, Klemen Grošelj, Christophe Grudler, Bernard Guetta, Georgios Kyrtosos, María Soraya Rodríguez Ramos, Salima Yenbou
S&D	Maria Arena, Włodzimierz Cimoszewicz, Raphaël Glucksmann, Mónica Silvana González, Pedro Marques, Sven Mikser, Alessandra Moretti, Matjaž Nemeč, Demetris Papadakis, Thijs Reuten, Nacho Sánchez Amor, Isabel Santos, Andreas Schieder, Elena Yoncheva
Verts/ALE	Jakop G. Dalunde, Mounir Satouri, Jordi Solé, Viola von Cramon-Taubadel, Thomas Waitz

7	-
ECR	Hermann Tertsch
ID	Jean-Lin Lacapelle, Bernhard Zimniok
NI	Kínga Gál, Márton Gyöngyösi
PPE	Sunčana Glavak, Željana Zovko

9	0
ECR	Anna Fotyga, Bert-Jan Ruissen, Dominik Tarczyński, Witold Jan Waszczykowski, Charlie Weimers
NI	Kostas Papadakis
The Left	Clare Daly, Miguel Urbán Crespo, Mick Wallace

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni